

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

FINALI
A6-0293/2007

23.7.2007

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija
(COM(2006)0604 – C6-0355/2006 – 2006/0197(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Reino Paasilinna

Rapporteur għal opinjoni (*):

- Erna Hennicot-Schoepges, Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

(*) Koperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-kumitati – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Pàġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW **Error!**
Bookmark not defined.

NOTA SPJEGATTIVA **Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI (*) **Error!**
Bookmark not defined.

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠIT **Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT **Error! Bookmark not**
defined.

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI **Error! Bookmark not**
defined.

PROCĊEDURA **Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija
(COM(2006)0604 – C6-0355/2006 – 2006/0197(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0604)¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u 157 (3), skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0355/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0293/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Iqis li l-kompatibilità tal-proposta tal-Kummissjoni ma' l-oġġla limiti tal-Qafas Finanzjarju Plurijennali (MFF) mhix żgurata;
 3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jibda negozjati mal-Parlament kemm dwar l-iffinanzjar ta' l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (IET), skond l-Artikolu 47 ta' l-IIA, kif ukoll dwar l-iffinanzjar tal-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjon (KICs), u juża l-possibilitajiet kollha li toffri l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006;
 4. Ifakkar li l-pożizzjoni ma tiddeterminax minn qabel ir-riżultat tal-proċedura stipulata fil-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 li tapplika għat-twaqqif ta' l-IET;
 5. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi tal-Parlament

Emenda 1
Premessa 2 a (ġdida)

¹ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

(2a) Sabiex isaħħaħ b'mod effettiv ir-rabta u l-konnessjonijiet bejn l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni, it-trasferiment ta' dawn it-tliet komponenti għall-kuntest industrijali u l-applikazzjoni tagħhom għandhom jingħataw prijorità u jsiru l-punt ewlieni ta' l-azzjonijiet ta' l-IET.

Emenda 2
Premessa 4

(4) Hemm bżonn ta' inizjattiva ġdida fil-livell Komunitarju, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija (l-IET)" biex tikkomplimenta l-politiki u l-inizjattivi Komunitarji u nazzjonali eżistenti permezz tat-trawwim ta' l-integrazzjoni tat-triangolu ta' l-għarfien - l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni - madwar l-UE.

(4) Hemm bżonn ta' inizjattiva ġdida fil-livell Komunitarju, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Istitut Ewropew **għall-Innovazzjoni u** għat-Teknoloġija (l-IET)" **li titwaqqaf** biex tikkomplimenta l-politiki u l-inizjattivi Komunitarji u nazzjonali eżistenti permezz tat-trawwim ta' l-integrazzjoni tat-triangolu ta' l-għarfien - l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni - madwar l-UE **u b'hekk tiffaċilita l-koperazzjoni u l-iskambju, filwaqt li toħloq sinerġiji bejn ċentri ta' eċċellenza u SMEs b'mod partikulari.**

Emenda 3
Premessa 6

(6) L-IET għandu jkollu l-għan li jagħti sehmu għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Komunità u ta' l-Istati Membri, billi jinvolti bis-sħiħ l-attivitajiet ta' edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni fl-ogħla standards internazzjonali.

(6) L-IET għandu jkollu l-għan **ewlieni** li jagħti sehmu għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Komunità u ta' l-Istati Membri, billi jinvolti bis-sħiħ l-attivitajiet ta' edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni **fi** standards internazzjonali **għolja, bil-għan li jiffaċilita u jsaħħaħ in-netwerking u l-koperazzjoni u joħloq sinerġiji bejn komunitajiet ta' l-innovazzjoni fl-Ewropa.**

Ġustifikazzjoni.

L-iffaċilitar tal-koperazzjoni se jġib valur miżjud lill-IET permezz ta' l-effetti ta' sinerġija naturali li jinħolqu f'sistema dinamika u flessibbli.

Emenda 4
Premessa 7

(7) Permezz tal-Bord tat-Tmexxija, l-IET għandha tidentifika sfidi strateġiċi fit-tul għall-innovazzjoni fl-Ewropa, partikolarment f'oqsma trans- u interdixiplinarji inklużi dawk diġà identifikati fil-livell Ewropew, u għandu jipprovdi proċess ta għażla trasparenti u bbażat fuq l-eċċellenza għall-Komunitajiet ta l-Għarfien u l-Innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem *imsejħa* “KICs”) f'dawn l-oqsma; sħubija fil-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET għandha tibbilanċja l-esperjenza mid-dinja tan-negozju u d-dinja akkademika/tar-riċerka.

(7) Permezz tal-Bord tat-Tmexxija, l-IET għandha tidentifika sfidi strateġiċi fit-tul għall-innovazzjoni fl-Ewropa, partikolarment f'oqsma trans- u interdixiplinarji inklużi dawk diġà identifikati fil-livell Ewropew ***fl-Aġendi Strateġiċi għar-Riċerka tal-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej (PTEs) u l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (ITKs) kif ukoll proġetti ta' raggruppament ta' l-inizjattiva intergovernattiva ta' l-EUREKA viċin is-suq***, u għandu jipprovdi proċess ta għażla trasparenti u bbażat fuq l-eċċellenza għall-Komunitajiet ta l-Għarfien u l-Innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem *imsejħa* “KICs”) f'dawn l-oqsma; sħubija fil-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET għandha tibbilanċja l-esperjenza mid-dinja tan-negozju u d-dinja akkademika/tar-riċerka.

Ġustifikazzjoni.

Sabiex jiġu identifikati l-isfidi strateġiċi ta' l-innovazzjoni li jridu jiġu indirizzati mill-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KICs), għandu jsir użu tajjeb mill-objettivi strateġiċi u l-prijoritajiet tematiċi identifikati mill-industrija u minn partijiet involuti oħra mill-komunità tar-riċerka u l-iżvilupp fl-Aġendi Strateġiċi għar-Riċerka tal-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej u l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti, kif ukoll proġetti ta' raggruppament ta' l-inizjattiva intergovernattiva ta' l-EUREKA viċin is-suq. Barra minn hekk, ladarba dawn jintgħażlu, il-KICs għandhom jistabbilixxu konnessjonijiet ċari ma' inizjattivi rilevanti fil-livell Ewropew.

Emenda 5 Premessa 7a (ġdida)

(7a) Għandhom jiġu garantiti l-libertà akkademika u l-libertà tal-kummerċ għall-IET u l-KICs tiegħu sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw il-kultura imprenditorjali u innovattiva proprja tagħhom.

Ġustifikazzjoni.

L-istituti tar-riċerka, l-universitajiet u l-fundazzjonijiet Ewropej bl-akbar suċċess dejjem jagħżlu l-eċċellenza, jiffinanzjawha u mbagħad ikollhom fiduċja li se jkollhom riżultati tajbin. L-awtonomija, il-fiduċja u l-possibiltà ta' l-esperimentazzjoni se jkun kruċjali għas-suċċess ta' l-IET sabiex dan jagħti riżultati innovattivi kuraġġużi.

Emenda 6
Premessa 7b (ġdida)

7b (ġdida) Jeħtieġ li jkun hemm fażi pilota, b'ammont limitat ta' KICs, sabiex issir evalwazzjoni xierqa ta' l-operat ta' l-IET u tal-KICs u sabiex jiddaħħal it-titjib fejn meħtieġ. Matul din il-fażi pilota, il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħżel KICs f'oqsma li jgħinu lill-UE biex jiffaċċjaw l-isfidi ta' issa u tal-ġejjieni, bħal ma huma l-bidla fil-klima, il-mobilità sostenibbli, l-effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija jew il-ġenerazzjoni li jmiss tat-teknoloġiji ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni (ICT).

Emenda 7
Premessa 8

Sabiex jagħti sehm u għall-kompetittività u għat-tisħiħ ta' l-attrazzjoni internazzjonali ta' l-ekonomija Ewropea, l-IET għandu jkun kapaċi jattira organizzazzjonijiet sħab, riċerkaturi u studenti minn madwar id-dinja kollha u jikkoopera ma' organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi.

(8) Sabiex jagħti sehm u għall-kompetittività u għat-tisħiħ ta' l-attrazzjoni internazzjonali ta' l-ekonomija Ewropea, **u sabiex il-kapaċità għall-innovazzjoni Ewropea tkun aktar evidenti**, l-IET għandu jkun kapaċi jattira organizzazzjonijiet sħab, riċerkaturi u studenti minn madwar id-dinja kollha u jikkoopera ma' organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi **billi jinkoraġġixxi l-mobilità għar-riċerkaturi u għall-istudenti.**

Emenda 8
Premessa 8a (ġdida)

(8a) Billi l-IET għandu jkun mudell per eċċellenza għall-innovazzjoni Ewropea u għar-riċerka, għandu jkun jinsab qrib ta' ċentri eżistenti ta' eċċellenza Ewropea u ta' reputazzjoni akkademika sabiex jibbenefika bl-aħjar mod mill-infrastruttura eżistenti.

Ġustifikazzjoni.

B'konformità mas-sejħa tal-President Barroso għal IET, l-entitajiet governattivi tiegħu għandhom ikunu qrib jew ġo żona ta' importanza Ewropea.

Emenda 9
Premessa 8 b (ġdida)

(8b) Sabiex ikun aktar attraenti, l-IET, flimkien ma' l-istituzzjonijiet imsieħba, għandu joħloq struttura xierqa li tagħti çans lill-istudenti u lill-gradwati li jiksbu apprendistat u/jew reklutaġġ f'organizzazzjonijiet imsieħba ewlenin fi ħdan il-KICs.

Emenda 10
Premessa 9

(9) L-IET għandu primarjament jopera permezz ta' sħubijiet strateġiċi *fit-tul imsejsa fuq l-eċċellenza fuq* bażi inter- u/jew trans-dixxiplinarji ta' interess ekonomiku u soċjetarju għall-Ewropa. Dawn is-sħubijiet għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET u jiġu *indikati* bħala KICs. Ir-relazzjonijiet ta' bejn l-IET u l-KICs għandhom ikunu bbażati fuq ftehimiet kuntrattwali, li jistabbilixxu d-drittijiet u d-dmirijiet tal-KIC's, jiżguraw livell adegwat ta' koordinament u jfasslu l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' l-attivitajiet u r-riżultati tal-KICs.

(9) L-IET għandu primarjament jopera permezz ta' sħubijiet strateġiċi fit-tul fuq bażi inter- u/jew trans-dixxiplinarji ta' interess ekonomiku u soċjetarju għall-Ewropa. Dawn is-sħubijiet għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET u jiġu *msemmija* bħala KICs. ***Filwaqt li huma legalment awtonomi***, ir-relazzjonijiet ta' bejn l-IET u l-KICs għandhom ikunu bbażati fuq ftehimiet kuntrattwali, li jistabbilixxu d-drittijiet u d-dmirijiet tal-KIC's, jiżguraw livell adegwat ta' koordinazzjoni u jfasslu l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' l-attivitajiet u r-riżultati tal-KICs.

Emenda 11
Premessa 10

(10) Hemm bżonn li l-edukazzjoni tiġi sostnuta bħala komponent integrali, għalkemm spiss nieqes, ta' strateġija ta' innovazzjoni komprensiva. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li l-lawrji u d-diplomi mogħtija *permezz* tal-KICs għandhom ikunu lawrji u diplomi ta' l-IET. L-IET għandu jippromwovi r-rikonoxximent ***tal-grad*** u d-diplomi ta' l-IET fl-Istati Membri. Dawn l-attivitajiet kollha għandhom jitwettqu bla ħsara għad-Direttiva

(10) Hemm bżonn li l-edukazzjoni tiġi sostnuta bħala komponent integrali, għalkemm spiss nieqes, ta' strateġija ta' innovazzjoni komprensiva. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li l-***kwalifiki*** mogħtija ***mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li huma sħab tal-KICs*** għandhom ***ikollhom il-marka ta'*** l-IET. L-IET għandu jippromwovi r-rikonoxximent ***tal-kwalifiki ta'*** l-IET ***li għandhom il-marka tiegħu ta' eċċellenza mill-Istati Membri***. Dawn l-

2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali.

attivitajiet kollha għandhom jitwettqu bla ħsara għad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali.

Emenda 12
Premessa 11

(11) L-IET għandu jistabbilixxi linji gwida għall-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali, li għandhom irawmu l-użu tal-proprjetà intellettuali taħt kondizzjonijiet adatti, inkluż permezz tal-ħruġ ta' liċenzji; jipprovdi inċentivi xierqa għall-IET u s-sħab, inklużi l-individwi involuti, il-KICs u organizzazzjonijiet sħab kif ukoll għall-ispin-offs u għall-esplojtazzjoni kummerċjali. Fejn attivitajiet ikunu ffinanzjati taħt il-Programmi ta' Qafas Komunitarji għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, japplikaw ir-regoli ta' dawk il-programmi.

(11) L-IET għandu jistabbilixxi linji gwida ***ċari u trasparenti*** għall-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali, li għandhom ***iqisu b'mod xieraq il-kontribuzzjonijiet ta' organizzazzjonijiet imsieħba varji tal-KICs u jawmu*** l-użu tal-proprjetà intellettuali taħt kondizzjonijiet adatti, inkluż permezz tal-ħruġ ta' liċenzji jipprovdi inċentivi xierqa għall-IET u s-sħab, inklużi l-individwi involuti, il-KICs u organizzazzjonijiet sħab kif ukoll għall-ispin-offs u għall-esplojtazzjoni kummerċjali. Fejn attivitajiet ikunu ffinanzjati taħt il-Programmi ta' Qafas Komunitarji għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, japplikaw ir-regoli ta' dawk il-programmi.

Ġustifikazzjoni.

Billi l-industrija hija mistennija ttiprovdi parti ewlenija tar-riżorsi tal-KICs, ikun kontroproduttiv jekk l-industrija jkollha tħallas darbtejn: min-naħa ta' l-input permezz ta' l-iffinanzjar konġunt ta' l-attivitajiet tal-KICs u min-naħa ta' l-output billi jkollha tħallas il-prezz sħiħ għall-kisba, jew għad-dritt għall-aċċess, tar-riżultati tal-KICs. Sabiex jiġi żgurat li l-industrija tkun lesta tisfrutta r-riżultati mill-KICs għat-tkabbir u għall-impjeg, għandhom jitqiesu b'mod xieraq il-kontributi finanzjarji u oħrajn ta' l-organizzazzjonijiet imsieħba varji meta jitfasslu d-dispożizzjonijiet tal-proprjetà intellettuali għall-KICs.

Emenda 13
Premessa 11a (ġdida)

Sabiex tiġi garantita koperazzjoni strutturata u skambji regolari ta' fehmiet, l-IET għandu jiżgura djalogu regolari bejn il-KICs u s-soċjetà ċivili.

Emenda 14
Premessa 12

(12) ***Iridu jsiru*** d-dispożizzjonijiet xierqa ***biex*** jiggwarantixxu r-responsabilità u t-

(12) Dispożizzjonijiet xierqa ***li*** jiggwarantixxu r-responsabilità, ***l-awtonomija***

trasparenza ta' l-IET. ***Ir-regoli adatti li jiggvernaw it-tħaddim tiegħu*** jiġu adottati fl-Istatuti ta' l-IET.

u t-trasparenza ta' l-IET ***għandhom*** jiġu adottati fl-Istatuti ta' l-IET.

Emenda 15
Premessa 13

(13) Sabiex jiġu garantiti l-awtonomija u l-indipendenza fil-ħidma ta' l-IET, l-IET għandu jamministra l-baġit tiegħu stess li d-dħul tiegħu għandu jinkludi kontribuzzjoni mill-Komunità kif ukoll kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u organizzazzjonijiet privati, entitajiet jew istituzzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali, dħul iġġenerat mill-attivitajiet ***jew doti*** ta' l-IET stess. L-IET ***għandu dejjem jipprova jattira kontribut finanzjarju ikbar*** mill-organizzazzjonijiet privati.

(13) Sabiex jiġu garantiti l-awtonomija u l-indipendenza fil-ħidma ta' l-IET, l-IET għandu ***jkollu personalità legali u*** jamministra l-baġit tiegħu stess li d-dħul tiegħu għandu jinkludi kontribuzzjoni mill-Komunità kif ukoll kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u organizzazzjonijiet privati, entitajiet jew istituzzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali, dħul iġġenerat mill-attivitajiet ta' l-IET stess ***li jkunu konnessi ma' l-immaniġġjar tal-proprjetà intellettwali jew mid-doti tiegħu***. L-IET għandu jipprova jattira kontribut finanzjarju ***dejjem akbar*** mill-organizzazzjonijiet privati.

Ġustifikazzjoni.

Il-personalità legali ta' l-IET, kif stipulata fil-proposta tal-Kummissjoni, hija aspett importanti ta' l-awtonomija tiegħu, fid-dawl tal-pjan tal-firxa wiesgħa ta' l-attivitajiet tiegħu. Ir-riżorsi li jirriżultaw mill-immaniġġjar tal-proprjetà intellettwali għandhom ikunu sors vitali ta' dħul għall-IET.

Emenda 16
Premessa 15

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas finanzjarju għall-perjodu 2008 sa l-2013 li se jkun il-punt ewlieni ta' riferiment għall-awtorità baġitarja, fi ħdan it-tifsira tal-punt 37 tal-*Ftehim Interistituzzjonali* tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda.

(15) Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas finanzjarju għall-perjodu 2008 sa l-2013. ***Madankollu, minħabba l-punt 14*** tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda, ***l-ebda att adottat bil-proċedura ta' kodeċiżjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill jew att adottat mill-Kunsill li jinvolvi li jinqabżu l-allokazzjonijiet disponibbli fil-baġit jew l-allokazzjonijiet disponibbli fil-qafas finanzjarju ma jistgħu jiġu implimentati f'termini finanzjarji sakemm il-baġit ma***

jiġix emendat u, jekk ikun hemm hteġa, sakemm il-qafas finanzjarju ma jiġix rivedut kif xieraq skond il-proċedura rilevanti għal kull wieħed minn dawn il-każi .

Emenda 17
Premessa 16

(16) L-IET huwa entità stabbilita mill-Komunitajiet fis-sens ta' l-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u għandu jadotta r-regolamenti finanzjarji skond dan.

(16) L-IET huwa entità stabbilita mill-Komunitajiet fis-sens ta' l-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ***u l-punt 47 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-immaniġġjar finanzjaru sod*** u għandu jadotta r-regolamenti finanzjarji ***xierqa*** skond dan.

Ġustifikazzjoni.

L-IET, kif propost mill-Kummissjoni, huwa strutturat bħal Aġenzija. Dan il-fatt għandu jiġi enfasizzat fil-bażi legali maħsuba minn dan ir-regolament.

Emenda 18
Premessa 17

(17) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta programm ta' ħidma trijennali li jista' jiġi emendat u aġġornat li għandu jiġi eżaminat mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-komplimentarjetà mal-politiki *u l-istrumenti* Komunitarji, u rapport annwali, inkluża dikjarazzjoni kompluta tal-kontijiet li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni u ***kkomunikata*** lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti ta' l-Awdituri.

(17) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta programm ta' ħidma trijennali li jista' jiġi emendat u aġġornat li għandu jiġi eżaminat mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-komplimentarjetà mal-politiki *u l-istrumenti* Komunitarji, u rapport annwali, inkluża dikjarazzjoni kompluta tal-kontijiet li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti ta' l-Awdituri.

Emenda 19
Premessa 19

(19) *Huwa xieraq li l-operat ta' l-IET jiġi rivedut b'intervalli regolari.*

(19) *Billi l-IET huwa inizjattiva ġdida, u billi huwa diffiċli li wieħed ibassar l-effetti tiegħu, il-Kummissjoni għandha tevalwa, b'mod estensiv u regolari, l-operat u l-effetti ta' l-IET, filwaqt li tqis alternattivi oħra ta' tfassil għall-IET u, fejn meħtieġ, tagħmel proposti biex temenda r-Regolament.*

Ġustifikazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tkompli tesplora toroq oħra għall-IET u tqabbel alternattivi differenti b'mod regolari ma' dik magħżula. Waħda mill-alternattivi tista' tkun il-ħolqien ta' raggruppamenti virtwali tal-komunità ta' l-IET f'għadd żgħir ħafna ta' oqsma speċifiċi ta' importanza pubblika u xjentifika għolja (pereżempju t-tibdil fil-klima), fejn il-progress jista' jinkiseb fil-futur qrib u fejn teżisti rabta naturali bejn ir-riċerka u l-ħolqien ta' servizzi, prodotti u mudelli tal-kummerċ.

Emenda 20
Premessa 20

(20) Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentament mill-Istati Membri, u minħabba raġunijiet tad-daqs u tat-trans-nazzjonalità, jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(20) Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentament mill-Istati Membri **meta dawn joperaw b'mod individwali**, u minħabba raġunijiet tad-daqs u tat-trans-nazzjonalità, jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

Emenda 21
Premessa 20 a (ġdida)

(20a) Il-proposta għall-IET tressqet wara l-adozzjoni tal-qafas finanzjarju plurijennali

u l-adozzjoni tal-programmi Komunitarji plurijennali fil-kodeċiżjoni. Il-fondi allokatu għal programmi oħra tal-Komunità fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni m'għandhomx jintużaw biex jiffinanzjaw l-IET, u l-possibiltajiet kollha offruti mill-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 għandhom jiġu esplorati.

Ġustifikazzjoni.

Irid jinstab iffinanzjar għdid għal din l-inizjattiva u kwalunkwe fondi tal-Komunità għadhom ikunu addizzjoni għall-programmi eżistenti.

Emenda 22
Artikolu 1

Qiegħed jitwaqqaf Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (minn hawn 'il quddiem "l-IET").

B'hekk qiegħed jitwaqqaf Istitut Ewropew ***ta' l-Innovazzjoni*** u tat-Teknoloġija (minn hawn 'il quddiem "l-IET"). ***Huwa entità mwaqqfa skond l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u l-Punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u t-tmexxija finanzjarja soda.***

(Il-bidla ta' l-isem hija emenda orizzontali. Il-bqija tat-test għandu jiġi adattat kif xieraq.)

Emenda 23
Artikolu 2, punt 1

1. "Innovazzjoni" tfisser il-proċess u r-riżultati ta' dan il-proċess li permezz tagħhom ideat ġodda jkunu ta' tweġiba għad-domanda soċjetarja u ekonomika u jiġġeneraw prodotti, servizzi, jew mudelli ta' negozju ġodda li jiġu introdotti b'suċċess f'suq eżistenti jew li jkunu kapaċi joħolqu swieq ġodda.

1. "Innovazzjoni" tfisser il-proċess u r-riżultati ta' dan il-proċess li permezz tagħhom ideat ġodda jkunu ta' tweġiba għad-domanda soċjetarja u ekonomika u jiġġeneraw prodotti, servizzi, jew mudelli ***organizzattivi*** ta' negozju ġodda li jiġu introdotti b'suċċess f'suq eżistenti jew li jkunu kapaċi joħolqu swieq ġodda.

Emenda 24
Artikolu 2, punt 2

2. "Komunità ta' Għarfien u Innovazzjoni"

2. "Komunità ta' Għarfien u Innovazzjoni"

tfisser *joint-venture ta' organizzazzjonijiet sħab, tkun xi tkun il-forma ġuridika tagħhom, magħżul u ddeżinjat mill-IET biex iwettaq fl-ogħla livell attivitajiet integrati ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni f'qasam speċifiku.*

(KIC) tfisser sħubija legalment awtonoma bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet tar-riċerka, kumpaniji u partijiet oħra involuti fil-proċess ta' innovazzjoni f'forma ta' netwerk strateġiku bi pjan konġunt għall-innovazzjoni fuq żmien medju sa żmien twil imfassal biex jikseb l-għanijiet ta' l-IET.

Or. en

Emenda 25
Artikolu 2, punt 2a (ġdid)

2a. "Stat parteċipant" tfisser Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe pajjiż li għandu ftehim mal-Komunità rigward l-IET.

Emenda 26
Artikolu 2, punt 3

3. "Università" tfisser kwalunkwe tip ta' istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla li toffri lawrji rikonoxxuti jew kwalifiki rikonoxxuti oħrajn tal-livell terzjarju, irrispettivament mid-denominazzjoni tagħha fil-kuntest nazzjonali.

3. "Istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja" tfisser kwalunkwe tip ta' istituzzjoni li toffri lawrji rikonoxxuti jew kwalifiki rikonoxxuti oħrajn tal-livell terzjarju, irrispettivament mid-denominazzjoni tagħha fil-kuntest nazzjonali.

(Din hija emenda orizzontali. Jekk tiġi adottata, l-bqija tat-test għandu jiġi adattat kif xieraq.)

Emenda 27
Artikolu 2, punt 6 a (ġdid)

6a "Kwalifiki" tfisser kwalifiki mogħtija minn universitajiet li qed jieħdu sehem fl-iskema meta jintemmu l-attivitajiet ta' l-edukazzjoni għolja.

Ġustifikazzjoni.

Għandu jiġi kkjarifikat li l-universitajiet huma responsabbli mill-għoti tal-kwalifiki.

Emenda 28

Artikolu 3

L-għan ta' l-IET huwa li ***jagħti sehmu għall***-kompetittività ***industrijali*** bit-tishiġ tal-kapaċità ta' innovazzjoni ta' l-Istati Membri u l-Komunità. Dan għandu jagħmlu billi jinvolvi u jintegra l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni fl-ogħla standards.

L-għan ta' l-IET huwa li ***jsaħħaħ il-***kompetittività ***Ewropea u jikkontribwixxu favur it-tkabbir ekonomiku sostenibbli*** bit-tishiġ tal-kapaċità ta' innovazzjoni ta' l-Istati Membri u l-Komunità. Dan għandu jagħmlu billi ***jipromwovi u jikkoordina*** l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni ***għolja*** fl-ogħla ***livelli***.

Emenda 29

Artikolu 4

1. Sabiex ***jintlaħaq*** dan ***il-għan***, l-IET għandu:

(a) ***jidentifika sfidi strateġiċi fit-tul f'oqsma ta' interess importanti potenzjali ekonomiku u soċetarju għall-Ewropa, li x'aktarx li jiġġeneraw fit-tul l-aħjar valur miżjud għall-innovazzjoni;***

(b) ***jiddefinixxi*** l-prijoritajiet ***tiegħu stess fost dawk l-isfidi, u jagħżel dawk fejn se jieħu inizjattivi u jinvesti r-riżorsi;***

(c) iqajjem kuxjenza fost organizzazzjonijiet sħab potenzjali;

(d) jagħżel u jinnomina KICs fl-oqsma ta' prijorità ***u jiddefinixxi d-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom bi ftehim;*** ifornihom bl-appoġġ xieraq; japplika miżuri xierqa ta' kontroll tal-kwalità; jimmonitorizza kontinwament u jivvaluta perjodikament l-attivitajiet tagħhom; u jiżgura livell xieraq ta' koordinament bejniethom;

(e) jimmobilizza l-fondi meħtieġa minn sorsi

1. Sabiex ***jilħaq*** l-għan ***tiegħu***, l-IET għandu:

(b) ***jidentifika l-oqsma*** ta' prijorità tiegħu;

(c) iqajjem kuxjenza fost organizzazzjonijiet sħab potenzjali ***u jipromwovi l-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tiegħu;***

(d) jagħżel u jinnomina KICs fl-oqsma ta' prijorità; ifornihom bl-appoġġ xieraq; japplika miżuri xierqa ta' kontroll tal-kwalità; jimmonitorizza kontinwament u jivvaluta perjodikament l-attivitajiet tagħhom; u jiżgura livell xieraq ta' koordinament bejniethom;

(e) jimmobilizza l-fondi meħtieġa minn sorsi

pubbliċi u privati u juża r-riżorsi tiegħu b'konformità ma dan ir-Regolament. B'mod partikolari huwa se jipprova jiġbor proporzjon dejjem *tiżdied* mill-baġit tiegħu minn sorsi privati u *mir-riżorsi* tiegħu stess;

(f) *jippromwovi* r-rikonoxximent tal-*lawrji u d-diplomi* ta' l-IET fl-Istati Membri.

2. *Tista' tiwaqqaf* Fundazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Fundazzjoni ta' l-IET"), *partikolarment fuq inizzjattiva ta' l-IET*, bil-għan speċifiku li tippromwovi u tappoġġja l-attivitajiet ta' l-IET.

L-IET jista' jagħti kontribut sa massimu ta' 3% mill-baġit annwali tiegħu lil Fundazzjoni ta' din ix-xorta.

pubbliċi u privati u juża r-riżorsi tiegħu b'konformità ma dan ir-Regolament. B'mod partikolari huwa se jipprova jiġbor proporzjon *sinifikanti u* dejjem jiżdied mill-baġit tiegħu minn sorsi privati u minn *dħul iġġenerat* mill-*attivitajiet* tiegħu stess.

(f) *jinkoraġġixxi* r-rikonoxximent tal-*kwalifiki mogħtija minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li huma msieħba fil-KICs u għandhom il-marka* ta' l-IET fl-Istati Membri;

(fa) *jipprowovi t-tixrid ta' Prattika tajba għall-integrazzjoni tat-triangolu ta' l-għarfien sabiex tiġi żviluppata kultura komuni ta' innovazzjoni b'livell ogħla ta' trasferiment ta' l-għarfien;*

(fb) *ifittex li jsir entità ta' klassi globali ta' eċċellenza fl-innovazzjoni, fl-edukazzjoni għolja u fir-riċerka;*

(fc) *jiżgura l-kumplimentarjetà u s-sinerġija bejn l-attivitajiet ta' l-IET u programmi oħra tal-Komunità;*

(fd) *jikkomplementa politiki eżistenti nazzjonali u reġjonali, strumenti u netwerks fil-qasam ta' l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni għolja fl-Ewropa;*

2. *L-IET għandu jkollu s-setgħa li jwaqqaf* Fundazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Fundazzjoni ta' l-IET") bil-għan speċifiku li tippromwovi u tappoġġja l-attivitajiet ta' l-IET.

Emenda 30
Artikolu 5, paragrafu 1

1. *Il-Komunitajiet ta' Għarfien u ta' Innovazzjoni* għandhom iwettqu b'mod partikolari:

(a) *attivitajiet u investimenti ta'*

1. *Il-KICs* għandhom iwettqu b'mod partikolari:

(a) *attivitajiet u investimenti ta'*

innovazzjoni **li jintegraw bis-sħiħ** id-dimensjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni u li jstimulaw it-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati.

(b) l-iktar riċerka avvanzata f'oqsma ta' interess ekonomiku u soċjetarju ewlieni **għal Komunità Ewropea b'potenzjal innovattiv qawwi**

(c) attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ fil-livell ta' masters u ta' dottorat, **inkluż** l-iżvilupp ta' ħliet li għandhom x'jaqsmu ma' l-innovazzjoni **u** t-titjib ta' ħliet maniġerjali u intraprenditorjali.

(d) tixrid ta' l-aħjar prassi, **b'mod partikolari rigward it-tmexxija ta' l-organizzazzjonijiet orjentati lejn** l-innovazzjoni **u** l-iżvilupp ta' kooperazzjoni **jew sħubijiet** bejn l-edukazzjoni/ir-riċerka u n-negozju.

innovazzjoni **ta' skala xierqa li joffru valur miżjud Ewropew u li għandhom** id-dimensjonijiet tar-riċerka u **ta'** l-edukazzjoni u li jstimulaw it-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati.

(b) l-iktar riċerka **teknoloġika** avvanzata **u ispirata mill-innovazzjoni** f'oqsma ta' interess ekonomiku u soċjetarju ewlieni, **ispirata mir-riżultati tar-riċerka Ewropea u nazzjonali, bil-għan li tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea fil-livell internazzjonali.**

(c) attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ fil-livell ta' masters u ta' dottorat, **kif definiti fl-Artikolu 6, f'dixxiplini li jilhqgħu l-ħtiġijiet ekonomiċi Ewropej tal-ġejjieni u li jippromwov** l-iżvilupp ta' ħliet li għandhom x'jaqsmu ma' l-innovazzjoni, it-titjib ta' ħliet maniġerjali u intraprenditorjali **u l-mobilità tar-riċerkaturi.**

(d) tixrid ta' l-aħjar prassi **fil-qasam ta'** l-innovazzjoni, **b'enfasi fuq** l-iżvilupp ta' kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni **għolja, ir-riċerka** u n-negozju.

Emenda 31

Artikolu 5, paragrafi 2 u 3

2. Se tintgħażel sħubija mill-IET biex issir KIC abbażi ta proċess kompetittiv, miġfuh u trasparenti li jinkludi l-pubblikazzjoni ta l-ispeċifikazzjonijiet u l-kondizzjonijiet fid-dettall.

L-għażla tas-sħubijiet għandha tqis bmod partikolari:

(a) il-kapaċità attwali u potenzjali ta' innovazzjoni fi ħdan is-sħubija kif ukoll l-eċċellenza tagħha fl-edukazzjoni u r-riċerka;

(b) il-kapaċità tagħha li tilħaq il-miri stabbiliti mill-IET;

2. Il-KICs għandhom ikollhom awtonomija ġenerali sostanzjali biex jiddefinixxu l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni interna tagħhom, kif ukoll il-pjan preċiż ta' l-attivitajiet u tal-metodi ta' ħidma tagħhom.

(c) kontribuzzjonijiet finanzjarji jew in natura li ngħataw lill-KIC;

(d) wirja ta' potenzjal innovattiv, inluż pjan għall-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali adatta għas-settur ikkonċernat u konsistenti mal-prinċipji u l-linji gwida ta l-IET għall-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali.

L-għażla għandha tqis ukoll:

(a) struttura operazzjonali li turi impenn għall-IET u l-miri tagħha;

(b) il-kapaċità li tiżgura ambjent tax-xogħol dinamiku, flessibbli u attraenti li jippremjja kemm is-suċċessi individwali kif ukoll daww ta' tim f'termini ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni;

(c) il-bażi li fuqhom jingħataw il-lawrji u d-diplomi inklużi l-arranġamenti biex titqies il-politika Komunitarja dwar l-Ispazju Ewropew ta' Edukazzjoni Ogħla, partikolarment f'termini ta' kompatibilità, trasparenza, rikonossiment u l-kwalità tal-lawrji u d-diplomi;

(d) il-kapaċità tas-sħubija biex taddatta u tqis il-bidliet fil-qasam tagħhom jew fil-kuntest ta' l-innovazzjoni.

Ir-riżorsi tal-KICs għandhom jiġu ġġenerati minn sorsi pubbliċi u privati. **Dawn jistgħu jinkludu b'mod partikolari l-kontribuzzjonijiet minn u/jew li għaddew mill-IET u l-kontribuzzjonijiet mill-organizzazzjonijiet sħab.**

3. Il-KICs għandu jkollhom l-għan li jkunu miftuħin għal organizzazzjonijiet msieħba ġodda, kull fejn dawn jistgħu jżidu valur għas-sħubija.

3a. Il-KICs għandhom ikunu legalment awtonomi mill-IET. Ir-relazzjoni bejn l-IET u kull KIC għandha titmexxa minn ftehim kontrattwali.

3b Kull KIC għandha tippreżenta pjan tan-negozju lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni.

Artikolu 5a

L-għażla ta' Komunitajiet ta' Għarfien u ta' Innovazzjoni

1. Għandha tintgħażel u tissemma' sħubija mill-IET biex issir KIC abbażi ta proċedura kompetittiva, miftuħa u trasparenti.

Għandhom jiġu adottati u ppubblikati kriterji dettaljati għall-għażla tal-KICs, ibbażati fuq il-prinċipji tal-kapaċità għall-eċċellenza u għall-innovazzjoni, u esperti esterni u indipendenti għandhom ikunu involuti fil-proċedura ta' l-għażla.

2. Fl-għażla ta' KIC għandhom jitqiesu dawn il-fatturi b'mod partikulari:

a) kompletament kompatibbli mil-kriterju ta' l-eċċellenza fil-paragrafu 1, il-kapaċità attwali u potenzjali għall-innovazzjoni fi ħdan is-sħubija kif ukoll l-eċċellenza potenzjali tagħha fl-innovazzjoni, l-educazzjoni għolja u r-riċerka, u b'mod partikulari l-ħila tagħha biex tinkludi dawn l-elementi fl-attivitajiet tagħha;

b) il-kapaċità tas-sħubija li tikseb l-għanijiet stipulati fl-Aġenda ta' l-Innovazzjoni Strateġika, kif stipulat fl-Artikolu 14a;

c) il-ħila tas-sħubija biex tiżgura ffinanzjar sostenibbli fuq żmien twil, inklużi l-impenji finanzjarji sostanzjali mis-settur privat;

d) il-parteċipazzjoni fis-sħubija ta' l-organizzazzjonijiet attivi fit-triangolu tar-riċerka, ta' l-educazzjoni għolja u ta' l-innovazzjoni, inklużi mill-inqas istituzzjoni waħda ta' educazzjoni għolja u kumpanija privata waħda;

e) fejn xieraq, l-eżistenza ta' pjan għall-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali adatt għas-settur ikkonċernat u konsistenti mal-prinċipji u l-linji gwida ta' l-IET għall-

ġestjoni tal-proprjetà intellettuali.

f) l-involviment u l-koperazzjoni mas-settur privat, u b'mod partikulari ma' l-SMEs u s-settur finanzjarju;

g) miżuri biex jappoġġjaw il-ħolqien ta' start-ups u spin-offs;

h) il-ħila tas-sħubija li tinteraġixxi ma' organizzazzjonijiet u ma' netwerks oħra barra mill-KIC bil-għan li taqsam il-prattiki tajba u l-eċċellenza.

3. Sabiex tkun kompletament kompatibbli mal-kriterju ta' l-eċċellenza fil-paragrafu 1, kull KIC għandu jkollha mill-inqas tliet organizzazzjonijiet sħab, li jinsabu mill-inqas f'żewġ Stati Parteciċanti differenti, u li minnhom kull wieħed ikun indipendenti mill-oħrajn, fl-ambitu ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1906/2006¹

4. KIC tista' tinkludi organizzazzjonijiet sħab li ma jkunux stabbiliti fi Stat Parteciċant, sakemm dan ikun approvat mill-Bord tat-Tmexxija.

¹ ĠU L 391, 30.12.2006, p. 5.

Emenda 33
Artikolu 5b (ġdid)

Artikolu 5b

Il-fażi pilota

1. Mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-IET għandu jagħżel u jaħtar żewġ jew tliet KICs skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5a.

2. L-IET jista' jagħżel aktar KICs wara l-adozzjoni ta' l-ewwel Aġenda Strateġika ta' l-Innovazzjoni tiegħu, b'konformità ma' l-Artikolu 14a.

Emenda 34
Artikolu 6

1. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li, fid-dixxiplini u l-oqsma fejn jitwettqu studji u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni permezz tal-KICs, **il-lawrji u d-diplomi mogħtija permezz tal-KICs għandhom ikunu lawrji u diplomi ta' l-IET.**

2. L-IET għandha tteġġeg l-**organizzazzjonijiet** sħab biex jagħtu lawrji u diplomi konġunti li jirriflettu n-natura integrata tal-KICs. Madankollu, dawn jistgħu jkunu wkoll **lawrji** mogħtija minn istituzzjoni waħda kif ukoll lawrji u diplomi doppji u multipli.

3. L-Istati Membri jikkooperaw **bir-rikonoxximent tal-lawrji u d-diplomi ta' l-IET.**

1. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li, fid-dixxiplini u l-oqsma fejn jitwettqu studji u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni permezz tal-KICs, **il-kwalifiki mogħtija mill-KICs għandu jkollhom il-marka ta' l-IET.**

2. L-IET għandu jteġġeg **l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni għolja** biex jagħtu **kwalifiki** konġunti li jirriflettu n-natura integrata tal-KICs. Madankollu, dawn jistgħu jkunu wkoll **kwalifiki** mogħtija minn istituzzjoni waħda **ta' l-edukazzjoni għolja** kif ukoll **kwalifiki** doppji u multipli.

3. L-Istati Membri **għandhom** jikkooperaw **fir-rikonoxximent tal-kwalifiki mogħtija minn istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni għolja fi ħdan il-KICs u li għandhom il-marka ta' l-IET, bla preġudizzju għad-Direttiva 2005/36/KE.**

Emenda 35
Artikolu 6, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Sħab fi ħdan KIC għandhom jikkontribwixxu favur politika għall-edukazzjoni u t-taħriġ fid-dixxiplini u l-oqsma definiti fil-kuntest ta' l-istrategġija tal-Bord tat-Tmexxija.

Emenda 36
Artikolu 6a (ġdid)

Artikolu 6a

Il-mobilità tar-riċerkaturi u ta' l-istudenti

1. Permezz ta' l-attivitajiet u tal-ħidma tiegħu, l-IET għandu jgħin fil-promozzjoni tal-mobilità fi ħdan iż-Żona Ewropea ta' l-

Edukazzjoni Għolja (skond il-ftehimiet milħuqa fil-Proċess ta' Bologna).

2. It-trasferibilità ta' l-għotjiet allokatu għall-attivitajiet tal-KICs, b'mod partikolari lir-riċerkaturi u lill-istudenti, m'għandhiex tkun garantita.

Emenda 37
Artikolu 7

1. L-IET għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu indipendentement mill-awtoritajiet nazzjonali u l-perssonijiet esterni. **Huwa għandu jkun awtonomu fl-attivitajiet ta' kuljum fir-rigward ta' l-Istituzzjonijiet Komunitarji. Membri ta' l-entitajiet ta' l-IET għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jevitaw il-kunflitti ta' interess bejn xogħolhom f'isem l-IET u attivitajiet preċedenti u attwali.**

2. L-attività ta' l-IET għandha tkun konsistenti ma' azzjoni oħra fil-livell Komunitarju, b'mod partikolari fl-oqsma ta' l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni.

3. L-IET għandu jqis sew ukoll il-politiki u l-inizjattivi fil-livelli nazzjonali u intergovernattivi.

1. L-IET għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu indipendentement mill-awtoritajiet nazzjonali u l-perssonijiet esterni.

2. L-attività ta' l-IET **u tal-KICs** għandha tkun konsistenti ma' azzjoni **u strumenti** oħra fil-livell Komunitarju, b'mod partikolari fl-oqsma ta' l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni **għolja**.

3. L-IET għandu jqis sew ukoll il-politiki u l-inizjattivi fil-livelli **reġjonali**, nazzjonali u intergovernattivi **sabiex jagħmel użu mill-aħjar prattika, kunċetti ppruvati u riżorsi eżistenti**.

Emenda 38
Artikolu 8, paragrafu 1, punt (a)

(a) Bord tat-Tmexxija magħmul minn membri ta' livell għoli b'esperjenza fin-negozju, fir-riċerka u fl-edukazzjoni, **li** għandu jkun responsabbli għall-gwida **u l-valutazzjoni** ta' l-attivitajiet ta' l-IET u l-KICs, u għad-deċiżjonijiet strateġiċi l-oħrajn kollha;

(a) Bord tat-Tmexxija magħmul minn membri ta' livell għoli b'esperjenza **fl-innovazzjoni**, fin-negozju, fir-riċerka u fl-edukazzjoni **għolja**. Għandu jkun responsabbli għall-gwida u l-valutazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-IET, **għall-għażla, in-nomina u l-evalwazzjoni tal-KICs**, u għad-deċiżjonijiet strateġiċi l-oħrajn kollha.

Emenda 39
Artikolu 8, paragrafu 1, punt (d)

(d) **Kumitat ta' Verifika li għandu jagħti** pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur għall-istrutturi ta' ġestjoni u kontroll finanzjarji u amministrattivi fi ħdan l-IET, dwar l-organizzazzjoni tal-links finanzjarji mal-KICs, u dwar kwalunkwe suġġett ieħor mitlub mill-Bord tat-Tmexxija.

(d) **Fejn xieraq, funzjoni ta' verifika interna li għandha tagħti** pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur għall-istrutturi ta' ġestjoni u kontroll finanzjarji u amministrattivi fi ħdan l-IET, dwar l-organizzazzjoni tal-links finanzjarji mal-KICs, u dwar kwalunkwe suġġett ieħor mitlub mill-Bord tat-Tmexxija.

Ġustifikazzjoni.

L-IET m'għandiex tkun obbligata li tistabbilixxi l-kumitat ta' verifika permanenti tagħha stess, iżda għandha tgawdi mill-istess flessibilità bħall-entitajiet l-oħra msemmija fl-Artikolu 185 (1) tar-regolament finanzjarju.

Emenda 40
Artikolu 8, paragrafu 2

2. Il-Kummissjoni tista' taħtar osservaturi biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat Eżekuttiv **u l-Kumitat tal-Verifika.**

2. Il-Kummissjoni tista' taħtar osservaturi biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat Eżekuttiv.

Emenda 41
Artikolu 8 a (ġdid)

Artikolu 8a

Il-Kompożizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul kemm minn membri maħtura li jipprovdu bilanċ bejn dawk b'esperjenza fin-negozju, dawk b'esperjenza akkademika u dawk b'esperjenza fir-riċerka (minn hawn 'il quddiem imsejħa: "il-membri maħtura") u membri eletti minn u minn fost l-istaff amministrattiv, tekniku, akkademiku, tar-riċerka u ta' l-innovazzjoni, u l-istudenti u l-kandidati għal dottorat, ta' l-IET u l-KICs (minn hawn 'il quddiem "il-membri

rappreżentattivi”).

2. Għandu jkun hemm 21 membru maħtur. Dawn għandu jkollhom mandat ta' 6 snin li ma jiġġeddidx. Dawn għandhom jinħatru mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' proposti magħmula minn Kumitat ta' l-Identifikazzjoni fi proċedura trasparenti li għandha tinkludi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-proċess ta' l-għażla. Il-Kumitat ta' Identifikazzjoni se jkun magħmul minn 4 esperti indipendenti ta' livell għoli maħtura mill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tqis il-bilanċ bejn l-esperjenza akkademika, fir-riċerka u fin-negozju kif ukoll il-bilanċ bejn is-sessi u l-apprezzament ta' l-ambjenti ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni madwar l-Unjoni.

4. Terz tal-membri maħtura għandhom jinbidlu kull sentejn. Membri li ż-żmien tal-mandat tagħhom jiskadi wara t-tieni u r-raba' sena wara l-ħatra inizjali tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jittellgħu bix-xorti.

5. Għandu jkun hemm 4 membri rappreżentattivi. Dawn għandu jkollhom mandat ta' 3 snin, li jiġġedded darba. Il-mandat tagħhom jieqaf jekk jitolqu mill-IET jew minn KIC. Huma għandhom jiġu ssotitwiti bl-istess proċess għall-bqija tal-mandat.

6. Il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet għall-elezzjoni u s-sostituzzjoni tal-“membri rappreżentattivi” għandhom jiġu approvati mill-Bord tat-Tmexxija fuq bażi ta' proposta mid-Direttur qabel ma tibda l-operat tagħha l-ewwel KIC. Dan il-mekkaniżmu għandu jiżgura rappreżentanza xierqa tad-diversità u għandu jqis l-evoluzzjoni ta' l-IET u l-KICs.

7. F'każ li membru tal-Bord tat-Tmexxija ma jkunx jista' jtemm il-mandat tiegħu, għandu jinħatar jew jiġi elett membru

*sostitut bl-istess proċedura tal-membri
preċedenti sabiex itemm il-mandat tiegħu.*

(Note to Translators: Underlining identifies modified text in this "converted" Annex, i.e. the only bits needing translation)

Ġustifikazzjoni.

Normalment, id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni ta' l-Aġenzija huma integrati fl-artikoli tat-test leġislattiv u mhux stipulati f'Anness. Għalhekk l-anness huwa mħassar u mdaħħal bħala artikoli.

Emenda 42
Artikolu 8b (ġdid)

Artikolu 8b

Ir-Responsabilitajiet tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jaġixxu fl-interess ta' l-IET, iħarsu l-miri u l-missjonijiet, l-identità u l-koerenza tiegħu f'indipendenza totali.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, b'mod partikolari:

(a) jiddefinixxi l-oqsma fejn għandhom jiġu stabbiliti l-KICs;

(b) japprova l-istrateġija ta' l-IET kif stipulata fil-programm tiegħu ta' ħidma trijennali li jista' jiġi emendat u aġġornat;

(ba) japprova l-baġit, il-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ tiegħu u r-rapport annwali ta' l-attivitajiet fuq bażi ta' proposta mid-Direttur;

(c) jadotta proċeduri ta' l-għażla tal-KICs li jkunu rigorużi, trasparenti u faċli biex tużahom; dawn il-proċeduri għandhom jinkludu valutazzjoni esterna minn espert u għandhom ikopru r-relazzjonijiet bejn l-IET u l-KICs;

(d) jagħżel u jinnomina sħubija bħala KIC jew jirtira n-nomina jekk ikun hemm

bżonn;

(e) jiżgura evalwazzjoni kontinwa ta' l-attivitajiet tal-KICs fuq il-bażi ta' kriterji ċari magħrufa minn qabel;

(f) jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu u dawk tal-Kumitat Eżekuttiv;

(g) għandu jiddefinixxi, bi qbil mal-Kummissjoni, l-onorarji xierqa għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Kumitat Eżekuttiv; dawn l-onorarji għandhom jitqabblu ma' dispożizzjonijiet simili fl-Istati Membri;

(h) jadotta proċedura għall-għażla tal-Kumitat Eżekuttiv, il-Kumitat tal-Verifika u d-Direttur;

(i) jaħtar, u jekk ikun meħtieġ ikeċċi, lid-Direttur, jaħtar lill-Uffiċjal tal-Kontijiet, u lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-Kumitat tal-Verifika;

(ia) jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur;

(j) jistabbilixxi fejn xieraq gruppi konsultattivi li jista' jkollhom dewmien definit;

(k) jippromwovi lill-IET globalment, ħalli jagħmlu aktar attraenti u “attur internazzjonali” għall-eċċellenza fl-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni għolja;

(l) jadotta kodiċi ta' mgħiba tajba dwar il-kunflitti ta' interess;

(m) jiddefinixxi l-prinċipji u l-linji gwida għall-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali.

(ma) japprova l-ftehma dwar il-proprietà intellettuali u saret fost il-parteċipanti tal-KIC;

(nmb) jiddeċiedi jekk jistabbilixxix funzjoni ta' verifika interna b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju Strutturali qafas għall-entitajiet imsemmjin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹.

¹ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

3. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddelega funzjonijiet speċifiċi lill-Kumitat Eżekuttiv.

4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħżel iċ-Chairperson tiegħu minn fost il-membri maħtura permezz ta' elezzjoni. Il-mandat taċ-Chairperson għandu jkun għal perjodu ta' 3 snin, li jiġġedded darba.

(Note to Translators: Underlining identifies modified text in this "converted" Annex, i.e. the only bits needing translation)

Ġustifikazzjoni.

Normalment, id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni ta' l-Aġenzija huma integrati fl-artikoli tat-test leġislattiv u mhux stipulati f'Anness. Għalhekk l-anness huwa mħassar u mdaħħal bħala Artikoli.

Emenda 43
Artikolu 8 c (ġdid)

Artikolu 8c

Kif jiffunzjona l-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta d-deċiżjonijiet b'maġġoranza sempliċi tal-membri kollha tiegħu.

Madankollu, deċiżjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 8b, paragrafi 2 (a), (b), (ba), (c),

(d) u (i) u 4 jirrikjedu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tiegħu.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiltaqa' f'sessjoni ordinarja mill-inqas tliet darbiet fis-sena, u f'sessjoni straordinarja meta jitlaqqa' miċ-Chairperson tiegħu jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu.

3. Bħala dispożizzjoni tranżitorja, il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul esklussivament minn membri maħtura sakemm ikunu jistgħu jsiru l-elezzjonijiet għall-membri rappreżentattivi, wara li titwaqqaf l-ewwel KIC.

(Note to Translators: Underlining identifies modified text in this "converted" Annex, i.e. the only bits needing translation)

Ġustifikazzjoni.

Normalment, id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni ta' l-Aġenzija huma integrati fl-artikoli tat-test leġislativi u mhux stipulati f'Anness. Għalhekk l-anness huwa mħassar u mdaħħal bħala Artikoli.

Emenda 44
Artikolu 8 d (ġdid)

Artikolu 8d

Il-Kumitat Eżekuttiv

1. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn ħames persuni fosthom iċ-Chairperson tal-Bord tat-Tmexxija li jippresjedi wkoll il-Kumitat Eżekuttiv.

L-erba' membri li mhumiex iċ-Chairperson għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-“membri maħtura”.

2. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa' fuq bażi regolari meta jitlaqqa' miċ-Chairperson tiegħu jew fuq talba tad-Direttur.

3. Il-Kumitat Eżekuttiv jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-membri

kollha tiegħu.

4. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu:

(a) jħejji l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija;

(b) jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm rikorrenti trijennali ta' ħidma;

(c) jissorvelja l-proċedura ta' l-għażla għall-KICs;

(d) jieħu kwalunkwe deċiżjonijiet delegati lil mill-Bord tat-Tmexxija.

(Note to Translators: Underlining identifies modified text in this "converted" Annex, i.e. the only bits needing translation)

Ġustifikazzjoni.

Normalment, id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni ta' l-Aġenzija huma integrati fl-artikoli tat-test leġiżlattivi u mhux stipulati f'Anness. Għalhekk l-anness huwa mħassar u mdaħħal bħala Artikoli.

Emenda 45
Artikolu 8 e (ġdid)

Artikolu 8e

Id-Direttur

1. Id-Direttur għandu jkun persuna ta' kompetenza u reputazzjoni għolja fl-oqsma li fihom jopera l-IET. Huwa għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija għal mandat ta' 4 snin. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jestendi dan il-mandat darba b'4 snin meta jqis li l-interessi ta' l-IET jinqdew l-aħjar jekk isir hekk.

2. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum ta' l-IET u għandu jkun ir-rappreżentant legali tiegħu. Huwa responsabbli quddiem il-Bord tat-Tmexxija u lil jrid jirrapporta fuq bażi kostanti dwar l-iżvilupp ta' l-attivitajiet ta' l-IET.

3. Id-Direttur għandu b'mod partikolari:

(a) jappoġġja lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Kumitat Eżekuttiv fil-ħidma tagħhom u jipprovdihom b'segretarjat għal-laqgħat tagħhom;

(b) iħejji l-abbozz ta' l-istrateġija u l-baġit biex jitressaq quddiem il-Bord tat-Tmexxija permezz tal-Kumitat Eżekuttiv;

(c) jamministra l-proċedura ta' l-għażla għall-KICs; u jiżgura li d-diversi stadji ta' dak il-proċess jitwettqu b'mod trasparenti u oġġettiv;

(d) jorganizza u jimmaniġġja l-attivitajiet ta' l-IET;

(da) jiżgura l-implimentazzjoni ta' proċeduri effettivi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jikkonċernaw ir-rendiment ta' l-IET b'konformità ma' l-Artikolu 15;

(e) ikun responsabbli għal kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji, fosthom l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-IET. Għal dan, id-Direttur għandu jqis il-parir mogħti mill-funzjoni tal-verifika interna;

(f) ikun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha dwar l-istaff;

(g) iħejji l-abbozz tal-programm rikorrenti trijennali ta' ħidma u r-rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' l-IET u jippreżentahom lill-Bord tat-Tmexxija;

(h) jippreżenta l-abbozz tal-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ lill-funzjoni tal-verifika interna, u wara lill-Bord tat-Tmexxija, permezz tal-Kumitat Eżekuttiv;

(i) jiżgura li jitwettqu l-obbligi ta' l-IET fir-rigward tal-kuntratti u l-ftehimiet li huwa jilħaq;

(j) jipprovdi lill-Kumitat Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija bit-tagħrif kollu meħtieġ

għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom.

(Note to Translators: Underlining identifies modified text in this "converted" Annex, i.e. the only bits needing translation)

Ġustifikazzjoni.

Normalment, id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni ta' l-Aġenzija huma integrati fl-artikoli tat-test leġiżlattivi u mhux stipulati f'Anness. Għalhekk l-anness huwa mħassar u mdaħħal bħala Artikoli.

Emenda 46
Artikolu 8 f (ġdid)

Artikolu 8f

L-Istaff ta' l-IET

1. L-istaff ta' l-IET għandu jkun magħmul minn ħaddiema impjegati direttament mill-IET b'kuntratti b'terminu fiss. Il-kondizzjonijiet ta' l-impjeg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej għandhom japplikaw għad-Direttur u għall-Istaff ta' l-IET.

2. L-esperti jistgħu jkunu ssekondati għal żmien limitat lill-IET mill-Istati Membri jew minn ħaddieħor li jimpjegahom.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta dispożizzjonijiet li jippermettu lill-esperti sekondati mill-Istati Membri jew lil ħaddieħor li jimpjegahom biex jaħdmu ma' l-IET u jiddefinixxi d-drittijiet u r-responsabilitajiet tagħhom.

3. L-IET għandu jeżerċita, fir-rigward ta' l-istaff tiegħu, is-setgħat mgħoddija lill-awtorità awtorizzata biex tikkonkludi l-kuntratti mal-membri ta' l-istaff.

4. Membru ta' l-istaff jista' jinħtieġ ipatti għal kwalunkwe ħsara, kollha kemm hi jew parti minnha, imġarrba mill-IET, bħala riżultat ta' mġiba ħażina serja min-naħa tiegħu waqt jew marbuta mal-qadi ta'

dmirijietu/ħa.

(Note to Translators: Underlining identifies modified text in this "converted" Annex, i.e. the only bits needing translation)

Ġustifikazzjoni.

Normalment, id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni ta' l-Aġenzija huma integrati fl-artikoli tat-test leġiżlattiv u mhux stipulati f'Anness. Għalhekk l-anness huwa mħassar u mdaħħal bħala Artikoli.

Emenda 47
Artikolu 8 g (ġdid)

Artikolu 8g

Prinċipji li jiggwidaw l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-Komunitajiet ta' l-Għarfien u l-Innovazzjoni

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta qafas ta' gwida li fuqu għandu jibbaża l-kondizzjonijiet u t-termini tal-ftehimiet mal-KICs u l-finanzjament, monitoraġġ u valutazzjoni ta' l-attivitajiet tagħhom. Dan għandu jiġi ppubblikat qabel ma jinbeda l-proċess ta' l-għażla tal-KICs.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu b'mod partikolari jipprovdi gwida fir-rigward ta':

(a) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-KICs u l-parteciġipazzjoni ta' l-IET fit-tmexxija tagħhom.

(b) l-integrazzjoni tad-dimensjoni tan-negozju f'attivitajiet ta' riċerka u edukazzjoni, inkluż l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet edukattivi u sforzi għar-riċerka u l-iżvilupp; il-mobilità ta' l-istaff u l-istudenti/ir-riċerkaturi bejn in-negozju u s-setturi akkademiċi/tar-riċerka; il-forniment ta' kontenut edukattiv li jqis kwistjonijiet marbuta man-negozju, l-immaniġġjar u l-innovazzjoni; il-qsim bejn is-sħab tar-riżultati u d-dħul finanzjarju li jiġi mir-riżultati; it-tixrid ta' riżultati u ta' Prattiki

tajba ma' organizzazzjonijiet mhux sħab fosthom l-SMEs;

(c) kif ikun żgurat li l-kurrikula u l-prattiki interni jrawmu mod ta' ħsieb intraprenditorjali u innovattiv.

3. Fi ħdan it-termini tal-ftehim tagħhom ma' l-IET, il-KICs għandu jkollhom awtonomija sostanzjali biex jiddefinixxu l-organizzazzjoni interna kif ukoll l-aġenda preċiża tagħhom u l-metodi ta' ħidma.

(Note to Translators: Underlining identifies modified text in this "converted" Annex, i.e. the only bits needing translation)

Ġustifikazzjoni.

Normalment, id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni ta' l-Aġenzija huma integrati fl-artikoli tat-test leġislativ u mhux stipulati f'Anness. Għalhekk l-anness huwa mħassar u mdaħħal bħala Artikoli.

Emenda 48
Artikolu 8 h (ġdid)

Artikolu 8h

Prinċipji għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-Komunitajiet ta' l-Għarfien u l-Innovazzjoni

L-IET għandu jorganizza monitoraġġ kontinwu u evalwazzjonijiet perjodiċi indipendenti ta' l-eżiti u r-riżultati ta' kull KIC. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq Prattika Amministrattiva Tajba u parametri orjentati lejn ir-riżultati u jevitaw aspetti formali u proċedurali li mhumiex meħtieġa.

(Note to Translators: Underlining identifies modified text in this "converted" Annex, i.e. the only bits needing translation)

Ġustifikazzjoni.

Normalment, id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni ta' l-Aġenzija huma integrati fl-artikoli tat-test leġislativ u mhux stipulati f'Anness. Għalhekk l-anness huwa mħassar u mdaħħal bħala Artikoli.

Emenda 49
Artikolu 8 i (ġdid)

Artikolu 8i

***Id-Dewmien, il-Kontinwazzjoni u t-Tmiem
ta' Komunità ta' l-Għarfien u l-
Innovazzjoni***

***1. KIC għandha normalment ddum minn 7 sa 15-il sena, skond ir-riżultati ta' l-
evalwazzjonijiet perjodiċi u l-ispeċifitàjiet
ta' oqsma partikolari.***

***2. Il-Bord tat-Tmexxija jista' eċċezzjonalment jiddeċiedi li jestendi l-
operat ta' KIC lil hinn mill-perjodu inizjali
stabbilit jekk dan ikun l-iktar mod adattat
biex jintlaħaq l-għan ta' l-IET.***

***3. Fil-każ li valutazzjonijiet ta' KIC juru
riżultati mhux adegwati, il-Bord tat-
Tmexxija għandu jieħu l-miżuri xierqa
fosthom tnaqqis, bdil jew irtirar ta' l-
appoġġ finanzjarju jew it-tmiem tal-ftehim.***

(Note to Translators: Underlining identifies modified text in this "converted" Annex, i.e. the only bits needing translation)

Ġustifikazzjoni.

Normalment, id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni ta' l-Aġenzija huma integrati fl-artikoli tat-test leġiżlattiv u mhux stipulati f'Anness. Għalhekk l-anness huwa mħassar u mdaħħal bħala Artikoli.

Emenda 50
Artikolu 8 j (ġdid)

Artikolu 8j

Stralċ ta' l-IET

***F'każ ta' stralċ ta' l-IET, il-likwidazzjonijiet
tiegħu għandha ssehh taht is-superviżjoni
tal-Kummissjoni b'konfomità mal-liġijiet
applikabbli. Il-ftehimiet mal-KICs u l-att li***

***jistabilixxi l-Fundazzjoni ta' l-IET
għandhom ifasslu d-dispożizzjonijiet xierqa
għal sitwazzjoni bħal din.***

(Note to Translators: Underlining identifies modified text in this "converted" Annex, i.e. the only bits needing translation)

Ġustifikazzjoni.

Normalment, id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni ta' l-Aġenzija huma integrati fl-artikoli tat-test leġislattiv u mhux stipulati f'Anness. Għalhekk l-anness huwa mħassar u mdaħħal bħala Artikoli.

**Emenda 51
Artikolu 9**

1. L-IET għandu ***jiddefinixxi u jippubblika l-prinċipji u*** l-linji gwida għall-ġestjoni tal-proprjeta intellettwali. ***Huwa għandu:***
- a) ***jagħti sehem għall-kapaċità innovattiva ta' l-UE;***
 - b) ***iqis l-ispeċifità jiet tas-settur ikkonċernat;***
 - c) ***irawwem l-użu tal-Proprjeta Intellettwali taħt il-kondizzjonijiet adatti għal finijiet ta' riċerka u innovazzjoni, b'mod partikolari billi jiddefinixxi kif il-Proprjeta Intellettwali se tinqasam bejn l-IET u sħabu;***
 - d) ***jipprovdi inċentivi xierqa għall-IET u s-sħab, inklużi l-individwi involuti, il-KICs u l-organizzazzjonijiet sħab;***
 - e) ***jipprovdi inċentivi speċifiċi għall-ispin-offs u għas-suċċessi kummerċjali.***
2. ***L-organizzazzjonijiet sħab għandhom juru fl-applikazzjoni tagħhom biex isiru KIC ftehim bejniethom fuq il-kwistjonijiet li ġejjin b'konformità mal-prinċipji u l-linji gwida msemmija fil-paragrafu 1:***

1. L-IET għandu ***jadotta*** linji gwida għall-***immaniġġjar tad-drittijiet*** tal-proprjeta intellettwali, ***ibbażati, interalia, fuq il-prinċipji stipulati fit-Taqsima 2 tar-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabilixxi r-regoli għall-parteciċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet tas-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013).***¹

¹ ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1.

2. ***Fuq il-bażi ta' dawn il-linji gwida, l-organizzazzjonijiet sħab ta' kull KIC għandhom jilħqu ftehim fuq l-immaniġġjar u l-użu tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali, li għandhom ikunu suġġetti***

(a) il-proprjetà, il-ġestjoni u l-ħarsien tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp u riżultati oħra;

(b) id-drittijiet ta' aċċess għal riżultati bħal dawn kif ukoll għarfien pre-eżistenti

(c) il-qsim ta' l-ispejjeż u l-profitti, filwaqt li jitqiesu l-kontribuzzjonijiet tad-diversi organizzazzjonijiet sħab;

(d) id-dispożizzjonijiet speċifiċi, il-bonus jew l-inċentivi biex jitħeġġeġ l-iżvilupp u l-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp u riżultati oħra, inklużi spin-offs li jiġu mill-użu ta' dawn ir-riżultati.

għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija.

Emenda 52

Artikolu 12, paragrafu 1

1. L-IET għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu jitwettqu b'livell għoli ta' trasparenza.

1. L-IET għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu, **inklużi dawk tal-KICs**, jitwettqu b'livell għoli ta' trasparenza. **B'mod partikulari, l-IET għandu jwaqqaf sit elettroniku aċċessibbli, bla ħlas u b'bosta lingwi biex jagħti informazzjoni dwar l-attivitajiet tiegħu u tal-KICs individwali.**

Emenda 53

Artikolu 12, paragrafu 2, parti introduttorja

2. L-IET għandu jippubblika **mingħajr dewmien:**

2. L-IET għandu jippubblika **u jittrażmetti lill-awtorità baġitarja:**

Ġustifikazzjoni.

B'konformità mal-prinċipji stabbiliti għal aġenziji oħra, l-awtorità baġitarja trid tinżamm infurmata fuq bażi regolari.

Emenda 54

Artikolu 12, paragrafu 3

3. Bla ħsara għall-paragrafi 4 u 5, l-IET m'għandux jikkxef ma' partijiet terzi tagħrif kunfidenzjali li jkun irċieva u li jkun *ntalab* trattament kunfidenzjali għalih u fejn dan ikun ġustifikat.

3. Bla ħsara għall-paragrafi 4 u 5, **kemm** l-IET **u kif ukoll il-KICs, m'għandhomx jikkxfu** ma' partijiet terzi tagħrif kunfidenzjali li **jkunu rċiew** u li jkun *intalab* trattament kunfidenzjali għalih u fejn dan ikun ġustifikat.

Emenda 55
Artikolu 13

1. L-IET **għandu jkun iffinanzjat b'mod partikolari** permezz ta':

a) **kontribuzzjonijiet mill-baġit ta' l-Unjoni Ewropea;**

(b) **kontributi mill-Istati Membri jew l-awtoritajiet pubbliċi tagħhom;**

(c) **kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet privati u tan-negozju;**

(d) **thollijiet**, donazzjonijiet u kontribuzzjonijiet minn individwi, istituzzjonijiet, fundazzjonijiet jew kwalunkwe entità nazzjonali oħra;

(e) **dħul iġġenerat mill-attivitajiet u r-riżultati** jew id-doti kapitali ta l-IET stess, **inklużi dawk** immexxija mill-Fundazzjoni ta' l-IET **jew minn Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali;**

(f) **kontributi minn pajjiżi terzi** u entitajiet jew istituzzjonijiet internazzjonali;

Dawn jistgħu jinkludu kontributi *in natura*.

1. L-IET **u l-KICs għandhom ikunu ffinanzjati** permezz ta':

(a) **kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet kummerċjali jew privati, preferibbilment minn kumpaniji li qed jipparteċipaw fil-KIC;**

b) kontribuzzjonijiet mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Artikolu 16, kif ukoll minn fondi li ma ntefqux li jekk ma jintużawx hekk jiġu mogħtija lura lill-Istati Membri; fejn ikunu qed jintużaw Fondi Strutturali, id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mill-Istat Membru jew mill-awtoritajiet lokali, reġjonali u maniġerjali konċernati;

(c) kontribuzzjonijiet minn Stati Parteċipanti, pajjiżi terzi jew awtoritajiet pubbliċi fihom;

(d) **wirt**, donazzjonijiet u kontribuzzjonijiet minn individwi, istituzzjonijiet, fundazzjonijiet jew kwalunkwe entità nazzjonali oħra;

(e) **dħul iġġenerat mill-attivitajiet tiegħu stess, fosthom id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew** id-doti kapitali mmexxija mill-Fundazzjoni ta' l-IET;

(f) kontribuzzjonijiet minn entitajiet jew istituzzjonijiet internazzjonali;

(fa) **self** u kontribuzzjonijiet mill-Bank Ewropew għall-Investment (EIB).

Dawn jistgħu jinkludu kontribuzzjonijiet

2. L-IET tista' tapplika għal u/jew tgħaddi għajnuna Komunitarja b'mod partikolari fil-qafas tal-programmi u l-fondi Komunitarji. F'dak il-każ, għajnuna bħal din mgħandhiex tiġi attribwita għall-attivitajiet li diġà huma ffinanzjati mill-baġit Komunitarju.

mhux finanzjarji.

2. F'każ li l-KICs jew l-organizzazzjonijiet sħab tagħhom japplikaw direttament għall-għajnuna mill-programmi tal-Komunità (inkluża l-Faċilità tal-Qsim tar-Riskju), il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-applikazzjonijiet ma jiġu bl-ebda mod privileġġjati fuq applikazzjonijiet oħra. Għajnuna bħal din m'għandhiex tiġi attribwita għall-attivitajiet li diġà huma ffinanzjati mill-baġit Komunitarju.

Ma jistax isir kontribut mill-Programm ta' Qafas għar-Riċerka, il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u mill-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja għall-ispejjeż tat-twaqqif u/jew ta' l-amministrazzjoni marbuta direttament ma' l-IET jew mal-KICs.

Emenda 56
Artikolu 14

1. L-IET għandu jadotta :

(a) programm rikorrenti trijennali ta' ħidma li fih stqarrija tal-prijoritajiet ewlenin tiegħu u l-inizjattivi ppjanati inkluża stima ta' bżonnijiet u sorsi finanzjarji **L-abbozz ta' programm ta' ħidma għandu jintbagħat mill-Bord Governattiv lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni fi żmien tliet xhur fir-rigward tal-kumplimentarjetà tagħha mal-politiki u l-istrumenti Komunitarji. Fejn il-Kummissjoni tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha, il-Bord tat-Tmexxija għandu jeżamina mill-ġdid il-programm u jadottah bi kwalunkwe emendi xierqa.**

(b) rapport annwali sat-30 ta' Ġunju kull sena. Ir-rapport għandu jfassal pjan għall-attivitajiet immexxija mill-IET matul is-sena ta' qabel u jeżamina r-riżultati fir-rigward ta' l-għanijiet u l-iskeda stabbiliti, ir-riskji marbuta ma' l-attivitajiet imwettqa, l-użu tar-riżorsi u l-operat ġenerali ta' l-IET. **Huwa**

1. L-IET għandu jadotta :

a) programm rikorrenti trijennali ta' ħidma li fih stqarrija tal-prijoritajiet ewlenin tiegħu u l-inizjattivi ppjanati inkluża stima ta' bżonnijiet u sorsi finanzjarji. **Dan għandu jkun b'konformità mar-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli.**

b) rapport annwali sat-30 ta' Ġunju kull sena. Ir-rapport għandu jfassal pjan għall-attivitajiet immexxija mill-IET matul is-sena **kalendarja** ta' qabel u jeżamina r-riżultati fir-rigward ta' l-għanijiet u l-iskeda stabbiliti, ir-riskji marbuta ma' l-attivitajiet imwettqa, l-użu tar-riżorsi u l-operat ġenerali ta' l-IET.

għandu jinkludi stqarrija tal-kontijiet sħiħa u vverifikata.

2. Il-programm ta' ħidma trijennali li jista' jiġi emendat u aġġornat u r-rapport annwali ***għandhom jintbagħtu*** lill-Kummissjoni, ***li għandha tikkomunikahom*** lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill ***u l-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.***

3. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jindirizzaw opinjoni lill-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET fuq kwalunkwe suġġett kopert mill-programm ta' ħidma trijennali li jista' jiġi emendat u aġġornat. Meta dawn l-opinjoni jiġu indirizzati lill-IET, il-Bord tat-Tmexxija għandu jwieġeb fi żmien perjodu ta' 3 xhur, u jindika kwalunkwe aġġustamenti fil-prijoritajiet u attivitajiet ipplanati tiegħu.

2. ***L-IET għandu jippreżenta*** l-programm ta' ħidma trijennali li jista' jiġi emendat u aġġornat u r-rapport annwali lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, ***lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni għall-informazzjoni.***

Emenda 57

Artikolu 14, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Il-preżentazzjoni tal-kontijiet ta' l-IET għandha tkun konformi mar-regoli ġenerali stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju Strutturali qafas għall-entitajiet imsemmjin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹.

¹ *ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.*

Ġustifikazzjoni.

Għall-kontinjet ta' l-IET għandhom japplikaw ir-regoli ġenerali tar-regolament finanzjarju għall-aġenzji.

Emenda 58
Artikolu 14a (ġdid)

Artikolu 14a

Aġenda Strateġika ta' l-Innovazzjoni

- 1. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011 u kull seba' snin minn wara din id-data, l-IET għandha theggi Aġenda Strateġika ta' l-Innovazzjoni għal matul seba' snin (minn hawn 'il quddiem "SIA") u tippreżentaha lill-Kummissjoni.***
- 2. L-SIA għandha tenfasizza l-oqsma strateġiċi fuq żmien twil ta' l-IET fl-oqsma ta' interess ewlieni ekonomiku u soċjetali li jistgħu jiġġeneraw l-akbar valur miżjud permezz ta' l-innovazzjoni fil-livell ta' l-UE. Strateġija aktar konkreta u dettaljata għandha titħejja fil-programmi ta' ħidma trijennali kif definit fl-Artikolu 14, b'mod li tagħti ċans lill-IET li jirrispondi għal żviluppi interni u esterni fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, ta' l-innovazzjoni u oqsma rilevanti oħra.***
- 3. L-SIA għandha tqis ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-IET u tal-KICs kif definiti fl-Artikolu 15.***
- 4. L-SIA għandha tinkludi stima tal-ħtiġijiet finanzjarji u tar-riżorsi għall-iżvilupp fuq medda ta' żmien twil u għall-iffinanzjar ta' l-IET.***
- 5. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandhom jadottaw l-SIA b'konformità ma' l-Artikolu 251 tat-Trattat.***

Emenda 59
Artikolu 15, paragrafu 1

1. L-IET għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu, inklużi dawk immexxija permezz ta' KICs, għandhom ikunu suġġetti għal monitoraġġ kontinwu u valutazzjoni perjodika indipendenti, biex jiġi żgurat kemm l-oġhla kwalità ta' riżultat u l-iżjed użu effiċjenti tar-riżorsi. ***Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom jiġu ppubblikati.***

1. L-IET għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu, inklużi dawk immexxija permezz ta' KICs, għandhom ikunu suġġetti għal monitoraġġ kontinwu u valutazzjoni perjodika indipendenti, biex jiġi żgurat kemm l-oġhla kwalità ta' riżultat u l-iżjed użu effiċjenti tar-riżorsi. ***Ta' kull sena l-IET għandu jgħaddi lill-awtorità baġitarja kull tagħrif rilevanti għall-eżitu tal-proċeduri ta' evalwazzjoni.***

Ġustifikazzjoni.

Din id-dispożizzjoni hija standard fit-testi legali li jistabbilixxu aġenzija.

Emenda 60
Artikolu 15, paragrafu 2

2. Fi żmien ħames snin mid-data ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u minn hemm 'il quddiem kull erba' snin, il-Kummissjoni għandha tippubblika valutazzjoni ta' l-IET. Din għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni esterna indipendenti, u għandha teżamina kif l-IET jaqdi l-missjonijiet tiegħu. Hija għandha tkopri l-attivitajiet kollha ta' l-IET u l-KICs u għandha teżamina l-effettività, is-sostenibilità, l-effiċjenza u r-rilevanza ta' l-attivitajiet imwettqa u r-relazzjoni tagħhom mal-politiki Komunitarji. Għandha tqis il-fehmiet tal-partijiet li għandhom sehem fil-qasam, kemm f'livell Ewropew kif ukoll f'livell nazzjonali.

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 u kull seba' snin minn wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni ta' l-IET. Din għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni esterna indipendenti, u għandha teżamina kif l-IET jaqdi l-missjonijiet tiegħu. Hija għandha tkopri l-attivitajiet kollha ta' l-IET u l-KICs u għandha teżamina l-impatt, l-effettività, is-sostenibilità, l-effiċjenza u r-rilevanza ta' l-attivitajiet imwettqa u r-relazzjoni tagħhom mal-politiki Komunitarji. Hija għandha tqis il-fehmiet tal-partijiet interessati, kemm f'livell Ewropew kif ukoll f'livell nazzjonali.

Emenda 61
Artikolu 15, paragrafu 2a (ġdid)

2a Il-Kummissjoni se tgħaddi r-riżultati ta' l-evalwazzjoni, flimkien ma' kwalunkwe proposti għall-emenda ta' dan ir-Regolament, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Emenda 62
Artikolu 16

Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tar-Regolament matul il-perjodu ta' 6 snin mill-1 ta' Jannar 2008 huwa ta' EUR 308.7 miljun. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju.

Il-pakkett finanzjarju indikattiv ta' l-iffinanzjar Komunitarju ta' dan ir-Regolament matul il-perjodu ta' 6 snin mill-1 ta' Jannar 2008 huwa ta' EUR 308.7 miljun, li huwa suġġett għall-kunsens ta' l-awtorità baġitarja skond il-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, l-aktar il-parti C u l-artikolu 47 tagħha. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju.

Emenda 63
Artikolu 17, paragrafu 1

1. In-nefqa ta' l-IET għandha tinkludi l-ispejjeż operazzjonali, infrastrutturali, u ta' l-istaff.

1. In-nefqa ta' l-IET għandha tinkludi l-ispejjeż operazzjonali, infrastrutturali, u ta' l-istaff. L-ispiża amministrattiva għandha tinżamm f'livell minimu.

Emenda 64
Artikolu 17, paragrafu 5

5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-abbozz ta' l-istima flimkien mal-programm ta' ħidma trijennali li jista' jiġi emendat u aġġornat, u jgħaddihom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu.

5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-abbozz ta' l-istima flimkien mal-programm rikorrenti trijennali ta' ħidma **u abbozz ta' organigramma**, u jgħaddihom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu.

Ġustifikazzjoni.

L-abbozz ta' organigramma għandu jagħmel parti mit-tagħrif mgħoddi lill-Kummissjoni. L-istaff huwa kwistjoni ewlenija ta' l-abbozz ta' l-istima.

Emenda 65
Artikolu 17, paragrafu 5 a (ġdid)

5a. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-istima

lill-awtorità baġitarja flimkien ma' l-abbozz ta' baġit preliminari ta' l-Unjoni Ewropea.

Ġustifikazzjoni.

Il-Parlament Ewropew irid jirċievi l-istima. Din hija proċedura standard li għaliha hemm dispożizzjoni fit-test legali dwar it-twaqqif ta' aġenzija.

Emenda 66
Artikolu 17, paragrafu 6

6. Abbażi ta' l-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal l-istimi li hija tqis neċessarji għall-ammont tas-sussidju li jrid jitħallas mill-baġit ġenerali, fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea

6. Abbażi ta' l-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea l-istimi li hija tqis neċessarji għall-**organigramma u għall**-ammont tas-sussidju li jrid jitħallas mill-baġit ġenerali, **li hija għandha tressaq quddiem l-awtorità baġitarja skond l-Artikolu 272 tat-Trattat.**

Ġustifikazzjoni.

Il-Parlament Ewropew irid jirċievi l-istima. Din hija proċedura standard li għaliha hemm dispożizzjoni fit-test legali dwar it-twaqqif ta' aġenzija.

Emenda 67
Artikolu 17, paragrafu 7

7. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet għas-sussidju lill-IET.

7. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet għas-sussidju lill-IET. **L-awtorità baġitarja għandha tadotta l-organigramma.**

Ġustifikazzjoni.

L-organigramma hija parti importanti mill-baġit ta' Aġenzija. Hija trid tiġi approvata mill-awtorità baġitarja (proċedura standard għal aġenziji oħra).

Emenda 68
Artikolu 17, paragrafu 8 a (ġdid)

8a. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, minnufih kemm jista' jkun, jinnotifika lill-awtorità baġitarja bl-intenzjoni tiegħu li jimplementa kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti

għall-iffinanzjar tal-baġit tiegħu, b'mod partikulari kwalunkwe baġits li jikkonċernaw proprjetà bħalma huma l-kiri jew ix-xiri ta' bini. Huwa għandu jāvża l-Kummissjoni b'dan.

Ġustifikazzjoni.

Dispożizzjoni standard li tinsab f'testi legali oħra li jwaqqfu aġenziji. Ara wkoll l-Artikolu 179(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda 69
Artikolu 17, paragrafu 9

9. Kwalunkwe modifika lill-baġit għandha **ssegwi l-istess proċedura.**

9. Kwalunkwe modifika sostanzjali lill-baġit għandha **tkun suġġetta għal deċiżjoni ta' l-awtorità baġitarja.**

Ġustifikazzjoni.

Il-prerogattivi ta' l-awtorità baġitarja jridu jiġu żgurati.

Emenda 70
Artikolu 18, paragrafu 1

1. **L-IET għandu jadotta r-regoli finanzjarji tiegħu skond l-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002. Il-bżonn ta' flessibilità operazzjonali adegwata għandu jitqies kif ħaqqu sabiex jippermetti lill-IET jilħaq l-għanijiet tiegħu u jattira u jżomm is-sħab fis-settur privat.**

1. **Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-IET għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija ladarba tkun ġiet ikkonsultata l-Kummissjoni. Ma jistgħux imorru 'l bogħod mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.**

Ġustifikazzjoni.

Ir-referenza għandha tispiċċa b'referenza għar-regolament qafas għall-entitajiet kollha tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju, biex b'hekk ikun assigurat li l-proċeduri normali ta' kontroll finanzjarju japplikaw.

Emenda 71
Artikolu 18, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. L-IET huwa suġġett għall-istess regoli ta' kontroll baġitarju bħal aġenziji oħra ta' l-UE.

Ġustifikazzjoni.

Meta l-fondi ta' l-UE jintużaw biex jiffinanzjaw l-IET, l-IET jrid ikun suġġett għar-regoli ta' l-iffinanzjar ta' l-UE.

Emenda 72

Artikolu 18, paragrafu 3 b (ġdid)

3b. Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri għandha teżerċita l-iskrutinju tagħha b'konformità mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

Ġustifikazzjoni.

Il-verifika esterna mill-Qorti ta' l-Awdituri hija prerekwiżit għall-kwittanza.

Emenda 73

Artikolu 18, paragrafu 4

4. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena n + 2, jagħti l-approvazzjoni tiegħu għas-sena n, lid-Direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-IET, ***u lill-Bord tat-Tmexxija fir-rigward tal-Fundazzjoni.***

4. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena n + 2, jagħti l-approvazzjoni tiegħu għas-sena n, lid-Direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-IET.

Ġustifikazzjoni.

Huwa meħtieġ li tiġi evitata deċiżjoni ta' kwittanza separata għall-Fondazzjoni.

Emenda 74

Artikolu 20

Ħames snin wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u minn hemm 'il quddiem kull erba' snin, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar l-operat ta' l-IET u għandha tagħmel kwalunkwe proposti xierqa għall-emenda ta' dan ir-Regolament.

Sa mhux aktar tard mill-2010 u kull seba' snin wara din id-data, il-Kummissjoni lill-għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar l-operat ta' l-IET. Ir-rapport għandu jinkludi evalwazzjoni tal-valur miżjud ta' l-IET, il-kumplimentarjetà tiegħu ma' strumenti eżistenti nazzjonali u tal-Komunità fl-appoġġ ta' l-innovazzjoni, tar-riċerka u ta' l-edukazzjoni, u l-ilħuq ta' l-għanijiet tiegħu kif stipulati fl-Artikolu 3. Fuq il-

Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom iqisu r-rapporti annwali mill-Bord tat-Tmexxija stipulati fl-Artikolu 14 u l-valutazzjonijiet esterni stipulati fl-Artikolu 15.

bażi ta' dan ir-rapport il-Kummissjoni
għandha tagħmel kwalunkwe proposti xierqa għall-emenda ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom iqisu r-rapporti annwali mill-Bord tat-Tmexxija stipulati fl-Artikolu 14 u l-valutazzjonijiet esterni stipulati fl-Artikolu 15.

Emenda 75
Artikolu 21

Artikolu 21
Statuti

imħassar

Qegħdin jiġu adottati l-istatuti ta' l-IET, kif stabbiliti fl-Anness.

Ġustifikazzjoni.

L-Istatuti tneħħew mill-Anness u tpoġġew fl-Artikoli 8a sa 8l (ġodda)

Emenda 76
Anness

Anness imħassar

Ġustifikazzjoni.

L-Anness iddaħħal fit-test legali.

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni

L-idea ta' Istitut Ewropew għat-Teknoloġija (IET) bdiet mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu ta' l-2005 ta l-Istrateġija ta' Liżbona. L-ewwel Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2006 "L-implimentazzjoni tas-sħubija mġedda għat-tkabbir u l-impjiegi. L-iżvilupp ta xempju ta' l-għarfien: L-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (COM(2006)0077) iddefinjiet biss l-elementi wiesgħa ta' l-IET propost, li wħud minnhom ġew elaborati aktar fil-Komunikazzjoni ta' wara "L-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija: aktar passi lejn il-ħolqien tiegħu" (COM(2006)0276).

Il-proposta leġiżlattiva (COM(2006) 604 finali/2) ġiet ippubblikata fit-13 ta Novembru 2006.

Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni ta' l-Istrateġija tal-Politika Annwali 2007 (A6-0154/2006) esprima xettiċiżmu dwar l-IET, filwaqt li saħaq dwar il-periklu li l-IET sempliċiment ser jirrepeti jew idgħajjef l-istrutturi eżistenti, u beża' li l-IET ser jagħmel ħsara lir-riżorsi diġà limitati allokat li għar-riċerka u għall-innovazzjoni.

Il-Kunsill Ewropew esprima appoġġ għall-IET fil-laqgħa tiegħu ta' l-14 u l-15 ta' Diċembru 2006: "Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew għandhom, wara li jkunu għamli eżami bir-reqqa tal-proposta tal-Kummissjoni, jgħaġġlu sabiex jadottaw, fl-2007, deċiżjoni sabiex jiġi stabbilit l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija."

Ir-rapporteur jemmen b' saħħa fl-idea ta' koordinazzjoni aħjar ta' l-isforzi fl-oqsma tar-riċerka, ta' l-innovazzjoni u ta' l-edukazzjoni fil-Komunità, fl-importanza tal-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi-privati fir-Riċerka u l-Iżvilupp, fosthom fir-riċerka bażika, u fl-iffaċilitar ta' l-aċċess ta' l-SMEs għal għarfien ġdid. Madankollu, huwa wkoll imħasseb dwar il-mod kemmxejn mgħaġġel ta' kif qed tiġi ppreżentata idea li jkollha konsegwenzi fuq medda twila ta' żmien aktar u aktar minħabba li ġiet fi żmien fejn diversi strumenti oħra ġodda tal-politika li jindirizzaw l-istess problemi qegħdin fl-aktar fażijiet bikrija ta l-implimentazzjoni tagħhom. Bħalissa hemm mill-inqas ħames direttorati-ġenerali differenti tal-Kummissjoni (RTD, ENTR, REGIO, EAC, INFSO) li qed jimmaniġġjaw inizjattivi sabiex jappoġġjaw ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Fis-sura t-tajba, l-IET jista' jkun siewi għall-attivitajiet tar-riċerka u innovazzjoni tal-Komunità, iżda r-raġuni kollha ta' l-eżistenza tiegħu tiddependi fuq għadd ta' punti li sa issa għad ma ġewx iċċarati biżżejjed, u li l-aktar importanti fosthom huma indirizzati hawn taħt.

Struttura u responsabilizzazzjoni

Il-Kummissjoni pproponiet żewġ entitajiet sabiex isawru l-istruttura bażika ta l-IET:

Il-Bord tat-Tmexxija

Il-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni

Il-Kummissjoni qed tipprevedi Bord tat-Tmexxija żgħir maħtur mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' proposti minn Kumitat ta' l-Identifikazzjoni. Il-ħatra se tibbilanċja r-rappreżentazzjoni ta' l-esperjenza fil-qasam akkademiku, tar-riċerka u tal-kummerċ. Il-membri maħtura se jkollhom mandat bi żmien limitat u se jiġu sostituti fuq bażi li tiġi riveduta. Il-Bord tat-Tmexxija se jieħu deċiżjonijiet orizzontali u strateġiċi dwar l-attivitajiet ta' l-IET: jidentifika l-oqsma strateġiċi u l-oqsma tematiċi ewlenin tar-riċerka, iwaqqaf "Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni" (KICs); jagħżel, jimmonitorja u jevalwa l-kosorzja biex joperaw dawn il-KICs; u jikkoordina l-attivitajiet differenti tal-KIC.

Il-KICs huma maħsuba li jkunu sħubijiet fejn gruppi ta' persuni mill-universitajiet, mill-organizzazzjonijiet tar-riċerka u mill-industrija jaħdmu flimkien biex jindirizzaw tema ta' importanza strateġika f'qasam interdixxiplinarju, u huma se jwettqu l-attivitajiet operattivi kollha ta' l-IET.

L-għażla tal-proposti għall-KICs għadha tkun ibbażata fuq kompetizzjonijiet miftuħa u trasparenti.

Ir-rapporteur jilqa' l-fehma ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-istruttura ta' l-IET, għalkemm jemmen li din mhijiex sħiħa, għar-raġunijiet li ġejjin.

Hemm problema ewlenija fil-proċess ta' l-għażla tal-Bord tat-Tmexxija u r-responsabilità ta' l-IET. L-ewwelnett, il-proċedura ta' l-għażla għall-Bord tat-Tmexxija għandha tkun aktar trasparenti, b'mod partikulari lejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Dan ma jfissirx li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jagħżlu l-membri tal-kumitat ta' l-identifikazzjoni jew saħansitra l-membri tal-Bord tat-Tmexxija nnifsu, iżda biss li jrid jiġi żgurat li l-proċedura tkun waħda trasparenti u li matulha l-Kummissjoni tirrapporta lill-istituzzjonijiet l-oħra kif xireaq. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi biss konsultazzjoni tal-Kummissjoni biex jiġu determinati l-prijoritajiet strateġiċi ta' l-IET. Hawn jidher ċar li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jingħataw il-kapaċità li jendorsjaw dawn il-prijoritajiet qabel l-adozzjoni finali tagħhom.

L-Iffinanzjar

Il-livell ta' ffinanzjar għar-riċerka u l-iżvilupp (R&D) fl-UE huwa anqas minn dak tal-kompetituri ewlenin tagħna. L-intensità ta' l-R&D (jiġifieri l-infiq bħala persentaġġ mill-PGD) fl-UE25 kienet ta' 1.92% fl-2003, filwaqt li fl-Istati Uniti kienet ta' 2.59% u fil-Ġappun ta' 3.15%. Żewġ Stati Membri biss, l-Iżvezja u l-Finlandja, laħqu l-mira ta' Barċellona li jonfqu 3% tal-GDP fuq ir-R&D u fuq l-innovazzjoni. Wieħed irid ifakkar ukoll li l-attibut finanzjarju għas-Seba' Programm ta' Qafas ta' Riċerka (FP7) tnaqqas bi 30% meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni wara l-ftehma dwar il-Prospettivi Finanzjarji 2007-2013. Bl-istess mod, il-baġit għall-Programm tal-Kompetittività u ta' l-Innovazzjoni (CIP) tnaqqas b'24%.

Meta wieħed iqis in-nuqqas ta' ffinanzjar għar-R&D fl-UE, għandu jiġi żgurat li l-IET ma jixrobx ir-riżorsi mill-attivitajiet eżistenti tal-Komunità f'dan il-qasam. L-iffinanzjar ewlieni tal-Komunità għall-IET għandu jiżdied biex jikkumplimenta l-Prospettivi Finanzjarji eżistenti u l-fondi addizzjonali għandhom jinkisbu minn sorsi differenti, inklużi sorsi komunitarji, nazzjonali, reġjonali u privati.

Sabiex isir "mudell" ta' l-innovazzjoni Ewropea, l-IET għandu jkollu l-ħila li jiżgura ammont sinifikanti ta' ffinanzjar privat. Il-ħila li jiġġenera l-fondi tiegħu stess, minn sorsi esterni jew minn dħul mill-attivitajiet tiegħu (fosthom il-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (IPR) li l-proposta tipprevedi li l-IET se jakkumula maż-żmien), se tkun il-filosofija bażika ta' l-IET.

Ir-rapporteur jilqa' s-suġġeriment tal-Kummissjoni li parti kbira mid-dħul ta' l-IET għandu jiġi mill-qligħ tiegħu permezz ta' kuntratti għar-riċerka u għall-edukazzjoni. Dan huwa qasam fejn jidher ċar li l-Ewropa tinsab flivell inferjuri meta mqabbla ma' l-Istati Uniti, fejn l-universitajiet u l-istituzzjonijiet tar-riċerka huma ferm aħjar fil-kapitalizzazzjoni ta' l-għarfien tagħhom. Madankollu, dan jista' jkun marbut ma' fatturi oħra bħan-nuqqas ġenerali ta' esperjenza u ta' inizjattiva fil-qasam ta' l-IPR min-naħa ta' l-Universitajiet Ewropej, il-limitazzjonijiet fuq il-persunal ta' l-universitajiet rigward l-attivitajiet esterni, u n-nuqqas ta' rbit stabbilit bejn is-settur pubbliku u dak privat - fatturi li l-IET mhux se jipprovdi soluzzjoni għalihom. Hawnhekk ukoll, wieħed għandu jqis jekk il-JTIs taħt is-FP7 jipprovdux soluzzjoni aħjar, u għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi evitat l-irduppjar ta' l-attivitajiet tas-FP7 u l-IET.

It-Trijangolu ta' l-Għarfien

Il-Kummissjoni pproponiet li l-attivitajiet ta' l-IET jkunu jinkludu t-tliet partijiet kollha kemm huma tat-trijangolu ta' l-għarfien: l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni.

Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tat-tliet elementi, ir-rapporteur jemmen bis-sħiħ li l-ħidma ewlenija ta' l-IET se tkun il-promozzjoni ta' l-innovazzjoni. Għalhekk, il-ħidma tar-riċerka ta' l-IET għandha tikkonċentra fuq il-ħolqien ta' l-innovazzjoni aktar milli fuq ir-riċerka bażika.

Ikun tajjeb li l-IET jirrifletti t-temi tar-riċerka tas-FP7, tal-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej u l-JTIs, u li b'mod ġenerali jikkopera mill-qrib mal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC).

Ir-rapporteur jibqa' mhux konvint li element edukattiv qawwi fl-IET jwassal għal valur miżjud fiż-Żona Ewropea ta' Riċerka, b'mod partikulari billi r-responsabilità għall-edukazzjoni għolja hija ta' l-Istati Membri. Fil-fatt, jidher li l-bażi legali tal-proposta nnifisha teskludi l-possibilità li l-IET jkollu rwol ta' istituzzjoni edukattiva u jagħti l-lawrji verament. Anzi l-IET għandu jiżviluppa marka jew tikketta - 'diploma IET' - li tissupplementa u żżid il-valur lil-lawrji akkademiċi formalizzati mogħtija mill-istituzzjonijiet edukattivi li qed jipparteċipaw fil-KICs.

Ir-riskji ta' l-irduppjar u l-ġustifikazzjoni għal IET

Il-funzjoni ta' l-IET għandha titqies bħala kumplimentari għall-inizjattivi l-oħra tal-Komunità rigward ir-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikulari FP7 u CIP.

Il-parti marbuta ma' l-innovazzjoni fil-programm CIP tiffoka b'mod loġiku fuq it-trasformazzjoni tar-riżultati tar-riċerka f'innovazzjonijiet kummerċjali li jibbenefikaw lin-negozju Ewropew, l-industrija u l-kompetittività b'enfasi speċjali fuq l-SMEs. F'dan il-kontest huwa diffiċli li wieħed jara rwol kumplimentari possibbli għall-IET.

Ir-rapporteur huwa lest li jappoġġja kważi kwalunkwe sforz tal-Komunità li jalloka aktar rizersi għall-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni, iżda jkun sorpriż li kieku jara fondi bħal dawn marbuta ma' attivitajiet jitrikku fuq daww imnaqqsa mill-Kunsill Ewropew fil-ftehim dwar il-Prospettivi Finanzjarji.

Bħall-IET propost, is-FP7 ukoll jidentifika oqsma ta' riċerka ta' prijorità strateġika, jiffaċilita s-sħubijiet pubbliċi-privati (l-aktar permezz ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs)), u jwaqqaf istituzzjoni permanenti ġdida biex tissorvelja deċiżjonijiet dwar l-iffinanzjar tar-riċerka, b'mod partikulari l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC).

Rigward l-istrateġija minn isfel għal fuq fl-IET fejn kumpaniji privati jistgħu jindirizzaw l-IET bi proposti għal proġetti li mbagħad jiġu deċiżi minn fuq għal isfel mill-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET, struttura simili diġà teżisti taħt is-FP7 f'forma ta' Proġetti Integrati u JTIs, u ħafna Stati Membri jistgħu wkoll jixhdu dwar l-eżistenza ta' koperazzjoni ta' dan it-tip fil-livell reġjonali. Filwaqt li hemm hteġġa reali għal sħubijiet oħra ta' dan it-tip fil-livell Ewropew, ma hemmx ġustifikazzjoni adegwata tal-fatt li l-IET jkun l-aħjar mod biex tiġi indirizzata din il-hteġġa.

Wieħed għandu jiftakar ukoll li bosta Stati Membri għandhom aġenziji ta' l-innovazzjoni li jaħdmu tajjeb fil-livell nazzjonali, bi Prattiki stabbiliti tajjeb biex ilaqqgħu l-industrija ma' l-istituzzjonijiet tar-riċerka. Rwol importanti ta' l-IET jkun li jeżamina l-aħjar Prattiki minn pajjiżi differenti u possibilment aktar tard jipprovdi pjattaforma permanenti għall-iskambju ta' l-esperjenza għall-programmi nazzjonali ta' l-Istati Membri, tal-fundazzjonijiet tar-riċerka u ta' l-aġenziji.

Entità ġdida fuq livell Komunitarju tista' żżid il-valur lill-inizjattivi eżistenti, iżda dan jista' jiġi stabbilit biss wara li evalwazzjoni ta' proġett pilota tkun uriet li l-kunċett ta' l-IET jipprovdi valur miżjud għall-Ewropa - kemm f'termini ta' innovazzjoni u ta' kompetittività kif ukoll għaż-Żona Ewropea ta' Riċerka. Huwa biss wara li jkun sar skrutinju bir-reqqa ta' l-IET "pilota", ibbażat fuq evalwazzjoni esterna indipendenti, li jista' jiġi deċiż jekk l-IET għandux jitwaqqaf bħala entità permanenti tal-Komunità jew jekk l-Ewropa tkunx moqdija aħjar jekk il-fondi jiġu diretti lejn attivitajiet Komunitarji oħra marbuta ma' l-innovazzjoni u mar-R&D.

19.6.2007

OPINJONITAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI (*)

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija

(COM(2006)0604 – C6-0355/2006 – 2006/0197(COD))

Rapporteur għal opinjoni(*): Erna Hennicot-Schoepges

(*) Koperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-kumitati – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Wara li kkunsidra l-proposta finali għal regolament imressaq mill-Kummissjoni dwar it-twaqqif ta' Istitut Ewropew tat-Teknoloġija¹, ir-rapporteur għal opinjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni dwar il-punti li ġejjin:

- L-IET huwa intenzjonat li jkun ċentru ta' eċċellenza, jew, inkella, korp biex jikkoordina ċentri ta' eċċellenza permezz ta' l-attivitajiet tal-Komunitajiet ta' l-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs). Billi jiġu stabbiliti l-aħjar kundizzjonijiet tax-xogħol possibbli għal riċerkaturi Ewropej, partikolarment billi tkun inkoraġġata l-mobilità tagħhom u jkun faċilitat ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom, jista' jirrappreżenta soluzzjoni effettiva għat-telf ta' l-aħjar imħuġ, filwaqt li jattira lejn l-UE l-aħjar riċerkaturi u studenti fid-dinja grazzi għal sħubijiet orjentati għall-eċċellenza integrati fit-trijangolu ta' l-għarfien.

- Huwa essenzjali f'dan ir-rigward li l-KICs ikunu indipendenti kemm jista' jkun sabiex iwettqu l-attivitajiet operazzjonali tagħhom fil-qafas strateġiku definit mill-IET, filwaqt li jagħtu kont lill-IET (ara Emendi 21 u 22). Għalhekk il-KICs għandhom ikunu għajn ta' ħolqien ta' ġid u impjiegi billi jkattru SMEs innovattivi fl-aktar teknoloġija avvanzata u billi jipromwovu forum ġodda ta' organizzazzjonijiet u negozji. Sabiex tingħata imbottatura lill-fluss ta' informazzjoni u l-qsim ta' l-għarfien u jkun promoss l-aħjar użu tar-riżorsi, b'dan f'moħħna se jkun importanti li l-KICs jinħolqu madwar ċentri ġeografiċi u li tkun żgurata l-influwenza ta' ċentri ta' din ix-xorta fuq livell lokali u reġjonali. (ara Em. 19).

- Fl-istudju tal-proċess innovattiv, id-diversità kulturali u l-karatteristiċi speċifiċi ta' l-Ewropa għandhom jitqiesu. Grazzi għall-ambjent tax-xogħol multi-kulturali tiegħu, l-IET jaf ikun it-tama ta' ftehim aħjar bejn l-Istati Membri, billi jsir strument ta' koperazzjoni, li jagħmilha possibbli li jingħelbu aktar faċilment kunflitti ta' interess nazzjonali. Għaldaqstant wieħed jista' jimmaġina li l-IET se jipprovdi tipi ġodda ta' korsijiet kif imsemmija fl-Emenda 4 (premissa 10a (ġdida)).

- Sabiex ikun ottimizzat l-impatt ta' l-innovazzjoni, għandu jingħata post partikolari lill-ingenjieri fil-Korp ta' Tmexxija ta' l-IET, sabiex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fl-iżvilupp ta' strateġiji u, jekk hemm b'żonn, jiżguraw l-aħjar implementazzjoni tagħhom fil-KICs.

- Huwa wkoll metieġ li jkunu rikonċiljati l-interessi ta' l-universitajiet, tal-programmi u tar-riċerka attwali (Kunsill Ewropew tar-Riċerka, is-Seba' Programm ta' Qafas, iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta, Pjattaformi ta' Teknoloġija) mal-ħolqien ta' l-IET.

- Sakemm l-IET huwa intenzjonat li jkun proġett orjentat għall-eċċellenza, ikun aħjar li jkun żgurat li l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla jkollhom awtorità sħiħa li jagħtu kwalifiki ta' taħriġ. Jekk irridu li l-kwalifiki ta' taħriġ maħruġa mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla f'KIC, u li jkollhom iċ-ċertifikat ta' l-IET, ikunu ttrattati bħala ċertifikat ta' eċċellenza li jgawdu minn viżibilità oġhla u rikonoxximent internazzjonali, l-ebda konċessjonijiet m'għandhom jingħataw f'dan il-qasam. Huwa mixtieq f'dan ir-rigward li s-sħab kollha fi ħdan KIC għandhom jikkontribwixxu għall-politika tat-tagħlim u r-riċerka (ara Em. 27). Il-Korp ta'

¹ Proposta tat-18 ta' Ottubru 2006 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija, COM(2006)0604.

Tmexxija ta' l-IET jista' jkun assistit minn kumitat ta' esperti akkademiċi, li jagħti lill-istrateġija globali ta' l-IET dimensjoni edukattiva integrata biex jippromwovi l-innovazzjoni (ara Em. 3).

- Il-ħolqien ta' ċertifikat ta' kwalità ta' l-IET, li għandu jirrappreżenta livell sinifikatament ogħla minn dak ta' kwalifika minn università li mhux ta' l-IET, jista' jgħin biex tikber ir-reputazzjoni ta' l-istitut u jistabbilixxi r-rikonossiment globali tiegħu.

- L-IET se jkollu baġit separat indipendenti mis-Seba' Programm ta' Qafas u programmi Komunitarji oħra bħall-programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja. Madankollu, il-KICs, bħal kull korp eliġibbli ieħor, għandu jkun kapaċi jwieġeb għal sejħiet għal offerti b'konnessjoni mal-programmi Komunitarji, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal oħrajn li qed jitfgħu offerti, bi trasparenza sħiħa u bl-ebda trattament preferenzjali.

Ir-rapporteur għal opinjoni hija għalhekk konvinta ħafna li l-oġettivi, l-istruttura u l-iffinanzjar ta' l-IET għandu jkun definit b'mod ħafna iktar preċiż sabiex ikun żviluppat b'mod sħiħ il-potenzjal tiegħu.

NB. Biex tkun evitata struttura sintattika diżorganizzata, hemm qbil li l-kliem kollha li jirreferu għal persuni f'dan ir-regolament ikopru kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa, u huma bla ħsara għall-obbligu tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament
	Emenda 1 Premessa 6
(6) L-IET għandu jkollu l-għan li jagħti sehemu għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Komunità u ta' l-Istati Membri, billi jinvolvi bis-sħiħ l-attivitajiet ta' edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni <i>fl-ogħla</i> standards <i>internazzjonali</i> .	(6) L-IET għandu jkollu l-għan li jagħti sehemu għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Komunità u ta' l-Istati Membri, billi jinvolvi bis-sħiħ l-attivitajiet ta' edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni <i>fi</i> standards <i>ta' eċċellenza għolja</i> .
	Emenda 2 Premessa 8
(8) Sabiex jagħti sehemu għall-kompetittività u għat-tisħiħ ta' l-attrazzjoni internazzjonali	(8) Sabiex jagħti sehemu għall-kompetittività u għat-tisħiħ ta' l-attrazzjoni internazzjonali

ta' l-ekonomija Ewropea, l-IET għandu jkun kapaċi jattira organizzazzjonijiet sħab, riċerkaturi u studenti minn madwar id-dinja kollha u jikkoopera ma' organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi.

ta' l-ekonomija Ewropea, **u jagħmel il-kapaċità innovattiva Ewropea aktar viżibbli**, l-IET għandu jkun kapaċi jattira organizzazzjonijiet sħab, riċerkaturi u studenti minn madwar id-dinja kollha u jikkoopera ma' organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi **billi jinkoraġġixxi l-mobilità għar-riċerkaturi u l-istudenti**.

Emenda 3

Premessa 8 a (ġdida)

(8a) Sabiex iżid l-attrazzjoni tiegħu, l-IET, flimkien ma' organizzazzjonijiet sħab, għandu joħloq struttura xierqa li tippermetti lill-istudenti u l-gradwati jiksbu apprendistat u/jew reklutaġġ ma' organizzazzjonijiet sħab ewlenin fil-KICs.

Emenda 4

Premessa 9

(9) L-IET għandu primarjament jopera permezz ta' sħubijiet strateġiċi fit-tul fuq bażi inter- u/jew trans-dixxiplinarji ta' interess ekonomiku u soċjetarju għall-Ewropa. Dawn is-sħubijiet għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET u jiġu ddeżinjati bħala KICs. Ir-relazzjonijiet ta' bejn l-IET u l-KICs għandhom ikunu bbażati fuq ftehimiet kuntrattwali, li jistabbilixxu d-drittijiet u d-dmirijiet tal-KIC's, jiżguraw livell adegwat ta' koordinament u jfasslu l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ u l-*valutazzjoni* ta' l-attivitajiet u r-riżultati tal-KICs.

(9) L-IET għandu primarjament jopera permezz ta' sħubijiet strateġiċi fit-tul fuq bażi inter- u/jew trans-dixxiplinarji ta' interess ekonomiku u soċjetarju għall-Ewropa. Dawn is-sħubijiet għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET u jiġu ddeżinjati bħala KICs. ***Il-KICs għandhom, kull fejn possibbli, u meta l-kundizzjonijiet kollha ta' eċċellenza jkunu ssodisfati, ikunu mifruxa b'mod ugwali fit-territorju kollu ta' l-UE.*** Ir-relazzjonijiet ta' bejn l-IET u l-KICs għandhom ikunu bbażati fuq ftehimiet kuntrattwali, li jistabbilixxu d-drittijiet u d-dmirijiet tal-KIC's, jiżguraw livell adegwat ta' koordinament u jfasslu l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ u l-*evalwazzjoni* ta' l-attivitajiet u r-riżultati tal-KICs.

Ġustifikazzjoni

Il-KICs għandhom, kull fejn possibbli, ikunu mifruxa b'mod ugwali fl-UE, kemm fl-Istati l-Membri l-ġodda kif ukoll dawk antiki.

Emenda 5
Premessa 10

(10) Hemm bżonn li l-edukazzjoni tiġi sostnuta bħala komponent integrali, għalkemm spiss nieqes, ta' strateġija ta' innovazzjoni komprensiva. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li ***l-lawrji u d-diplomi*** mogħtija permezz tal-KICs għandhom ikunu ***gradi u diplomi*** ta' l-IET. L-IET għandu jippromwovi r-rikonoxximent ***tal-gradi u d-diplomi*** ta' l-IET fl-Istati Membri. Dawn l-attivitajiet kollha għandhom jitwettqu bla ħsara għad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali.

(10) Hemm bżonn li l-edukazzjoni tiġi sostnuta bħala komponent integrali, għalkemm spiss nieqes, ta' strateġija ta' innovazzjoni komprensiva. ***Għal dak il-għan, il-Korp ta' Tmexxija ta' l-IET jista' jitleb l-assistenza ta' kumitat ta' esperti akkademiċi.*** Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li ***l-kwalifiki ta' taħriġ*** mogħtija permezz ***ta' l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li huma sħab*** tal-KICs għandhom ikunu ***kwalifiki ta' taħriġ li jkollhom iċ-ċertifikat*** ta' l-IET. L-IET għandu jippromwovi r-rikonoxximent ***mill-Istati Membri tal-kwalifiki ta' taħriġ*** ta' l-IET ***li jkollhom iċ-ċertifikat tiegħu ta' eċċellenza kemm fl-Istati Membri ta' l-UE kif ukoll barra l-UE.*** Dawn l-attivitajiet kollha għandhom jitwettqu bla ħsara għad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali.

Emenda 6
Premessa 10 a (ġdida)

(10a) L-IET jista' joffri tipi ġodda ta' korsijiet, bħall-Prassi Kummerċjali Ewropea, it-Tmexxija Korporattiva, l-Intraprenditorija, jew l-Etika Kummerċjali.

Emenda 7
Premessa 10 b (ġdida)

(10b) Sabiex tiżdied il-kompetittività industrijali Ewropea, l-IET għandu jissorvelja u jikkunsidra regolarment il-bżonnijiet ta' min iħaddem fl-Ewropa fil-kuntest ta' rekwiżiti ta' l-edukazzjoni u l-innovazzjoni li qed jinbidlu fis-suq Ewropew u globali.

Emenda 8
Premessa 12

Iridu jsiru d-dispożizzjonijiet xierqa biex jiggwarantixxu r-responsabilità u t-trasparenza ta' l-IET. Ir-regoli adatti li jiggvernaw it-tħaddim tiegħu jiġu adottati fl-Istatuti ta' l-IET.

Iridu jsiru d-dispożizzjonijiet xierqa biex jiggwarantixxu r-responsabilità, ***l-awtonomija*** u t-trasparenza ta' l-IET. Ir-regoli adatti li jiggvernaw it-tħaddim tiegħu jiġu adottati fl-Istatuti ta' l-IET.

Emenda 9
Premessa 20

(20) Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentament mill-Istati Membri, u minħabba raġunijiet tad-daqs u tat-trans-nazzjonalità, jistgħu *jinkisbu* aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex *jinkisbu* dawk l-għanijiet.

(20) Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentament mill-Istati Membri ***waqt li jaġixxu individwalment***, u minħabba raġunijiet tad-daqs u tat-trans-nazzjonalità, jistgħu *jintlaħqu* aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex *jintlaħqu* dawk l-għanijiet.

Emenda 10
Premessa 20 a (ġdida)

(20a) L-IET m'għandux ikun ifffinanzjat minn fondi allokat li lill-programmi Komunitarji fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, il-kultura jew l-innovazzjoni. Il-possibilitajiet kollha offerti mill-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-immaniġjar finanzjarju sod¹ għandhom ikunu esplorati.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

Emenda 11
Premessa 20 b (ġdida)

(20b) Is-sess maskili għandu jkun użat f'dan ir-regolament biss bħala mezz biex it-test jifthiem aħjar, bl-ebda diskriminazzjoni intenzjonata.

Ġustifikazzjoni

Biex tkun evitata struttura sintattika diżorganizzata, hemm qbil li l-kliem kollu li jirreferi għal persuni f'dan ir-regolament ikopru kemm lill-irġiel kif ukoll lin-nisa, u huwa bla ħsara għall-obbligu ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa.

Emenda 12

Artikolu 1

Qiegħed jitwaqqaf Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (minn hawn 'il quddiem "I-IET").

Qiegħed jitwaqqaf Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (minn hawn 'il quddiem "I-IET"), **bħala korp indipendenti u awtonomu.**

Emenda 13

Artikolu 2, punt 1

1. "Innovazzjoni" tfisser il-proċess u r-riżultati ta' dan il-proċess li permezz tagħhom ideat ġodda jkunu ta' tweġiba għad-domanda soċjetarja u ekonomika u jiġġeneraw prodotti, servizzi, jew mudelli **ta' negozju** ġodda li jiġu introdotti b'suċċess f'suq eżistenti jew li jkunu kapaċi joħlqu swieq ġodda.

1. "Innovazzjoni" tfisser il-proċess u r-riżultati ta' dan il-proċess li permezz tagħhom ideat ġodda jkunu ta' tweġiba għad-domanda soċjetarja u ekonomika u jiġġeneraw prodotti, servizzi, jew mudelli **organizzattivi** ġodda li jiġu introdotti b'suċċess f'suq eżistenti jew li jkunu kapaċi joħlqu swieq ġodda.

Emenda 14

Artikolu 2, punt 2

2. "Komunità ta' Għarfien u Innovazzjoni" tfisser **joint-venture** ta' organizzazzjonijiet sħab, tkun xi tkun il-forma ġuridika tagħhom, **magħżul** u **ddeżinjat** mill-IET biex **iwettaq** fl-ogħla livell attivitajiet integrati ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni f'qasam speċifiku.

2. "Komunità ta' Għarfien u Innovazzjoni" tfisser **struttura legali awtonoma li tikkonsisti f'**organizzazzjonijiet sħab, tkun xi tkun il-forma ġuridika tagħhom, **li tinkludi mill-inqas istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla waħda, magħżula** u **ddeżinjata** mill-IET biex **twettaq** fl-ogħla livell attivitajiet integrati ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni f'qasam speċifiku.

Ġustifikazzjoni

L-emenda tenfasizza l-bżonn li l-Komunitajiet ta' l-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) ikunu awtonomi kif ukoll il-fatt li stabbilimenti ta' edukazzjoni oġhla huma parti essenzjali minnhom.

Emenda 15 Artikolu 2, punt 3

3. **“Università”** tfisser kwalunkwe tip ta' istituzzjoni ta' **edukazzjoni oġhla** li toffri lawrji rikonoxxuti jew kwalifiki rikonoxxuti oħrajn tal-livell terzjarju, irrispettivament mid-denominazzjoni tagħha fil-kuntest nazzjonali.

3. **“Istituzzjoni ta' edukazzjoni oġhla”** tfisser kwalunkwe tip ta' istituzzjoni li toffri lawrji rikonoxxuti jew kwalifiki rikonoxxuti oħrajn tal-livell terzjarju, irrispettivament mid-denominazzjoni tagħha fil-kuntest nazzjonali.

Emenda 16 Artikolu 3

L-għan ta' l-IET huwa li jagħti sehemu għall-kompetittività industrijali bit-tisħiħ tal-kapaċità ta' innovazzjoni ta' l-Istati Membri u l-Komunità. Dan għandu jagħmlu billi jinvolvi u jintegra l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni **fl-oġhla** standards.

L-għan ta' l-IET huwa li jagħti sehemu għall-kompetittività industrijali **u ekonomika** bit-tisħiħ tal-kapaċità ta' innovazzjoni ta' l-Istati Membri u l-Komunità. Dan għandu jagħmlu billi jinvolvi u jintegra l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni **fi** standards **għolja ta' eċċellenza**.

Emenda 17 Artikolu 4, paragrafu 1, punt (c)

(c) iqajjem kuxjenza fost organizzazzjonijiet sħab potenzjali;

imħassar

Emenda 18 Artikolu 4, paragrafu 1, punt (f)

(f) jippromwovi r-rikonoxximent **tal-lawrji u d-diplomi** ta' l-IET fl-Istati Membri.

(f) jinkoraġġixxi r-rikonoxximent **ta' kwalifiki ta' taħriġ mogħtija minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla li huma sħab tal-KICs u li jkollhom iċ-**

ċertifikat ta' l-IET fl-Istati Membri.

Emenda 19

Artikolu 4, paragrafu 1, punt (f a) (ġdid)

(fa) ixerred l-aħjar Prattiki, partikolarment fir-rigward tat-tmexxija ta' organizzazzjonijiet ibbażati fuq l-innovazzjoni u sħubijiet bejn istituzzjonijiet u negozji ta' edukazzjoni ogħla jew ta' riċerka.

Emenda 20

Artikolu 4, paragrafu 1, punt (f b) (ġdid)

(fb) jappoġġja skambji bejn il-KICs sabiex tkun tista' tiġi żviluppata kultura komuni ta' innovazzjoni.

Ġustifikazzjoni

L-IET għandu jagħti sehemu għat-tifrix ta' kultura ta' innovazzjoni u għandu jippermetti skambji bejn il-KICs.

Emenda 21

Artikolu 5, paragrafu 1, punt (a)

(a) attivitajiet u investimenti ta' innovazzjoni li jintegraw bis-siġh id-dimensjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni u li jstimulaw it-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati;

(a) attivitajiet u investimenti ta' innovazzjoni li jintegraw bis-siġh id-dimensjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni u li jstimulaw it-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati, ***ibbażati fuq azzjonijiet jew strumenti Komunitarji ġodda jew eżistenti;***

Emenda 22

Artikolu 5, paragrafu 1, punt (c)

(c) attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ fil-livell ta' masters u ta' dottorat, ***inkluż l-iżvilupp ta' ħliet li għandhom x'jaqsmu ma' l-innovazzjoni u t-titjib ta' ħliet maniġerjali u intraprenditorjali;***

(c) attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ fil-livell ta' masters u ta' dottorat, ***kif definiti fl-Artikolu 6;***

Emenda 23
Artikolu 5, paragrafu 1, punt (d)

(d) tixrid ta' l-aħjar prassi, b'mod partikolari rigward it-tmexxija ta' l-organizzazzjonijiet orjentati lejn l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' kooperazzjoni jew sħubijiet bejn l-edukazzjoni/ir-riċerka u n-negozju.

imħassar

Emenda 24
Artikolu 5, paragrafu 2, subparagrafu 3, punt (b)

(b) il-kapaċità li tiżgura ambjent tax-xogħol dinamiku, flessibbli u attraenti li jippremja kemm is-suċċessi individwali kif ukoll dawk ta' tim f'termini ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni;

(b) il-kapaċità li tiżgura ambjent tax-xogħol dinamiku, flessibbli u attraenti li **jivvalida u** jippremja kemm is-suċċessi individwali kif ukoll dawk ta' tim f'termini ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni;

Emenda 25
Artikolu 5, paragrafu 2, subparagrafu 3, punt (c)

(c) il-bażi li fuqhom jingħataw **il-lawrji u d-diplomi** inklużi l-arranġamenti biex titqies il-politika Komunitarja dwar l-Ispazju Ewropew ta' Edukazzjoni Ogħla, partikolarment f'termini ta' kompatibilità, trasparenza, rikonoxximent u l-kwalità tal-**lawrji u d-diplomi**;

(c) il-bażi li fuqhom jingħataw **il-kwalifiki ta' taħriġ** inklużi l-arranġamenti biex titqies il-politika Komunitarja dwar l-Ispazju Ewropew ta' Edukazzjoni Ogħla, partikolarment f'termini ta' kompatibilità, trasparenza, rikonoxximent u l-kwalità tal-**kwalifiki ta' taħriġ**;

Emenda 26
Artikolu 5, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Kull KIC għandu jinħoloq madwar ċentru ġeografiku wieħed jew aktar, li jista' per eżempju jkun jinsab fuq kampusijiet universitarji. Għandu wkoll jikkoordina netwerk ta' eċċellenza usa' ta' ċentri ta' riċerka u taħriġ li jkopru t-tliet aspetti: ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni.

Emenda 27
Artikolu 5, paragrafu 3 b (ġdid)

3b. Kull KIC għandu jkollu bħala l-għan tiegħu l-ħolqien ta' SMEs innovattivi.

Emenda 28
Artikolu 5, paragrafu 4

4. Is-sħubijiet jistgħu jinkludu organizzazzjonijiet sħab minn pajjiżi terzi li jistgħu jagħtu kontribut **pożittiv** għall-għanijiet tal-KICs.

4. Is-sħubijiet jistgħu jinkludu organizzazzjonijiet sħab minn pajjiżi terzi li jistgħu jagħtu kontribut **effiċjenti u effettiv** għall-għanijiet tal-KICs.

Emenda 29
Artikolu 5, paragrafu 4 a (ġdid)

4a. Parteċipanti fi sħubijiet tal-KICs m'għandhomx jintgħażlu skond kriterji nazzjonali jew reġjonali iżda fuq bażi ta' kriterji ta' eċċellenza.

Ġustifikazzjoni

Għandu jinstab bilanċ tajjeb bejn li jkun żgurat l-aspett Ewropew tal-KICs u li jkun irrispettat il-bżonn li joperaw f'kundizzjonijiet ta' eċċellenza.

Emenda 30
Artikolu 5 a (ġdid)

Artikolu 5a

Relazzjonijiet bejn l-IET u l-KICs

- 1. Kull KIC għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu b'mod awtonomu, fil-qafas definit mill-IET.**
- 2. Kull KIC għandu jissottometti għall-approvazzjoni pjan ta' negozju lill-Bord ta' Tmexxija u għandu jibagħtu bħala rapport ta' l-attivitajiet tiegħu fuq bażi ta' kull sitt xhur.**

Emenda 31
Artikolu 6, paragrafu 1

1. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li, fid-dixxiplini u l-oqsma fejn jitwettqu studji u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni permezz tal-KICs, **il-lawrji u d-diplomi** mogħtija permezz tal-KICs għandhom ikunu **lawrji u diplomi** ta' l-IET.

1. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li, fid-dixxiplini u l-oqsma fejn jitwettqu studji u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni permezz tal-KICs, **il-kwalifiki ta' taħriġ** mogħtija permezz tal-KICs għandhom ikunu **kwalifiki ta' taħriġ li jkollhom iċ-ċertifikat** ta' l-IET.

Emenda 32
Artikolu 6, paragrafu 2

2. L-IET għandha thegħeġ **l-organizzazzjonijiet** sħab biex jagħtu **lawrji u diplomi** konġunti li jirriflettu n-natura integrata tal-KICs. Madankollu, dawn jistgħu jkunu wkoll **lawrji** mogħtija minn istituzzjoni waħda kif ukoll **lawrji u diplomi** doppji u multipli.

2. L-IET għandha thegħeġ **l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li huma** sħab biex jagħtu **kwalifiki ta' taħriġ** konġunti li jirriflettu n-natura integrata tal-KICs. Madankollu, dawn jistgħu jkunu wkoll **kwalifiki ta' taħriġ** mogħtija minn istituzzjoni **ta' edukazzjoni ogħla** waħda kif ukoll **kwalifiki ta' taħriġ** doppji u multipli.

Emenda 33
Artikolu 6, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Is-sħab kollha f'KIC għandhom jagħtu sehemhom għall-politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ fid-dixxiplini u s-setturi definiti fil-kuntest ta' l-istrateġiji tal-Bord ta' Tmexxija.

Emenda 34
Artikolu 6, paragrafu 3

3. L-Istati Membri jikkooperaw bir-rikonoxximent **tal-lawrji u d-diplomi ta' l-IET**.

3. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw bir-rikonoxximent **tal-kwalifiki ta' taħriġ mogħtija mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li huma sħab tal-KICs li jkollhom iċ-ċertifikat ta' l-IET, bla ħsara għad-**

Emenda 35
Artikolu 6 a (ġdid)

Artikolu 6a

Mobilità

1. Permezz ta' l-attivitajiet u l-ħidma tiegħu, l-IET għandu jgħin jipromwovi l-mobilità fl-Ispazju Ewropew ta' Edukazzjoni Oġhla (skond il-ftehimiet konklużi skond il-Proċess ta' Bolonja).

2. It-transferibilità ta' għotjiet allokatu għall-attivitajiet tal-KICs, b'mod partikolari għar-riċerkaturi u l-istudenti, għandhom ikunu garantiti.

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun żgurat li l-istudenti u r-riċerkaturi jkollhom mezzi suffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż ta' l-għajxien sabiex ikunu jistgħu jiddedikaw ħinhom esklussivament għar-riċerka u t-taħriġ tagħhom.

Emenda 36
Artikolu 12, paragrafu 1

1. L-IET għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu jitwettqu b'livell għoli ta' trasparenza.

1. L-IET għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu jitwettqu b'livell għoli ta' trasparenza. ***B'mod partikolari, l-IET għandu jwaqqaf websajt multilingwi, aċċessibbli u b'xejn li tipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' l-IET u KICs individwali.***

Ġustifikazzjoni

Għandha titwaqqaf websajt biex tipprovdi informazzjoni, sabiex ikun żgurat livell għoli ta' trasparenza u biex tkun promossa l-ħidma ta' l-IET.

Emenda 37
Artikolu 13, paragrafu 2

2. L-IET tista' tapplika għal u/jew tgħaddi għajjnuna Komunitarja b'mod partikolari fil-qafas tal-programmi u l-fondi Komunitarji. F'dak il-każ, għajjnuna bħal din m'għandhiex

2. ***Bla ħsara għall-iffinanzjar ta' programmi Komunitarji stabbiliti bħall-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja, l-IET tista' tapplika għal u/jew tgħaddi għajjnuna***

tiġi attribbwita għall-attivitajiet li diġà huma ffinanzjati mill-baġit Komunitarju.

Komunitarja b' mod partikolari fil-qafas tal-programmi u l-fondi Komunitarji. F' dak il-każ, għajjnuna bħal din m'għandhiex tiġi attribbwita għall-attivitajiet li diġà huma ffinanzjati mill-baġit Komunitarju.

Emenda 38
Artikolu 15 a (ġdid)

Artikolu 15a

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Fi żmien perjodu ta' 24 xahar mid-data ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, l-IET għandu jagħżel sa tliet KICs f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni. Waħda minn dawn il-KICs għandha topera fil-qasam ta' l-enerġija li tiġġedded u l-bidla klimatika.

Ġustifikazzjoni

Ladarba l-għan ewlieni ta' l-IET permezz tal-KICs huwa li jippromwovi l-innovazzjoni fl-UE, l-għażla tal-qasam ta' operat ta' KIC għandha tkun orjentata lejn is-suq b' mod indipendenti u wara proposti mressqa mill-Bord ta' Tmexxija.

Emenda 39
Anness, Artikolu 1, paragrafu 1

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul kemm minn membri maħtura li jipprovdu bilanċ bejn dawk b'esperjenza fin-negozju u dawk b'esperjenza akkademika/fir-riċerka (minn hawn 'il quddiem: "il-membri maħtura") u membri eletti minn u minn fost l-istaff, *l-istudenti u l-kandidati għal dottorati, amministrattivi, tekniċi, akkademiċi, tar-riċerka u ta' l-innovazzjoni ta' l-IET u l-KICs* (minn hawn 'il quddiem "il-membri rappreżentattivi").

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul kemm minn membri maħtura li jipprovdu bilanċ bejn dawk b'esperjenza fin-negozju u dawk b'esperjenza akkademika/fir-riċerka (minn hawn 'il quddiem: "il-membri maħtura") u membri eletti minn u minn fost l-istaff *akkademiku, tekniku, amministrattiv, ta' innovazzjoni u ta' riċerka, l-istudenti u l-kandidati għal dottorati ta' l-IET u l-KICs* (minn hawn 'il quddiem "il-membri rappreżentattivi"). ***Post speċjali għandu jinġerha lill-inġinjieri, li, grazzi għall-għarfien espert tagħhom, jagħtu kontribut ewlieni għat-trasformazzjoni tar-riżultati tar-riċerka fi prodotti u proċessi innovattivi.***

Emenda 40
Anness, Artikolu 2, paragrafu 1

1. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jaġixxu fl-interess ta' l-IET, iħarsu l-miri u l-missjonijiet, l-identità u l-koerenza tiegħu.

1. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jaġixxu fl-interess ta' l-IET, iħarsu l-miri u l-missjonijiet, l-identità u l-koerenza tiegħu ***b'indipendenza totali***.

PROĊEDURA

Titolu	Istitut Ewropew tat-Teknoloġija		
Referenzi	(COM(2006)0604 – C6-0355/2006 – 2006/0197(COD))		
Kumitat responsabbli	ITRE		
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 29.11.2006		
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	29.11.2006		
Rapporteur għal opinjoni: Data tal-ħatra	Erna Hennicot-Schoepges 18.12.2006		
Eżami fil-kumitat	27.2.2007	21.3.2007	8.5.2007
Data ta' l-adozzjoni	18.6.2007		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25	-: 3	0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Ivo Belet, Marie-Hélène Descamps, Jolanta Dičkutė, Věra Flasarová, Milan Gaľa, Ovidiu Victor Ganț, Vasco Graça Moura, Lissy Gröner, Luis Herrero-Tejedor, Manolis Mavrommatis, Doris Pack, Zdzisław Zbigniew Podkański, Christa Prets, Karin Resetarits, Pál Schmitt, Gheorghe Vergil Șerbu, Nikolaos Sifunakis, Hannu Takkula, Thomas Wise		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Giusto Catania, Den Dover, Ignasi Guardans Cambó, Gyula Hegyi, Erna Hennicot-Schoepges, Nina Škottová, Grażyna Staniszevska, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka		
Sostitut(i) skond l-Artikolu 178 (2) preżenti għall-votazzjoni finali	David Hammerstein		

12.6.2007

OPINJONITAL-KUMITAT GĦALL-BAĠIT

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija

(COM(2006)0604 – C6-0355/2006 – 2006/0197(COD))

Rapporteur għal opinjoni: : Nina Škottová

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-objettivi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni

L-IET huwa maħsub sabiex jikkontribwixxi għall-kompetittività industrijali billi jsaħħaħ il-kapaċità innovattiva ta' l-UE. L-għan huwa li l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni jkunu integrati skond l-ogħla standards (trijangolu ta' l-għarfien). Għaldaqstant il-proposta hija marbuta ma' l-aġenda ta' Liżbona.

Il-Kummissjoni tippreżenta l-IET bħala l-eżempju 'per eċċellenza' tar-rendiment għoli ta' klassi dinjija, li għandu jikkonverti skoperti innovattivi f'opportunitajiet kummerċjali. Wieħed għandu wkoll iħares lejn din il-proposta fid-dawl tal-qafas ta' l-aġenda ta' Liżbona, li l-objettiv tagħha hu ż-żjieda fil-kompetittività ta' l-industrija u s-servizzi ta' l-UE bil-għan li jinħolqu impjegi u tkabbir sostenibbli. B'mod partikulari, il-parteċipazzjoni tas-settur privat fil-proġett ta' l-IET jidher li jipprometti ħafna bħala mutur li jstimola l-effiċjenza tat-trijangolu ta' l-għarfien.

Implikazzjonijiet finanzjarji

L-ammont ta' referenza propost huwa ta' **EUR 308 miljun** għal perjodu ta' 6 snin mill-1 ta' Jannar 2008 (sa l-2013).

Barra minn hekk, **EUR 1.5 biljun** support li għandhom jiġu minn programmi oħrajn ta' l-UE (Is-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka, il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) u Fondi Strutturali, eċċ.)

Barra minn hekk, **EUR 527 miljun** għandhom jiġu mill-Istati Membri, mis-settur privat u minn self mill-BEI.

Dan ifisser li l-Kummissjoni tistima li l-infiq ta' l-IET u tal-KICs (Komunitajiet għall-Għarfien u l-Innovazzjoni) jammonta għal **total ta' EUR 2,367 biljun** (ara t-tabella hawn taħt).

In-natura legali ta' l-IET

Fil-proposta tagħha l-Kummissjoni tindika li għandu japplika l-Artikolu 185 tar-Regolamenti Finanzjarji peress li l-IET tirċievi kontribuzzjoni mill-bagħit ġenerali. Madankollu, l-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li "ma tkunx "aġenzija" fis-sens ġeneralment aċċettat tal-kelma". Fl-opinjoni tiegħu, is-Servizz Legali tal-PE wasal għall-konklużjoni li, fin-nuqqas ta' definizzjoni ċara ta' aġenzija, Punt 47 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 għandu japplika għall-IET.

Peress li l-IET kif propost mill-Kummissjoni jirrappreżenta struttura/organizzazzjoni li hija simili ħafna (kważi identika) għal aġenzija, ir-rapporteur, b'koperazzjoni mar-rapporteur permanenti għall-Aġenziji, tipproponi diversi emendi li jgħibu lill-istruttura organizzattiva ta' l-IET konformi ma' aġenziji li diġà jeżistu, bħalma hija l-Aġenzija Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali. Din tikkonċerna l-ħidma tad-Direttur, il-possibilità li dan jitkeċċa, l-awtorità

dixxiplinarja fuq id-Direttur, l-obbligu li b'mod regolari isir rapport lill-PE, eċċ.

Problemi marbutin ma' l-iffinanzjar

Fil-Qafas Finanzjarju Plurijennali (MFF) 2007-2013 l-iffinanzjar ma kienx previst b'mod espliċitu. Għaldaqstant, l-ammont ta' referenza finanzjarja (EUR 308 miljun) inaqas il-marġini li jifdal taħt l-intestatura 1a b'bejn wieħed u ieħor 25%.

Skond il-proposta tal-Kummissjoni, l-iffinanzjar addizzjonali ta' l-UE għall-IET għandu jittieħed minn programmi Komunitarji eżistenti:

Is-Seba Programm ta' Qafas għar-Riċerka (FP7)

Il-programm għall-Kompetittività u innovazzjoni (CIP)

Il-Fondi Strutturali (Fond għall-Iżvilupp Regionali Ewropew (ERDF), Fond Soċjali Ewropew (ESF)): il-kontribut mistenni mill-Fondi Strutturali huwa stmat li jilħaq EUR 1.25 biljun għall-perjodu 2007-2013, li EUR 1 biljun minnhom jiġu mill-ERDF u EUR 250 miljun mill-ESF.

Għaldaqstant dawn il-kreditu ma jkunux disponibbli għal proġetti oħra li huma eliġibbli għall-Fondi Strutturali. B'hekk il-mezzi finanzjarji limitati taħt l-intestatura 1a u 1b jitnaqqsu.

Barra minn hekk, minn punt tal-vista legali, jidher li talanqas hemm dubji serji dwar jekk dan l-iffinanzjar doppju mill-UE (l-IET bħala entità ffinanzjata mill-UE jiġi jirċievi finanzjar ulterjuri minn programmi eżistenti ta' l-UE) huwiex permess, peress li l-IET bħala entità ffinanzjata mill-UE jiġi jirċievi mhux biss finanzjar mill-baġit ta' l-UE iżda wkoll jirċievi finanzjar ulterjuri minn programmi eżistenti ta' l-UE.

Kif ġibdet l-attenzjoni l-Qorti ta' l-Awdituri fir-Rapport Speċjali tagħha 6/2005¹ dwar in-netwerks transewropej għat-trasport (TEN-T), l-iffinanzjar magħqud Komunitarju minn sorsi differenti jinvolvi numru ta' riski (bħalma huwa l-iffinanzjar zejzed jew doppju).

Barra minn hekk, jeżistu dubji serji dwar kemm dan l-iffinanzjar doppju, jekk mhux imsemmi espliċitament fil-programm Komunitarju rilevanti, huwa kompatibbli ma' l-Artikolu 111 tar-Regolament Finanzjarju: *"Kull azzjoni tista' twassal biss għal għotja waħda mill-baġit lil kwalunkwe benefiċjarju wieħed, ħlief fejn l-atti bażiċi rilevanti jawtorizzaw xort'oħra. Kull sena finanzjarja benefiċjarju jista' jingħata biss għotja waħda operattiva mill-baġit. L-applikant għandu mill-ewwel javża lill-uffiċjali li jawtorizzaw dwar kwalunkwe applikazzjonijiet multipli jew għotjiet multipli għall-istess azzjoni jew għall-istess programm ta' ħidma".*

Madankollu, l-IET mhux imsemmi fit-testi legali li jistabbilixxu dawn il-programmi Komunitarji. Għalhekk ma jista' jingħata l-ebda aċċess preferenzjali skond dawn il-programmi. Dan ifisser li l-iffinanzjar ma jistax jitqies fiż-żgur, filwaqt li jibqa' jitqies il-fatt li l-akbar parti ta' l-ispejjeż stmati ta' l-IET (xi EUR 1.5 biljun minn EUR 2.67 biljun) għandhom jiġu minn programmi eżistenti).

L-IET jkun ukoll ko-finanzjat minn awtoritajiet lokali, Stati Membri, negozji, self tal-BEI u

¹ ĠU C 94 tal-21 ta' April 2006, p. 16-17 u p. 33 (para. 66, 68).

kapital ta' riskju. Figuri eżatti ma jistgħux jinkisbu peress li l-interess tas-settur privat diffiċli huwa evalwat.

Hemm ukoll tħassib dwar jekk (il-ħidma ta') l-IET tistax tikkoinċidi ma' strutturi diġà eżistenti mwaqqfa mill-FP7, bħalma huwa l-Kunsill Ewropew għar-Riċerka. Waħda mill-innovazzjonijiet ta' l-FP7 huwa l-istabbiliment tal-**Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERC)**: il-Programm Speċifiku "Ideas" jiġi implimentat skond il-prinċipji ta' l-eċċellenza xjentifika, l-awtonomija, u l-eficjenza, billi l-ERC jkun kompost minn Kunsill Xjentifiku indipendenti magħmul minn xjentisti, inġiniera u studjużi ta' l-ogħla fama, li jirrappreżentaw il-komunità Ewropea tar-riċerka, u appoġġjat minn struttura ta' implimentazzjoni li titwaqqaf bħala **Aġenzija Eżekuttiva** skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistipula l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi inkarigati minn ċerti ħidmiet fl-immaniġġjar tal-programmi Komunitarji.

Ir-rapporteur tixtieq ukoll jikkjarifika r-relazzjoni bejn iċ-Ċentru tar-Riċerka attwali u l-IET. In-numru totali ta' ħaddiema fiċ-Ċentru Ewropew tar-Riċerka attwalment huwa ta' 1957 (karigi permanenti biss).

Ir-rapporteur għal opinjoni tixtieq ukoll tenfasizza li r-relazzjoni bejn l-IET, l-JRC u l-ERC u s-settur privat teħtieġ kjarifika.

Konklużjonijiet

Ir-rapporteur tilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni li toħloq Istitut Ewropew tat-Teknoloġija bħala pass importanti lejn it-titjib tal-kompetittività ta' l-UE.

Madankollu, hi tinsab mħassba dwar il-possibilità li dan il-proġett jista' jfalli peress li għad hemm dubji serji dwar għadd ta' aspetti li jikkonċernaw l-iffinanzjar ta' l-IET. Il-materjal ippreżentat mill-Kummissjoni kultant mhux ċar u/jew kontradittorju u għalhekk mhux faċli li ssir evalwazzjoni dwar jekk jistax ikun żgurat l-iffinanzjar fis-sod ta' l-IET.

Fid-dawl tad-dubji serji li jikkonċernaw l-iffinanzjar addizzjonali minn programmi Komunitarji oħra u tal-fatt li dan inaqqas l-iffinanzjar disponibbli għal proġetti oħra, din l-għamla ta' ffinanzjar tidher li mhux fiż-żgur.

Jidher dejjem aktar ovvju li l-krediti pprovduti taħt l-intestatura 1a mhumiex biżżejjed. Il-Parlament Ewropew stinka sabiex isaħħaħ din l-intestatura, li l-għan tagħha hu li tippromwovi l-kompetittività għat- tkabbir u għall-impjieg. L-IET jista' wkoll ikun kandidat għar-reviżjoni ta' l-IIA (reviżjoni ta' l-intestatura 1a).

L-IET kif propost mill-Kummissjoni jkollu struttura li tkun tixbah dik ta' aġenziji li diġà jeżistu. Għalhekk ir-rapporteur tipproponi għadd ta' emendi sabiex l-organizzazzjoni ta' l-IET tinġieb konformi mad-dispożizzjonijiet standard stipulati fit-testi legali li jistabbilixxu aġenziji oħra.

DETTALJI TAR-RIŻORSI (KIF STIPULAT FID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI)

L-GĦANIJIET TAL-PROPOSTA F' TERMINI TA' L-ISPIŻA FINANZJARJA U RIŻORSI (XENARJU TA' 6 KICS FL-2013)

L-ispejjeż	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total
L-istruttura tat-Tmexxija ta' l-IET	2.900	5.800	8.700	8.700	8.700	8.700	43.500
Il-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni	0.000	0.000	220.800	303.600	441.600	662.400	1,628.400
L-għotjiet għal studenti tal-Masters u l-kandidati tad-Dottorat	0.000	0.000	5.600	20.600	45.200	73.800	145.200
It-titjib tal-kapaċità ta' innovazzjoni/riċerka/edukazzjoni	0.000	0.000	100.000	150.000	150.000	150.000	550.000
L-ispejjeż totali	2.900	5.800	335.100	482.900	645.500	894.900	2,367.100
Ir-riżorsi							
L-awtoritajiet lokali u l-Istati Membri, l-Intrapriżi, is-self tal-BEI, il-Kapital tar-Riskju, <i>(direttament lill-KICs jew direttament lill-IET skond is-sors)</i>	0.000	0.000	47.080	113.040	133.740	233.100	526,960
Il-baġitt tal-Komunità (programmi: FP7, CIP, LLL, Fondi Strutturali: ERDF, ESF) <i>(direttament lill-KICs)¹</i>			238.020	309.860	436.760	546.800	1,531.440
Il-baġitt tal-Komunità (marġinijiet mhux allokat, sottointestatura 1A) <i>(direttament lill-IET)</i>	2.900	5.800	50.000	60.000	75.000	115.000	308.700
Ir-riżorsi totali	2.900	5.800	335.100	482.900	645.500	894.900	2,367.100

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġitt jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li gejgin fir-rapport tiegħu:

Abbozz ta' rizzoluzzjoni legizzattiva

Emenda 1
Paragrafu 1 a (ġdid)

1a. Iqis li l-kompatibilità tal-proposta tal-Kummissjoni ma' l-ogħla limiti tal-Qafas Finanzjarju Plurijennali (MFF) mhix żgurata;

¹ Mogħti skond il-proċeduri rispettivi tal-programmi.

Emenda 2
Paragrafu 1 b (ġdid)

1b. Ifakkar li l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat dwar il-Baġit ma tiddeterminax minn qabel l-eżitu tal-proċedura stipulata fil-Punt 47 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2007 li tapplika għat-twaqqif ta' l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija;

Emenda 3
Paragrafu 1 c (ġdid)

1c. Jistieden lill-Kunsill sabiex jibda negozjati mal-Parlament kemm dwar l-iffinanzjar tal-Korp tat-Tmexxija ta' l-IET, skond il-punt 47 ta' l-IIA, kif ukoll dwar l-iffinanzjar tal-KICs, u juża l-possibilitajiet kollha li toffri l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006;

Proposta għal regolament

Test propost mill-Kummissjoni¹

Emendi tal-Parlament

Emenda 4

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA, Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 157(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni, Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni, Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA, Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 157(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju, Wara li kkunsidraw l-Artikolu 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u t-tmexxija finanzjarja soda¹,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni, Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni, Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat, *ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.*

¹ ĠU C , p. .

Ġustifikazzjoni.

L-IET kif propost mill-Kummissjoni jirrappreżenta struttura/organizzazzjoni li hija normali għall-aġenziji. Din trid tkun riflessa fil-bażijiet legali li hemm referenza għalihom fir-Regolament.

Emenda 5
Premessa 15

(15) Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas finanzjarju għall-perjodu 2008 sa l-2013 **li se jkun il-punt ewlieni ta' riferiment għall-awtorità baġitarja, fi ħdan it-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda.**

(15) Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas finanzjarju għall-perjodu 2008 sa l-2013. **Madankollu, minħabba l-punt 14 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda, l-ebda att adottat bil-proċedura ta' kodeċiżjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill jew att adottat mill-Kunsill li jinvolvi li jinqabżu l-allokazzjonijiet disponibbli fil-baġit jew l-allokazzjonijiet disponibbli fil-qafas finanzjarju ma jistgħu jiġu implimentati f'termini finanzjarji sakemm il-baġit ma jiġix emendat u, jekk ikun hemm hteġġa, sakemm il-qafas finanzjarju ma jiġix rivedut kif xieraq skond il-proċedura rilevanti għal kull wieħed minn dawn il-każi .**

Emenda 6
Premessa 15 a (ġdida)

(15a) Billi mill-esperjenza tal-problemi li kien hemm fir-rigward tal-PPPs, kif fil-mument hemm bil-Galileo, il-kontribut mis-settur privat ma jistax jitqies fiż-żgur.

Emenda 7
Artikolu 1

Qiegħed jitwaqqaf Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (minn hawn 'il quddiem "l-IET").

Qiegħed jitwaqqaf Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (minn hawn 'il quddiem "l-IET"). **Huwa entità mwaqqfa skond l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u**

***l-Punt 47 tal-Ftehimha Interistituzzjonali
tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina
baġitarja u t-tmexxija finanzjarja soda.***

Ġustifikazzjoni.

*L-IET kif propost mill-Kummissjoni jirrappreżenta struttura/organizzazzjoni li hija normali
għall-aġenziji. Din trid tkun riflessa fil-bażijiet legali li hemm referenza għalihom fir-
Regolament.*

Emenda 8
Artikoli 8 a sa 8 l (ġodda)

Artikolu 8a

Il-Kompożizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul kemm minn membri maħtura li jipprovdu bilanċ bejn dawk b'esperjenza fin-negozju u dawk b'esperjenza akkademika/fir-riċerka (minn hawn 'il quddiem imsejħa: "il-membri maħtura") u membri eletti minn u minn fost l-istaff amministrattiv, tekniku, akkademiku, tar-riċerka u ta' l-innovazzjoni, u l-istudenti u l-kandidati għal dottorat, ta' l-IET u l-KICs (minn hawn 'il quddiem "il-membri rappreżentattivi").

2. Għandu jkun hemm 15-il membru maħtur. Dawn għandu jkollhom mandat ta' 6 snin li ma jiġġeddidx. Huma għandhom jinħatru mill-Kummissjoni fuq bażi tal-proposti minn Kumitat ta' Identifikazzjoni. Il-Kumitat ta' Identifikazzjoni se jkun magħmul minn 4 esperti indipendenti ta' livell għoli maħtura mill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tqis il-bilanċ bejn l-esperjenza akkademika/ta' riċerka u tan-negozju kif ukoll il-bilanċ bejn is-sessi u l-apprezzament ta' l-ambjenti ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni madwar l-Unjoni.

4. Terz tal-membri maħtura għandhom jinbidlu kull sentejn. Membri li ż-żmien tal-mandat tagħhom jiskadi wara t-tieni u r-raba' sena wara l-ħatra inizjali tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jittellgħu bix-xorti.

5. Għandu jkun hemm 4 membri rappreżentattivi. Dawn għandu jkollhom mandat ta' 3 snin, li jiggaded darba. Il-mandat tagħhom jieqaf jekk jitolqu mill-IET jew minn KIC. Huma għandhom jiġu ssotitwiti bl-istess proċess għall-bqija tal-mandat.

6. Il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet għall-elezzjoni u s-sostituzzjoni tal-“membri rappreżentattivi” għandhom jiġu approvati mill-Bord tat-Tmexxija fuq bażi ta' proposta mid-Direttur qabel ma tibda l-operat tagħha l-ewwel KIC. Dan il-mekkaniżmu għandu jiżgura rappreżentanza xierqa tad-diversità u għandu jqis l-evoluzzjoni ta' l-IET u l-KICs.

7. F'każ li membru tal-Bord tat-Tmexxija ma jkunx jista' jtemm il-mandat tiegħu, għandu jinħatar jew jiġi elett membru sostitut bl-istess proċedura tal-membru preċedenti sabiex itemm il-mandat tiegħu.

Artikolu 8b

Ir-Responsabilitajiet tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jaġixxu fl-interess ta' l-IET, iħarsu l-miri u l-missjonijiet, l-identità u l-koerenza tiegħu.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, b'mod partikolari:

(a) japprova l-istrateġija ta' l-IET kif stabbilita fil-programm rikorrenti trijennali ta' ħidma tiegħu, fil-baġit tiegħu, fil-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ tiegħu

u fir-rapport annwali tiegħu ta' l-attivitajiet fuq bażi ta' proposta mid-Direttur;

(b) jiddefinixxi l-oqsma fejn jiġu stabbiliti l-KICs;

(c) jadotta proċeduri ta' l-għażla tal-KICs li jkunu rigorużi, trasparenti u faċli biex tużahom; dawn il-proċeduri għandhom jinkludu valutazzjoni esterna minn esperti u għandhom ikopru r-relazzjonijiet bejn l-IET u l-KICs;

(d) jagħżel u jinnomina sħubija bħala KIC jew jirtira n-nomina jekk ikun hemm bżonn;

(e) jiżgura l-valutazzjoni kontinwa ta' l-attivitajiet tal-KICs;

(f) jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu u dawg tal-Kumitat Eżekuttiv u l-Kumitat tal-Verifika;

(g) jiddefinixxi, bi qbil mal-Kummissjoni, l-onorarji xierqa għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Kumitat Eżekuttiv u l-Kumitat tal-Verifika; dawn l-onorarji għandhom jitqabblu ma' dispożizzjonijiet simili fl-Istati Membri;

(h) jadotta proċedura għall-għażla tal-Kumitat Eżekuttiv, il-Kumitat tal-Verifika u d-Direttur;

(i) jaħtar, u jekk ikun meħtieġ ikeċċi, lid-Direttur, jaħtar lill-Ufficial tal-Kontijiet, u lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-Kumitat tal-Verifika

(ia) jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur;

(j) jistabbilixxi fejn xieraq gruppi konsultattivi li jista' jkollhom dewmien definit;

(k) jippromwovi lill-IET globalment, ħalli jkabbar l-attrazzenza tiegħu u jagħmlu "attur

*internazzjonali” għall-eċċellenza fl-
edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni;*

*(l) jadotta kodiċi ta’ mġiba tajba dwar il-
kunflitti ta’ interess;*

*(m) jiddefinixxi l-prinċipji u l-linji gwida
għall-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprjetà
intellettwali.*

*3. Il-Bord tat-Tmexxija jista’ jiddelega
funzjonijiet speċifiċi lill-Kumitat Eżekuttiv.*

*4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeliġi c-
Chairperson tiegħu minn fost il-membri
maħtura. Il-mandat ta-Chairperson
għandu jkun għal perjodu ta’ 3 snin, li
jiġġedded darba.*

Artikolu 8c

Il-Funzjonament tal-Bord tat-Tmexxija

*1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta d-
deċiżjonijiet b'maġġoranza sempliċi tal-
membri kollha tiegħu.*

*Madankollu, deċiżjonijiet li jaqgħu taħt l-
Artikolu 8b, paragrafi 2 (a), (b), (c), (d) u
(i) u 4 jirrikjedu maġġoranza ta' żewġ terzi
tal-membri kollha tiegħu.*

*2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiltaqa’
f’sessjoni ordinarja talanqas tliet darbiet
fis-sena, u f’sessjoni straordinarja meta
jitlaqqa’ miċ-Chairperson tiegħu jew fuq
talba ta’ mill-inqas terz tal-membri tiegħu.*

*3. Bħala dispożizzjoni tranżitorja, il-Bord
tat-Tmexxija għandu jkun magħmul
esklussivament minn membri maħtura
sakemm ikunu jistgħu jsiru l-elezzjonijiet
għall-membri rappreżentattivi, wara li
titwaqqaf l-ewwel KIC.*

Artikolu 8d

Il-Kumitat Eżekuttiv

1. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn ħames persuni fosthom iċ-Chairperson tal-Bord tat-Tmexxija li jippresjedi wkoll il-Kumitat Eżekuttiv.

L-erba' membri li mhumiex iċ-Chairperson għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-“membri maħtura”.

2. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa' fuq bażi regolari meta jitlaqqa' miċ-Chairperson tiegħu jew fuq talba tad-Direttur.

3. Il-Kumitat Eżekuttiv jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-membri kollha tiegħu.

4. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu:

(a) jipprepara l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija;

(b) jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm rikorrenti trijennali ta' ħidma;

(c) jissorvelja l-proċedura ta' l-għażla għall-KICs;

jieħu kwalunkwe deċiżjonijiet delegati lill mill-Bord tat-Tmexxija

Artikolu 8e

Id-Direttur

1. Id-Direttur għandu jkun persuna ta' kompetenza u reputazzjoni għolja fl-oqsma li fihom jopera l-IET. Huwa għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija għal mandat ta' 4 snin. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jestendi dan il-mandat darba b'4 snin meta jqis li l-interessi ta' l-IET jinqdew l-aħjar jekk isir hekk.

2. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum ta' l-IET u għandu jkun ir-rappreżentant legali tiegħu. Huwa responsabbli quddiem il-Bord tat-Tmexxija u lilu jrid jirrapporta fuq bażi kostanti dwar l-iżvilupp ta' l-attivitajiet ta' l-IET.

3. Id-Direttur għandu b'mod partikolari:

(a) jappoġġja lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Kumitat Eżekuttiv f'xogħolhom u jipprovdihom b'segretarjat għal-laqgħat tagħhom;

(b) iħejji l-abbozz ta' l-istrateġija u l-baġitt biex jittressaq quddiem il-Bord tat-Tmexxija permezz tal-Kumitat Eżekuttiv;

(c) jamministra l-proċedura ta' l-għażla għall-KICs; u jiżgura li d-diversi stadji ta' dak il-proċess jittwettqu b'mod trasparenti u oġġettivi;

(d) jorganizza u jimmaniġġa l-attivitajiet ta' l-IET;

(da) jiżgura l-implimentazzjoni ta' proċeduri effettivi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jikkonċernaw ir-rendiment ta' l-IET b'konformità ma' l-Artikolu 15;

(e) ikun responsabbli għal kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji, fosthom l-implimentazzjoni tal-baġitt ta' l-IET. Għal dan, id-Direttur għandu jqis il-parir mogħti mill-Kumitat tal-Verifika;

(f) ikun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha dwar l-istaff;

(g) iħejji l-abbozz tal-programm rikorrenti trijennali ta' ħidma u r-rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' l-IET u jippreżentahom lill-Bord tat-Tmexxija;

(h) jippreżenta l-abbozz tal-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ lill-Kumitat tal-Verifika, u wara lill-Bord tat-Tmexxija,

permezz tal-Kumitat Eżekuttiv;

(i) jiżgura li jitwettqu l-obbligi ta' l-IET fir-rigward tal-kuntratti u l-ftehimiet li huwa jikkonkludi;

(j) jipprovi lill-Kumitat Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija bit-tagħrif kollu meħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom.

Artikolu 8f

Il-Kumitat tal-Verifika

1. Il-Kumitat tal-Verifika għandu jkun magħmul minn 5 persuni maħtura għal perjodu ta' 4 snin mill-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni minn konsulenti esterni bil-kompetenza xierqa fil-kontroll finanzjarju u tal-verifika ta' organizzazzjonijiet akkademiċi, tar-riċerka u tan-negozju.

2. Il-Kumitat tal-Verifika għandu jwettaq dmirijietu f'indipendenza assoluta mill-entitajiet l-oħra ta' l-IET.

3. Il-Kumitat tal-Verifika għandu jeliigi c-Chairperson tiegħu.

4. Il-Kumitat tal-Verifika għandu jirrevedi l-kontijiet proviżorji u jippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur.

5. Il-funzjonijiet li l-Artikolu 185(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 jafda f'idejn l-awditur intern tal-Kummissjoni għandhom jitwettqu taħt ir-responsabilità tal-Kumitat tal-Verifika, li għandu jieħu l-provedimenti adegwati.

Artikolu 8g

L-Istaff ta' l-IET

1. L-istaff ta' l-IET għandu jkun magħmul minn ħaddiema impjegati direttament mill-IET b'kuntratti b'terminu fiss. Il-kondizzjonijiet ta' l-impjeg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej għandhom japplikaw għad-Direttur u l-Istaf ta' l-IET.

2. L-esperti jistgħu jkunu ssekondati għal żmien limitat lill-IET mill-Istati Membri jew minn ħaddieħor li jimpjegahom.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta dispożizzjonijiet li jippermettu lill-esperti sekondati mill-Istati Membri jew ħaddieħor li jimpjegahom biex jaħdmu ma' l-IET u jiddefinixxi d-drittijiet u r-responsabilitajiet tagħhom.

3. L-IET għandu jeżerċita, fir-rigward ta' l-istaf tiegħu, is-setgħat mgħoddija lill-awtorità awtorizzata biex tikkonkludi l-kuntratti mal-membri ta' l-istaf.

4. Membru ta' l-istaf jista' jinħtieġ ipatti għal kwalunkwe ħsara, kollha kemm hi jew parti minnha, imġarrba mill-IET, bħala rizzultat ta' mġiba ħażina serja min-naħa tiegħu waqt jew marbuta mal-qadi ta' dmirijietu/ħa.

Artikolu 8h

Prinċipji li jiggwidaw l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-Komunitajiet ta' l-Għarfien u l-Innovazzjoni

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta qafas ta' gwida li fuqu għandu jibbaża l-kondizzjonijiet u t-termini tal-ftehimiet mal-KICs u l-finanzjament, monitoraġġ u valutazzjoni ta' l-attivitajiet tagħhom. Dan għandu jiġi ppubblikat qabel ma jinbeda l-proċess ta' l-għażla tal-KICs.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu b'mod partikolari jipprovdi gwida fir-rigward ta':

(a) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-KICs u l-parteċipazzjoni ta' l-IET fit-tmexxija tagħhom.

(b) l-integrazzjoni tad-dimensjoni tan-negozju f'attivitajiet ta' riċerka u edukazzjoni, inkluż l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet edukattivi u sforzi għar-riċerka u l-iżvilupp; il-mobilità ta' l-istaff u l-istudenti/ir-riċerkaturi bejn in-negozju u s-setturi akkademiċi/tar-riċerka; il-forniment ta' kontenut edukattiv li jqis kwistjonijiet marbuta man-negozju, l-immaniġġjar u l-innovazzjoni; il-qsim bejn is-sħab tar-riżultati u d-dħul finanzjarju li jiġu mir-riżultati; it-tixrid tar-riżultati u l-prattiki tajba fost organizzazzjonijiet li mhumiex sħab fosthom intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

(c) kif ikun żgurat li l-kurrikula u l-prattiki interni jrawmu mod ta' ħsieb intraprenditorjali u innovattiv.

3. Fi ħdan it-termini tal-ftehim tagħhom ma' l-IET, il-KICs għandu jkollhom awtonomija sostanzjali biex jiddefinixxu l-organizzazzjoni interna kif ukoll l-aġenda preċiża tagħhom u l-metodi ta' ħidma.

Artikolu 8i

Prinċipji għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-Komunitajiet ta' l-Għarfien u l-Innovazzjoni

L-IET għandu jorganizza monitoraġġ kontinwu u evalwazzjonijiet perjodiċi indipendenti ta' l-eżiti u r-riżultati ta' kull KIC. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq Prattika Amministrattiva Tajba u parametri orjentati lejn ir-riżultati u jevitaw aspetti formali u proċedurali li mhumiex meħtieġa.

Artikolu 8j

Id-Dewmien, il-Kontinwazzjoni u t-Tmiem ta' Komunità ta' l-Għarfien u l-Innovazzjoni

1. KIC għandha normalment ddum minn 7 sa 15-il sena, skond ir-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet perjodiċi u l-ispeċifiċitajiet ta' oqsma partikolari.

2. Il-Bord tat-Tmexxija jista' eċċezzjonalment jiddeċiedi li jestendi l-operat ta' KIC lil hinn mill-perjodu inizjali stabbilit jekk dan ikun l-iktar mod adatt biex jintlaħaq l-għan ta' l-IET.

3. Fil-każ li valutazzjonijiet ta' KIC juru rezultati mhux adegwati, il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu l-miżuri xierqa fosthom tnaqqis, bdil jew irtirar ta' l-appoġġ finanzjarju jew it-tmiem tal-ftehim.

Artikolu 8k

L-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġitt

1. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu ta' kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet ta' l-IET għandu jikkomunika l-kontijiet provviżorji flimkien ma' rapport dwar l-immaniġġjar baġitarju u finanzjarju lill-Kumitat tal-Verifika, lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri.

2. Mal-wasla ta' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Verifiki u l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji ta' l-IET, id-Direttur għandu jfassal il-kontijiet finali ta' l-IET taħt ir-responsabilità tiegħu stess u jippreżentahom lill-Bord tat-Tmexxija għal opinjoni.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħti

opinjoni dwar il-kontijiet finali ta' l-IET.

4. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara, id-Direttur għandu jibgħat il-kontijiet finali, flimkien ma' l-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija, lill-Kummissjoni, lill-Qorti ta' l-Awdituri, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Id-Direttur għandu jibgħat lill-Qorti ta' l-Awdituri tweġiba għall-osservazzjonijiet tagħha sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru. Din it-tweġiba għandu jibgħatha wkoll lill-Bord tat-Tmexxija.

Artikolu 8l

Stralċ ta' l-IET

F'każ ta' stralċ ta' l-IET, il-likwidazzjoniji tiegħu għandha sseħħ taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni b'konfomità mal-liġijiet applikabbli. Il-ftehimiet mal-KICs u l-att li jistabbilixxi l-Fundazzjoni ta' l-IET għandhom ifasslu d-dispożizzjonijiet xierqa għal sitwazzjoni bħal din.

(Note to Translators: Underlining identifies modified text in this "converted" Annex, i.e. the only bits needing translation)

Ġustifikazzjoni.

Usually, the provisions concerning the organisation of the Agency are integrated in the articles of the legislative text and not laid down in an annex. Therefore, the annex is deleted and inserted as Articles 8a to 8l.

The power to dismiss the Director and to exercise disciplinary authority over him is one of the main features of the organisational structure of agencies. Even agencies which fulfil their tasks in complete independence such as the Agency for Fundamental Rights are bound to respect these rules (see Article 8b, paragraph 2, point (ia)).

As for other agencies, the Director should be responsible for the proper implementation of a regular evaluation procedure (see Article 8e, paragraph 3, point (da)).

Emenda 9

Artikolu 12, paragrafu 2, parti introduttorja

2. L-IET għandu **jippubblika mingħajr dewmien** :

2. L-IET għandu **jittrażmetti lill-awtorità baġitarja**:

Ġustifikazzjoni.

B'konformità mal-prinċipji stabbiliti għal aġenziji oħra, l-awtorità baġitarja trid tinżamm infurmata fuq bażi regolari.

Emenda 10
Artikolu 13, paragrafu 1, punt (a)

(a) kontribuzzjonijiet mill-baġitt ta' l-Unjoni Ewropea;

(a) kontribuzzjonijiet mill-baġitt ta' l-Unjoni Ewropea **skond l-Artikolu 16**;

Ġustifikazzjoni.

Id-dispożizzjoni kif proposta mill-Kummissjoni tizgwiđa peress li mhux ċar minn fejn se jiġu l-kontribuzzjonijiet ta' l-UE. Għaldaqstant l-emenda tirreferi b'mod espliċitu għall-ammont ta' referenza ta' EUR 308 miljun sabiex tagħmel ċar li dan huwa l-ammont indikattiv li se jkun ifffinanzjat mill-baġitt ta' l-UE.

Emenda 11
Artikolu 13, paragrafu 2

2. L-IET tista' tapplika għal u/jew tgħaddi għajna Komunitarja b'mod partikolari fil-qafas tal-programmi u l-fondi Komunitarji. F'dak il-każ, għajna bħal din m'għandhiex tiġi attribbwiđa għall-attivitajiet li diġà huma ffinanzjati mill-baġitt Komunitarju.

imħassar

Ġustifikazzjoni.

There are serious legal doubts concerning the EIT's eligibility for applying for funds coming from existing Community programmes such as the 7th Framework Programme for Research or the Structural Funds.

According to the financial statement of the Commission proposal the financial assistance for the EIT from existing Community programmes would amount to more than EUR 1,5 billion. This would represent an unacceptable reduction of the funding for these programmes. Other applicants competing for these scarce resources would not be able to carry out their projects. Therefore the reference to financing from other Community programmes has to be deleted.

Emenda 12
Artikolu 14, paragrafu 1, punt (a)

(a) programm rikorrenti trijennali ta' ħidma li fih stqarrija tal-prijoritajiet ewlenin tiegħu u l-inizjattivi ppjanati inkluża stima ta' bżonnijiet u sorsi finanzjarji. L-abbozz ta' programm ta' ħidma għandu jintbagħat mill-Bord Governattiv lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni fi żmien tliet xhur fir-rigward tal-kumplimentarjetà tagħha mal-politiki u l-istrumenti Komunitarji. Fejn il-Kummissjoni tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha, il-Bord tat-Tmexxija għandu jeżamina mill-ġdid il-programm u jadottah bi kwalunkwe emendi xierqa.

(a) programm rikorrenti trijennali ta' ħidma li fih stqarrija tal-prijoritajiet ewlenin tiegħu u l-inizjattivi ppjanati inkluża stima ta' bżonnijiet u sorsi finanzjarji. L-abbozz ta' programm ta' ħidma għandu jintbagħat mill-Bord Governattiv lill-Kummissjoni, ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***. Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni fi żmien tliet xhur fir-rigward tal-kumplimentarjetà tagħha mal-politiki u l-istrumenti Komunitarji. Fejn il-Kummissjoni tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha, il-Bord tat-Tmexxija għandu jeżamina mill-ġdid il-programm u jadottah bi kwalunkwe emendi xierqa.

Ġustifikazzjoni.

B'konformità mal-prinċipji stabbiliti għal aġenziji oħra, l-awtorità baġitarja trid tinżamm infurmata fuq bażi regolari.

Emenda 13
Artikolu 14, paragrafu 2

2. Il-programm ta' ħidma trijennali li jista' jiġi emendat u aġġornat u r-rapport annwali għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni, ***li għandha tikkomunikahom*** lill-Parlament Ewropew, *il-Kunsill* u *l-Qorti Ewropea* ta' l-Awdituri.

2. Il-programm rikorrenti trijennali ta' ħidma u r-rapport annwali għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni, *lill-Parlament Ewropew*, *lill-Kunsill* u *lill-Qorti Ewropea* ta' l-Awdituri. ***Il-programm ta' ħidma għandu jkun b'konformità mar-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli.***

Ġustifikazzjoni.

Bħalma hu l-każ ta' aġenziji oħra, il-Parlament Ewropew irid jirċievi tagħrif rilevanti, bħalma huwa l-programm ta' ħidma u r-rapport annwali, direttament mingħand l-IET. Il-programm ta' ħidma għandu jirrifletti r-riżorsi disponibbli.

Emenda 14
Artikolu 15, paragrafu 1

1. L-IET għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu, inklużi dawk immexxija permezz ta' KICs, għandhom ikunu suġġetti għal monitoraġġ kontinwu u valutazzjoni perjodika indipendenti, biex jiġi żgurat kemm l-ogħla kwalità ta' riżultat u l-iżjed użu effiċjenti tar-riżorsi. ***Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom jiġu ppubblikati.***

1. L-IET għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu, inklużi dawk immexxija permezz ta' KICs, għandhom ikunu suġġetti għal monitoraġġ kontinwu u valutazzjoni perjodika indipendenti, biex jiġi żgurat kemm l-ogħla kwalità ta' riżultat u l-iżjed użu effiċjenti tar-riżorsi. ***Ta' kull sena l-IET għandu jgħaddi lill-awtorità baġitarja kull tagħrif rilevanti għall-eżitu tal-proċeduri ta' evalwazzjoni.***

Ġustifikazzjoni.

Din id-dispozzjoni hija standard fit-testi legali li jistabbilixxu aġenzija.

Emenda 15
Artikolu 16

Il-pakkett finanzjarju indikattiv ***għall-implimentazzjoni*** tar-Regolament matul il-perjodu ta' 6 snin mill-1 ta' Jannar 2008 huwa ta' EUR ***308.7 miljun***. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju.

Il-pakkett finanzjarju indikattiv ***ta' l-iffinanzjar Komunitarju*** tar-Regolament matul il-perjodu ta' 6 snin mill-1 ta' Jannar 2008 huwa ta' [xxx miljun], ***li huwa suġġett għall-kunsens ta' l-awtorità baġitarja skond il-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, l-aktar il-parti C u l-artikolu 47 tagħha.*** L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju.

Emenda 16
Artikolu 17, paragrafu 5

5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-abbozz ta' l-istima flimkien mal-programm ***ta' ħidma trijennali li jista' jiġi emendat u aġġornat***, u jgħaddihom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu.

5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-abbozz ta' l-istima flimkien mal-programm ***rikorrenti trijennali ta' ħidma u abbozz ta' organigramma***, u jgħaddihom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu.

Ġustifikazzjoni.

L-abbozz ta' organigramma għandu jagħmel parti mit-tagħrif mgħoddi lill-Kummissjoni. L-istaff huwa kwistjoni ewlenija ta' l-abbozz ta' l-istima.

Emenda 17
Artikolu 17, paragrafu 5 a (ġdid)

5a. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-istima lill-awtorità baġitarja flimkien ma' l-abbozz ta' baġit preliminari ta' l-Unjoni Ewropea.

Ġustifikazzjoni.

Il-Parlament Ewropew irid jirċievi l-istima. Din hija proċedura standard li għalija hemm dispożizzjoni fit-test legali dwar it-twaqqif ta' aġenzija.

Emenda 18
Artikolu 17, paragrafu 6

6. Abbażi ta' l-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal l-istimi li hija tqis neċessarji għall-ammont tas-sussidju li jrid jitħallas mill-baġit ġenerali, *fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.*

6. Abbażi ta' l-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal *fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea* l-istimi li hija tqis neċessarji għall-**organigramma u għall**-ammont tas-sussidju li jrid jitħallas mill-baġit ġenerali, **li hija għandha tressaq quddiem l-awtorità baġitarja skond l-Artikolu 272 tat-Trattat.**

Ġustifikazzjoni.

Il-Parlament Ewropew irid jirċievi l-istima. Din hija proċedura standard li għalija hemm dispożizzjoni fit-test legali dwar it-twaqqif ta' aġenzija.

Emenda 19
Artikolu 17, paragrafu 7

7. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet għas-sussidju lill-IET.

7. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet għas-sussidju lill-IET. **L-awtorità baġitarja għandha tadotta l-organigramma.**

Ġustifikazzjoni.

L-organigramma hija parti importanti mill-baġit ta' Aġenzija. Hija trid tiġi approvata mill-awtorità baġitarja (proċedura standard għal aġenziji oħra).

Emenda 20
Artikolu 17, paragrafu 8 a (ġdid)

8a. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, minnufih kemm jista' jkun, jinnotifika lill-awtorità baġitarja bl-intenzjoni tiegħu li jimplementa kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-iffinanzjar tal-baġit tiegħu, b'mod partikulari kwalunkwe baġits li jikkonċernaw proprjetà bħalma huma l-kiri jew ix-xiri ta' bini. Huwa għandu javża l-Kummissjoni b'dan.

Ġustifikazzjoni.

Dispożizzjoni standard li tinsab f'testi legali oħra li jwaqqfu aġenziji. Ara wkoll l-Artikolu 179(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda 21
Artikolu 18, paragrafu 1

1. L-IET għandu jadotta r-regoli finanzjarji tiegħu skond l-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002. Il-bżonn ta' flessibilità operazzjonali adegwata għandu jitqies kif ħaqqu sabiex jippermetti lill-IET jilħaq l-għanijiet tiegħu u jattira u jżomm is-sħab fis-settur privat.

1. L-IET għandu jadotta r-regoli finanzjarji tiegħu skond l-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002 *(KE, Euratom) wara li tkun ikkonsultata l-Kummissjoni*. Il-bżonn ta' flessibilità operazzjonali adegwata għandu jitqies kif ħaqqu sabiex jippermetti lill-IET jilħaq l-għanijiet tiegħu u jattira u jżomm is-sħab fis-settur privat. ***Ir-regoli finanzjarji jistgħu biss ma jsegwux ir-regolament Komunitarju (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002¹ jekk hekk ikun meħtieġ għall-operat ta' l-IET u bil-kunsens preċedenti tal-Kummissjoni.***

¹ *ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.*

Ġustifikazzjoni.

Irid jiġi rrispettat ir-Regolament ta' Qafas 2343/2002 dwar l-aġenziji. Il-formulazzjoni tat-test hija konformi mad-dispożizzjonijiet stipulati f'testi legali oħra li jwaqqfu aġenziji.

Emenda 22
Artikolu 21

Artikolu 21

imħassar

Statuti

Qegħdin jiġu adottati l-istatuti ta' l-IET, kif stabbiliti fl-Anness.

Ġustifikazzjoni.

Ara emenda 2 - L-Istatuti tnehew mill-Anness u tpoġġew fl-Artikoli 8a sa 8l (ġodda)

Emenda 23

Anness

Anness imħassar

Ġustifikazzjoni.

Ara emenda 2 - L-Istatuti tpoġġew fl-Artikoli 8a sa 8l (ġodda)

PROĊEDURA

Titolu	Istitut Ewropew ta' Teknoloġija	
Referenzi	(COM(2006)0604 – C6-0355/2006 – 2006/0197(COD))	
Kumitat responsabbli	ITRE	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 29.11.2006	
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja		
Rapporteur ta' opinjoni: Data tal-ħatra	Nina Škottová 25.10.2006	
Diskussjoni fil-kumitat	7.5.2007	11.6.2007
Data ta' l-adozzjoni	11.6.2007	
Riżultat tal-vot finali	+: 27	–: 0
	0: 0	
Membri preżenti għall-vot finali	Richard James Ashworth, Reimer Böge, Herbert Bösch, Simon Busuttil, Joan Calabuig Rull, Paulo Casaca, Gérard Deprez, Hynek Fajmon, Szabolcs Fazakas, Salvador Garriga Polledo, Ingeborg Gräßle, Louis Grech, Catherine Guy-Quint, Jutta Haug, Anne E. Jensen, Janusz Lewandowski, Vladimír Maňka, Mario Mauro, Gérard Onesta, Petre Popeangă, Nina Škottová, László Surján, Helga Trüpel, Kyösti Virrankoski	
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Marusya Ivanova Lyubcheva, Paul Rübig, Gianluca Susta	

6.6.2007

OPINJONITAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija

(COM(2006)0604 – C6-0355/2006 – 2006/0197(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Umberto Guidoni

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Min-naħa tal-kontroll baġitarju, żewġ aspetti tal-proposta tal-Kummissjoni jistħoqilhom attenzjoni partikolari.

1. Evalwazzjoni u reviżjoni

L-ewwel nett, ir-rapporteur għal opinjoni huwa konvint li d-dispożizzjonijiet dwar l-evalwazzjoni u r-reviżjoni għandhom jissaħħew. L-IET (Istitut Ewropew tat-Teknoloġija – “European Institute of Technology – EIT”) ikun strument ġdid fuq livell ta’ UE. Il-valur miżjud tiegħu, meta mqabbel ma’ strumenti oħra, għad irid jidher. Almenu għall-fażi tal-bidu mill-2008 sa’ l-2013, huwa probabbli li l-IET ikun il-biċċa l-kbira ffinanzjat mill-budget tal-Komunità. Għalhekk, l-awtoritajiet baġitarji u ta’ kwittanza għandhom bżonn ta’ bażi solida għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tiegħu. Ir-rapporteur għall-opinjoni jipproponi żewġ stadji għall-evalwazzjoni:

- a) l-istruttura ta’ l-organizzazzjoni ta’ l-IET għandha tiġi riveduta wara sentejn ta’ ħidma
- b) evalwazzjoni fuq skala sħiħa tal-prestazzjoni ta’ l-IET għandha titwettaq fil-ħin għall-preparamenti tal-perspettivi finanzjarji li jmiss.

2. L-istrutturi għall-kontroll finanzjarju

It-tieni nett, hemm bżonn ta’ kjarifikazzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-kontroll finanzjarju. Il-proposta tal-Kummissjoni tistipula li r-regoli finanzjarji ta’ l-IET għandhom jiġu adottati b’konformità ma’ l-Artikolu 185 (1) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet¹. Dan ifisser li – mill-aspett finanzjarju – l-IET għandha tiegħu l-forma ta’ l-entitajiet msemmija fl-Artikolu 185 (1), i.e. aġenziji. Fil-prinċipju, ir-regoli għall-kontroll finanzjarju għall-dawn l-entitajiet huma stipulati fil-qafas tar-Regolament Finanzjarju għall-aġenziji². Ir-rapporteur għall-opinjoni huwa mħasseb li l-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi mudell għall-kontroll finanzjarju għall-IET li jvarja minn dawk ir-regoli mingħajr biżżejjed ġustifikazzjoni.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, OJ L 248, 16.9.2002, p.1, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1995/2006 tat-13 ta’ Diċembru 2006, ĠU L 390, 30.12.2006, p1.

² Regolament tal-Kummissjoni Nru. 2343/2002 tat-23 ta’ Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta’ Qafas għall-entitajiet msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (EC, Euratom) Nru. 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għa-{}-ll-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, OJ L 357, 31.12.2002, p. 72.

³ Artikolu 248 (1) Trattat KE.

⁴ Artikolu 248 (4) Trattat KE.

Per eżempju, għal dik li hi **verifika interna**, il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi struttura pjuttost kumplessa. Billi r-Regolament ta' qafas għall-aġenziji jgħid li dawn l-entitajiet għandhom ikollhom funzjoni ta' verifika interna u jippermetti xi flessibilità fid-disinn ta' din il-funzjoni, il-proposta tal-Kummissjoni fuq l-IET tfittex li tistabilixxi kumitat ta' verifika permanenti ta' ħames persuni.

Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi proċedura ta' kwittanza li tinvolvi l-Parlament u l-Kunsill. Il-kwittanza tista' tingħata biss fuq bażi ta' **verifika esterna** mwettqa mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri. Skond it-Trattat KE, il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri hija meħtieġa li teżamina l-kontijiet tad-“dħul u l-infiq kollu tal-Komunità” u ta' “l-entitajiet kollha stabbiliti mill-Komunità safejn l-istrument kostitwenti rilevanti ma jipprekludix eżaminazzjoni ta' dan it-tip³. Permezz tal-verifiki tagħha, il-Qorti “tassisti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jeżerċitaw il-poteri tagħhom ta' kontroll fuq il-baġit”⁴.

Madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni ma ssemmix l-iskrutinju tal-Qorti ta' l-Awdituri bħala prerekwiżit għall-kwittanza. Xi poteri speċifiċi ta' kontroll għall-Qorti huma previsti bħala dispożizzjoni separata fl-anness.

Barra minn hekk, ir-rapporteur għall-opinjoni huwa tal-fehma li l-proċedura ta' **kwittanza** għall-baġit IET għandha tkun trasparenti kemm jista' jkun. Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi deċiżjoni ta' kwittanza doppja, waħda għall-baġit ta' l-IET kif inhi u waħda għall-baży ta' l-IET biex tkun stabbilita separatament mill-baġit IET. Il-baży ta' l-IET isservi l-għan li tattira finanzjament minn sponsors privati. Għalhekk, tidher ikkumplikata żżejjed li l-fondazzjoni tirċievi finanzjament tal-Komunità u tingħata kwittanza separata kull sena.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni¹

Emendi tal-Parlament

Amendment 1 Recital 18

(18) Huwa xieraq li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu intitolati jindirizzaw opinjoni dwar il-programm ta' ħidma ta' l-IET, **ir-rapport annwali, inkluża l-istqarrija tal-kontijiet**.

(18) Huwa xieraq li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu intitolati jindirizzaw opinjoni **lill-IET dwar** il-programm ta' ħidma **trijennali** tiegħu.

¹ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

Ġustifikazzjoni.

Fir-rigward tar-rapport annwali u b'mod notevoli fl-istqarrija tal-kontijiet, il-Parlament jagħti l-opinjoni tiegħu permezz tal-proċedura ta' kwittanza tiegħu.

Emenda 2

Artikolu 4, paragrafu 1, punt (d)

(d) jagħżel u jinnomina KICs fl-oqsma ta' prijorità u jiddefinixxi d-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom bi ftehim; ifornihom bl-appoġġ xieraq; japplika miżuri xierqa ta' kontroll tal-kwalità; jimmonitorizza kontinwament u jivvaluta perjodikament l-attivitajiet tagħhom; **u** jiżgura livell xieraq ta' **koordinament bejniethom**;

(d) jagħżel u jinnomina KICs fl-oqsma ta' prijorità u jiddefinixxi d-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom bi ftehim; ifornihom bl-appoġġ xieraq; japplika miżuri xierqa ta' kontroll tal-kwalità; jimmonitorizza kontinwament u jivvaluta perjodikament l-attivitajiet tagħhom; jiżgura livell xieraq ta' **koordinazzjoni bejn il-KICs u jagħti kontribut lejn il-bini ta' netwerk li jorbot inizzjattivi ta' l-innovazzjoni Ewropea li jmorru lil hinn mill-KICs**;

Ġustifikazzjoni.

Sabiex ikun evalwat il-valur miżjud ta' l-IET meta mqabbel mal-programmi kurrenti tal-KE, il-potenzjal ta' l-IET għan-“networking” għandu jiġi esplorat b'mod partikulari.

Emenda 3

Artikolu 4, paragrafu 2, subparagrafu 2

L-IET jista' jagħti kontribut **sa massimu ta' 3% mill-baġit annwali tiegħu lil Fondazzjoni ta' din ix-xorta.**

L-IET jista' jagħti kontribut **ta' ammont fiss mill-baġit tiegħu sabiex jistabilixxi l-Fondazzjoni.**

Ġustifikazzjoni.

Jidher li m'hux neċessarju li l-fondazzjoni, li għandha tattira sponsors privati, tirċievi fondi tal-Komunità mill-IET fuq bażi regolari. Proċedura żejda ta' kwittanza għandha tiġi evitata.

Emenda 4

Artikolu 8, paragrafu 1, punt (d)

(d) **Kumitat ta' Verifika li għandu jagħti** pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur għall-istrutturi ta' ġestjoni u kontroll finanzjarji u amministrattivi fi ħdan l-IET,

(d) **Funzjoni ta' verifika interna li għandha tagħti** pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur għall-istrutturi ta' ġestjoni u kontroll finanzjarji u amministrattivi fi ħdan l-IET,

dwar l-organizzazzjoni tal-links finanzjarji mal-KICs, u dwar kwalunkwe suġġett ieħor mitlub mill-Bord tat-Tmexxija.

dwar l-organizzazzjoni tal-links finanzjarji mal-KICs, u dwar kwalunkwe suġġett ieħor mitlub mill-Bord tat-Tmexxija.

Ġustifikazzjoni.

L-IET m'għandiex tkun obbligata li tistabbilixxi l-kumitat ta' verifika permanenti tagħha stess, iżda għandha tgawdi mill-istess flessibilità bħall-entitajiet l-oħra msemmija fl-Artikolu 185 (1) tar-regolament finanzjarju.

Emenda 5
Artikolu 8, paragrafu 2

2. Il-Kummissjoni tista' taħtar osservaturi biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat Eżekuttiv ***u l-Kumitat tal-Verifika.***

2. Il-Kummissjoni tista' taħtar osservaturi biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat Eżekuttiv.

Emenda 6
Artikolu 14, paragrafu 1, punt (b)

(b) rapport annwali sat-30 ta' Ġunju kull sena. Ir-rapport għandu jfassal pjan għall-attivitajiet immexxija mill-IET matul is-sena ta' qabel u jeżamina r-riżultati fir-rigward ta' l-għanijiet u l-iskeda stabbiliti, ir-riskji marbuta ma' l-attivitajiet imwettqa, l-użu tar-riżorsi u l-operat ġenerali ta' l-IET. ***Huwa għandu jinkludi stqarrija tal-kontijiet sħiħa u vverifikata.***

(b) rapport annwali sat-30 ta' Ġunju kull sena. Ir-rapport għandu jfassal pjan għall-attivitajiet immexxija mill-IET matul is-sena ta' qabel u jeżamina r-riżultati fir-rigward ta' l-għanijiet u l-iskeda stabbiliti, ir-riskji marbuta ma' l-attivitajiet imwettqa, l-użu tar-riżorsi u l-operat ġenerali ta' l-IET.

Ġustifikazzjoni.

It-test għandu jikkjarifika li l-perjodu ta' rappurtar għas-sena finanzjarja n tikkorrispondi mas-sena kalendarja. Ir-rapport jista' jiġi trazzmess sa Ġunju tas-sena n + 1. Għall-kontijiet, għandhom japplikaw ir-regoli ġenerali tar-regolament finanzjarju ta' qafas għall-aġenzij.

Emenda 7
Artikolu 14, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità ta' l-EIT ikunu f'konformità mar-regoli stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru

2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 tar-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-entitajiet imsemmja fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹.

¹ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

Ġustifikazzjoni.

Għall-kontijiet ta' l-EIT, għandhom japplikaw ir-regoli ġenerali tar-regolament finanzjarju ta' qafas għall-aġenzij.

Emenda 8
Artikolu 15, paragrafu 1

1. L-IET għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu, inklużi dawk immexxija permezz ta' KICs, għandhom ikunu suġġetti għal monitoraġġ kontinwu u valutazzjoni perijodika indipendenti, biex jiġi żgurat kemm l-ogħla kwalità ta' riżultat u l-iżjed użu effiċjenti tar-riżorsi. Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom jiġu ppubblikati. *imħassar*

Ġustifikazzjoni.

Il-piż amministrattiv fuq l-IET innifsu għandu jkun limitat. L-evalwazzjoni għandha tkun ir-responsabilità tal-Kummissjoni.

Emenda 9
Artikolu 15, paragrafu 2

2. Fi żmien ħames snin mid-data ta l-adozzjoni ta dan ir-Regolament u minn hemm 'il quddiem kull erba' snin, il-Kummissjoni għandha tippubblika valutazzjoni ta' l-IET. Din għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni esterna indipendenti, u għandha teżamina kif l-IET jaqdi l-missjonijiet tiegħu. Hija għandha tkopri l-attivitajiet kollha ta' l-IET u l-KICs u għandha teżamina l-effettività, is-

2. Sal-31 ta' Diċembru l-aktar tard, il-Kummissjoni għandha tikkomunika evalwazzjoni ta' l-IET lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni esterna indipendenti, u għandha teżamina l-effiċjenza u l-effettività ta' l-istruttura organizzattiva ta' l-IET u tal-ħidma tiegħu fil-prattika. B'mod partikulari l-evalwazzjoni għandha

sostenibilità, l-effiċjenza u r-rilevanza ta l-attivitajiet imwettqa u r-relazzjoni tagħhom mal-politiki Komunitarji. Hija għandha tqis il-fehmiet tal-partijiet interessati, kemm f'livell Ewropew kif ukoll f'livell nazzjonali.

tanalizza l-kapaċità ta' l-IET li jikkoordina l-attivitajiet tal-KICs.

Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti għall-emendi ta' dan ir-regolament.

Ġustifikazzjoni.

Wara sentejn il-ħidma Prattika ta' l-IET għandha tiġi evalwata. Il-Kummissjoni għandha jkollha l-possibilità li ttipponi emendi lill-bażi legali jekk dan ikun meħtieġ. Evalwazzjoni fuq skala sħiħa tal-prestazzjoni ta' l-IET għandha ssir qabel il-perspettivi finanzjarji li jkun imiss.

Emenda 10
Artikolu 18, paragrafu 1

1. L-IET għandu jadotta r-regoli finanzjarji tiegħu skond l-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002. Il-bżonn ta' flessibilità operazzjonali adegwata għandu jitqies kif ħaqqu sabiex jippermetti lill-IET jilħaq l-għanijiet tiegħu u jattira u jżomm is-sħab fis-settur privat.

1. Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-IET għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija ladarba tkun ġiet ikkonsultata l-Kummissjoni. Ma jistgħux jiddevjaw mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

Ġustifikazzjoni.

Ir-referenza għandha tispiċċa b'referenza għar-regolament qafas għall-entitajiet kollha tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju, biex b'hekk ikun assigurat li l-proċeduri normali ta' kontroll finanzjarju japplikaw.

Emenda 11
Artikolu 18, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri teżerċita l-iskrutinju tagħha b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

Ġustifikazzjoni.

Il-verifika esterna mill-Qorti ta' l-Awdituri hija prerekwiżit għall-kwittanza.

Emenda 12
Artikolu 18, paragrafu 4

4. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena n + 2, jagħti l-approvazzjoni tiegħu għas-sena n, lid-Direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-IET, **u lill-Bord tat-Tmexxija fir-rigward tal-Fundazzjoni.**

4. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena n + 2, jagħti l-approvazzjoni tiegħu għas-sena n, lid-Direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-IET.

Ġustifikazzjoni.

Huwa meħtieġ li tiġi evitata deċiżjoni ta' kwittanza separata għall-Fondazzjoni.

Emenda 13
Artikolu 20

Ħames snin wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u minn hemm 'il quddiem kull erba' snin, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar l-operat ta' l-IET u għandha tagħmel kwalunkwe proposti xierqa għall-emenda ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom iqisu r-rapporti annwali mill-Bord tat-Tmexxija stipulati fl-Artikolu 14 u l-valutazzjonijiet esterni stipulati fl-Artikolu 15.

Sal-31 ta' Diċembru 2011 l-aktar tard, il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u ta' l-operat ta' l-IET. Din għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni esterna indipendenti, u għandha teżamina kif l-IET jaqdi l-missjoni tiegħu, il-prestazzjoni tiegħu u t-twertieq ta' l-għanijiet tiegħu. Hija għandha tkopri l-attivitajiet kollha ta' l-IET u tal-KICs u għandha teżamina l-efettività, is-sostenibilità, l-effiċjenza u r-rilevanza ta' l-attivitajiet imwettqa u r-relazzjoni tagħhom mal-politiki tal-Komunità. L-evalwazzjoni għandha tqis il-fehmiet tal-partijiet interessati, kemm f'livell Ewropew kif ukoll f'livelli nazzjonali. Għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni għandha tagħmel kwalunkwe proposti xierqa għall-emenda ta' dan ir-Regolament

Ir-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti annwali mill-Bord tat-Tmexxija stipulati fl-Artikolu 14 u l-valutazzjonijiet esterni stipulati fl-Artikolu 15.

Ġustifikazzjoni.

L-evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' l-IET għandha tkun lesta fil-ħin għall-preparazzjoni tal-Perspettivi Finanzjarji li jmiss.

Emenda 14

Anness, Artikolu 2, paragrafu 2, punt (f) sa (m)

(f) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u dawk tal-Kumitat Eżekuttiv ***u l-Kumitat tal-Verifika***;

(g) għandu jiddefinixxi, bi qbil mal-Kummissjoni, l-onorarji xierqa għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Kumitat Eżekuttiv ***u l-Kumitat tal-Verifika***; dawn l-onorarji għandhom jitqabblu ma' dispożizzjonijiet simili fl-Istati Membri;

(h) jadotta proċedura għall-għażla tal-Kumitat Eżekuttiv, ***il-Kumitat tal-Verifika*** u d-Direttur;

(i) jaħtar lid-Direttur, lill-Uffiċjal tal-Kontijiet, u lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv ***u tal-Kumitat tal-Verifika***

(j) jistabbilixxi fejn xieraq gruppi konsultattivi li jista' jkollhom dewmien definit;

(k) jippromwovi lill-IET globalment, ħalli jkabbar *l-attraenza* tiegħu u jagħmlu “attur internazzjonali” għall-eċċellenza fl-educazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

(l) jadotta kodiċi ta' kondotta tajba dwar il-kunflitti ta' interess;

(m) jiddefinixxi l-prinċipji u l-linji gwida għall-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

(f) jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu u dawk tal-Kumitat Eżekuttiv;

(g) għandu jiddefinixxi, bi qbil mal-Kummissjoni, l-onorarji xierqa għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Kumitat Eżekuttiv; dawn l-onorarji għandhom jitqabblu ma' dispożizzjonijiet simili fl-Istati Membri;

(h) jadotta proċedura għall-għażla tal-Kumitat Eżekuttiv u d-Direttur;

(i) jaħtar lid-Direttur, lill-Uffiċjal tal-Kontijiet, u lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv;

(j) jistabbilixxi fejn xieraq gruppi konsultattivi li jista' jkollhom dewmien definit;

(k) jippromwovi lill-IET globalment, ħalli jkabbar *il-faxxinu* tiegħu u jagħmlu “attur internazzjonali” għall-eċċellenza fl-educazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

(l) jadotta kodiċi ta' kondotta tajba dwar il-kunflitti ta' interess;

(m) jiddefinixxi l-prinċipji u l-linji gwida għall-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

(n) jiddeċiedi jekk jistabbilixxix funzjoni ta' verifika interna b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE,

Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 tar-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-entitajiet imsemmja fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹.

¹ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

Emenda 15

Anness, Artikolu 5, paragrafu 3, punt (e) sa (h)

(e) ikun responsabbli għal kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji, fosthom l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-IET. Għal dan, id-Direttur għandu jqis il-parir mogħti mill-**Kumitat tal-Verifika**;

(f) ikun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha ta' l-istaff;

(g) iħejji l-programm ta' *ħidma trijennali li jista' jiġi emendat u aġġornat* u r-rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' l-IET u *jibgħathom* lill-Bord tat-Tmexxija;

(h) jibgħat l-abbozz tal-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ lill-**Kumitat tal-Verifika** u wara lill-Bord tat-Tmexxija, permezz tal-Kumitat Eżekuttiv;

(e) ikun responsabbli għal kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji, fosthom l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-IET. Għal dan, id-Direttur għandu jqis il-parir mogħti mill-**funzjoni ta' verifika interna**;

(f) ikun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha *dwar* l-istaff;

(g) iħejji l-*abbozz* tal-programm *rikorrenti trijennali ta' ħidma* u r-rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' l-IET u *jippreżentahom* lill-Bord tat-Tmexxija;

(h) jippreżenta l-abbozz tal-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ lill-**funzjoni ta' verifika interna**, u wara lill-Bord tat-Tmexxija, permezz tal-Kumitat Eżekuttiv;

Ġustifikazzjoni.

Ittemm is-serje ta' emendi sabiex tissostitwixxi l-kumitat ta' verifika permanenti bl-awdituri interni.

Emenda 16

Anness, Artikolu 6

Il-Kumitat tal-Verifika

- 1. Il-Kumitat tal-Verifika għandu jkun magħmul minn 5 persuni maħtura għal perjodu ta' 4 snin mill-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni minn konsulenti esterni bil-kompetenza xierqa fil-kontroll finanzjarju u tal-verifika ta' organizzazzjonijiet akkademiċi, tar-riċerka u tan-negozju.*
- 2. Il-Kumitat tal-Verifika għandu jwettaq dmirijietu f'indipendenza assoluta mill-entitajiet l-oħra ta' l-IET.*
- 3. Il-Kumitat tal-Verifika għandu jeleġġi l-President tiegħu.*
- 4. Il-Kumitat tal-Verifika għandu jirrevedi l-kontijiet proviżorji u joħroġ rakkomandazzjonijiet għall-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur.*
- 5. Il-funzjonijiet li l-Artikolu 185(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 jafda f'idejn l-awditur intern tal-Kummissjoni għandhom jitwettqu taħt ir-responsabilità tal-Kumitat tal-Verifika, li għandu jagħmel provvedimenti apposta.*

Emenda 17
Anness, Artikolu 11

L-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit

1. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu ta' kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet ta' l-IET għandu jikkomunika l-kontijiet provviżorji flimkien ma' rapport dwar l-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għall-Kumitat tal-Verifika, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri.

2. Mal-wasla ta' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Verifika u l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji ta' l-IET, id-Direttur għandu jfassal il-kontijiet finali ta' l-IET taħt ir-responsabilità tiegħu stess u jibgħathom lill-Bord tat-Tmexxija għal opinjoni.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali ta' l-IET.

4. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara, id-Direttur għandu jibgħat il-kontijiet finali, flimkien ma' l-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija, lill-Kummissjoni, il-Qorti ta' l-Awdituri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

5. Id-Direttur għandu jibgħat tveġiba għall-osservazzjonijiet lill-Qorti ta' l-Awdituri sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru. Din it-tveġiba għandu jibgħatha wkoll lill-Bord tat-Tmexxija.

.

Ġustifikazzjoni.

L-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit ta' l-IET għandu jsegwi r-regoli ġenerali stipulati fir-regolament Finanzjarju ta' qafas għall-entitajiet imsemmja fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

PROĊEDURA

Titolu	Istitut Ewropew ta' Teknoloġija
Referenzi	COM(2006)0604 - C6-0355/2006 - 2006/0197(COD)
Kumitat responsabbli	ITRE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CONT 29.11.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur ta' opinjoni: Data tal-ħatra	Umberto Guidoni 27.11.2006
Diskussjoni fil-kumitat	3.5.2007
Data ta' l-adozzjoni	5.6.2007
Riżultat tal-vot finali	+: 19 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-vot finali	Jean-Pierre Audy, Herbert Bösch, Paulo Casaca, Antonio De Blasio, Szabolcs Fazakas, Christofer Fjellner, Ingeborg Gräßle, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Ashley Mote, Jan Mulder, Francesco Musotto, José Javier Pomés Ruiz, Alexander Stubb
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Daniel Caspary, Edit Herczog, Monica Maria Iacob-Ridzi, Bill Newton Dunn, Paul Rübig, Margarita Starkevičiūtė

12.6.2007

OPINJONITAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija

(COM(2006)0604 – – C6-0355/2006 – 2006/0197(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Lidia Joanna Geringer de Oedenberg

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

1. Il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament

Il-proposta biex jitwaqqaf l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija (EIT) tressqet għall-ewwel darba fir-rapport tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' l-evalwazzjoni għall-perjodu ta' żmien medju ta' l-Istrateġija ta' Liżbona. Fit-22 ta' Jannar 2006, fuq il-bażi ta' proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa, il-Kummissjoni adottat l-ewwel komunikazzjoni tagħha dwar l-EIT, u elenkat l-ambizzjonijiet tagħha u l-oqsma ta' azzjoni possibbli tagħha għall-Istitut. F'Marzu 2006, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa li l-EIT ikun pass importanti biex jitneħħa d-distakk eżistenti bejn l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni u stieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta sa nofs Ġunju dwar il-passi ulterjuri li jeħtieġ jittieħdu. Fit-8 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni adottat it-tieni komunikazzjoni dwar l-EIT u fit-18 ta' Ottubru 2006 ressqet proposta għal regolament li jwaqqaf l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija.

2. Il-pożizzjoni tar-rapporteur għal opinjoni

Ir-rapporteur għal opinjoni taqbel mal-prinċipji ġenerali tal-ħolqien u l-attivitajiet ta' l-EIT kif elenkati fil-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu hija tixtieq tressaq għadd ta' emendi li huma maħsubin biex jiġbdu l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li tiġi żviluppata bażi legali u finanzjarja għall-attivitajiet ta' l-Istitut, kif ukoll regoli li jmexxu l-immaniġġjar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali.

S'issa l-ebda inizjattiva ta' l-UE ma indirizzat b'mod sħiħ it-tliet naħat tat-trijangolu ta' l-għarfien fl-istess ħin b'mod kompletament integrat u b'sostenn reċiproku. Il-programmi preċedenti ffukaw bis-sħiħ biss fuq element wieħed tat-trijangolu jew, l-iktar l-iktar, fuq tnejn minnhom (*is-Seba' Programm ta' Qafas ta' Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku 2007-2013*), u prinċipalment appoġġjaw l-iżvilupp tagħhom fuq livell nazzjonali biss. Fid-dawl tal-karattru u d-daqs ta' l-isfida ta' l-innovazzjoni, l-attivitajiet fuq livell Ewropew jistgħu joffru benefiċċji addizzjonali li l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu billi jaħdmu weħidhom.

Il-proposta biex jitwaqqaf Istitut Ewropew għat-Teknoloġija hija importanti għad-dinja ta' l-edukazzjoni u x-xjenza, b'mod partikulari fl-Istati Membri l-ġodda ta' l-Unjoni, għax din iżżid l-opportunitajiet għal koperazzjoni diretta bejn l-istituti edukattivi u xjentifiċi f'dawk il-pajjiżi u fl-iżjed korpi progressivi ta' l-Ewropa, kif ukoll għan-negozji Ewropej, filwaqt li tinkuraġġixxi applikazzjonijiet għal fondi minn programmi edukattivi ta' l-Unjoni. Minħabba dan, l-Istitut għandu joħloq opportunitajiet għall-iżvilupp ta' programmi edukattivi u ta' riċerka li jkun b'żewġ fuq rekwiżiti ekonomiċi ġenwini. Ta' min ifaħħar il-fatt li l-missjoni ta' l-Istitut tenfasizza l-ħtieġa li jsir iżjed biex is-sejbiet tar-riċerka jkunu kummerċjalizzati u li din għandha perspettiva fit-tul dwar kif il-ħidma ta' l-EIT għandha żżid il-kompetittività ta' l-ekonomiji Ewropej u nazzjonali fis-swieq dinjin.

Fir-rigward tal-kunċett tat-'trijangolu ta' l-għarfien', ir-rapporteur għal opinjoni tiegħek temmen li l-bażi legali għar-regoli proposti teskludi l-possibilità li l-EIT taħdem bħala istituzzjoni edukattiva u li tati kwalifiki akkademiċi, minħabba li skond l-Artikolu 49 tat-Trattat ta' l-UE l-edukazzjoni hija kompetenza nazzjonali.

L-EIT għandu jiżviluppa l-kwalifika tiegħu, jiġifieri diploma ta' l-EIT, li tissupplimenta l-lawrji mogħtija minn istituti edukattivi li jappartjenu lill-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KICs).

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tat-tliet elementi tat-triangolu ta' l-għarfien kollu kemm hu, ir-rapporteur għal opinjoni tiegħek hija tal-fehma li l-ħidma ewlenija ta' l-EIT għandha tkun li tappoġġja l-innovazzjoni. Għaldaqstant, l-objettivi tar-riċerka ta' l-EIT għandhom ikunu ffukati fuq l-iżvilupp ta' l-innovazzjoni iżjed milli fuq it-twettiq tar-riċerka xjentifika bażika.

Fir-rigward ta' l-istruttura ta' l-Istitut, hemm bżonn li jiġu ċċarati r-relazzjonijiet reċiproċi bejn l-Istitut u l-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni u l-korpi li jiffirmawhom, li jista' jkollhom tifsira diretta biex jiġu identifikati l-karatteristiċi ta' l-għanijiet ta' l-EIT u l-KICs, pereżempju, f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament.

Fir-rigward tal-finanzjament ta' l-Istitut, ir-rapporteur għal opinjoni tiegħek tirreferi għall-ħtieġa li titfassal bażi finanzjarja għall-attività ta' l-Istitut u li jiġi determinat b'mod preċiż l-ammont ta' finanzjament minn sorsi individwali, li jridu jkunu konformi mal-**forma u l-istrutturi ta' aġenzija deċentralizzata**. Għalhekk hemm il-ħtieġa li l-Kummissjoni tevalwa l-possibilità li tuża parti mill-marginjiet mhux allokat skond il-limiti tas-sottointestatura 1A biex tiffinanzja l-EIT sa l-ammont ta' EUR 308.7 miljun. It-twaqqif ta' bażi legali u finanzjarja tajba sabiex ikun żgurat it-tħaddim amministrattiv u operazzjonali xieraq ta' l-Istitut huwa vitali sabiex tinbena sħubija fit-tul bejn l-edukazzjoni oġġla, l-istituti ta' riċerka u l-organizzazzjonijiet privati u biex tiġi promossa l-innovazzjoni fuq livell komunitarju.

Il-fondi Komunitarji bażiċi allokat lill-EIT **għandhom jirrappreżentaw supplement lill-Prospettiva Finanzjarja fis-seħħ**, iżda għandhom jinkisbu riżorsi addizzjonali minn sorsi esterni, fuq livell nazzjonali, reġjonali jew privat.. Il-ħila li jiġbor il-fondi tiegħu stess, kemm minn sorsi esterni u kemm minn dħul mill-attivitajiet tiegħu stess (fl-ambitu ta' l-immaniġġjar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, li skond il-proposta għall-EIT se jakkumla maż-żmien) se tkun kruċjali għall-attività ta' l-EIT. Fid-dawl ta' l-iskarzezza persistenti ta' fondi għar-riċerka u l-iżvilupp xjentifiku fl-UE, iridu jsiru sforzi biex jiġi żgurat li l-EIT jkollu livell garantit ta' finanzjament Komunitarju li ma jkunx ipprovdut a skapitu ta' attivitajiet Komunitarji kurrenti ta' riċerka u innovazzjoni.

Immaniġġjar xieraq u distribuzzjoni bilanċjata ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali huma elementi vitali għall-iżvilupp u l-investment fl-innovazzjoni.. Il-linji gwida preċiżi stipulati mill-EIT f'dan il-qasam għandhom ikunu konformi mar-regoli li jmexxu, pereżempju, il-parteċipazzjoni ta' impriżi, istituti ta' riċerka u universitajiet f'attivitajiet magħmulin taħt is-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2013), li kienu diġà ġew approvati mill-Kunsill u l-Parlament. Barra minn dan, ir-rapporteur għal opinjoni tiegħek jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tissorvelja l-mod kif inhija mmaniġġjata l-proprjetà intellettuali, u kif inhuma maqsuma l-ispejjeż u l-profitti fi proporzjon mal-kontribuzzjoni minn organizzazzjonijiet sħab individwali.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill- Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni¹

Emendi tal-Parlament

Emenda 1 Premessa 6

(6) L-IET għandu jkollu l-għan li jagħti sehem għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Komunità u ta' l-Istati Membri, billi *jinvolti bis-sħiħ* l-attivitajiet ta' edukazzjoni, riċerka **u** innovazzjoni fl-ogħla standards internazzjonali.

(6) L-IET għandu jkollu l-għan li jagħti sehem għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Komunità u ta' l-Istati Membri, billi *jikkollerata* l-attivitajiet ta' edukazzjoni **u** riċerka *ma' dawk ta' l-* innovazzjoni fl-ogħla standards internazzjonali.

Ġustifikazzjoni.

L-attivitajiet ta' l-EIT għandhom ikopru t-tliet naħat tat-triangolu ta' l-għarfien, sabiex jinkiseb l-għan ewlieni tagħhom li tingħata spinta lill-innovazzjoni.

Emenda 2 Premessa 10

(10) Hemm bżonn li l-edukazzjoni tiġi sostnuta bħala komponent integrali, għalkemm spiss nieqes, ta' strateġija ta' innovazzjoni komprensiva. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li *l-lawrji u* d-diplomi mogħtija permezz tal-KICs għandhom ikunu *gradi u* diplomi ta' l-IET. L-IET għandu jippromwovi r-rikonoxximent *tal-gradi u* d-diplomi ta' l-IET fl-Istati Membri. Dawn l-attivitajiet kollha għandhom jitwettqu bla ħsara għad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta'

(10) Hemm bżonn li l-edukazzjoni tiġi sostnuta bħala komponent integrali, għalkemm spiss nieqes, ta' strateġija ta' innovazzjoni komprensiva. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li d-diplomi mogħtija permezz tal-KICs għandhom ikunu diplomi ta' l-IET. L-IET għandu jippromwovi r-rikonoxximent *tad-*diplomi ta' l-IET fl-Istati Membri. Dawn l-attivitajiet kollha għandhom jitwettqu bla ħsara għad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali.

¹ Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

kwalifiki professjonali.

Ġustifikazzjoni.

Fid-dawl tal-bażi legali għall-proposta u tal-fatt li l-kompetenza fil-qasam ta' l-edukazzjoni oġġla tinsab fidejn l-Istati Membri, l-EIT m'hux intitolat li jagħti lawrji. Madankollu, id-diplomi ta' l-EIT huma soluzzjoni adegwata fir-rigward tal-promozzjoni ta' l-irwol tal-proġetti ta' l-EIT u ta' l-istudenti li jieħdu sehem fihom.

Emenda 3
Premessa 11

(11) L-IET għandu jistabbilixxi linji gwida għall-*ġestjoni* tal-proprjetà intellettuali, li għandhom irawmu l-użu tal-proprjetà intellettuali taħt *kondizzjonijiet* adatti, inkluż permezz tal-ħruġ ta' liċenzji; jipprovdi inċentivi xierqa għall-IET u s-sħab, inklużi l-individwi involuti, il-KICs u organizzazzjonijiet sħab kif ukoll għall-ispin-offs u għall-esplojtazzjoni kummerċjali. Fejn attivitajiet ikunu ffinanzjati taħt il-Programmi ta' Qafas Komunitarji għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, japplikaw ir-regoli ta' dawk il-programmi.

(11) L-IET għandu jistabbilixxi linji gwida ***ċari u trasparenti*** għall-*immaniġġjar* tal-proprjetà intellettuali, li għandhom irawmu l-użu tal-proprjetà intellettuali taħt *kundizzjonijiet* adatti, inkluż permezz tal-ħruġ ta' liċenzji; jipprovdi inċentivi xierqa għall-IET u s-sħab, inklużi l-individwi involuti, il-KICs u organizzazzjonijiet sħab kif ukoll għall-ispin-offs u għall-esplojtazzjoni kummerċjali. Fejn attivitajiet ikunu ffinanzjati taħt il-Programmi ta' Qafas Komunitarji għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, japplikaw ir-regoli ta' dawk il-programmi.

Ġustifikazzjoni.

Jekk l-EIT irid jirrekluta sħab xjentifiċi u finanzjarji, huwa vitali għall-Istitut li jistipula linji gwida sodi għall-immaniġġjar tal-proprjetà intellettuali.

Emenda 4
Premessa 12

(12) ***Iridu jsiru d-dispożizzjonijiet xierqa biex jiggarrantixxu*** r-responsabilità u t-trasparenza ta' l-IET. ***Ir-regoli adatti li jiggvernaw it-tħaddim tiegħu*** jiġu adottati fl-Istatuti ta' l-IET.

(12) Iridu jsiru dispożizzjonijiet xierqa ***li*** jiggarrantixxu ***li*** r-responsabilità u t-trasparenza ta' l-IET jiġu adottati fl-Istatuti ta' l-IET.

Emenda 5
Premessa 13

(13) Sabiex jiġu garantiti l-awtonomija u l-indipendenza fil-ħidma ta' l-IET, l-IET għandu jamministra l-baġit tiegħu stess li d-dħul tiegħu għandu jinkludi kontribuzzjoni mill-Komunità kif ukoll kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u organizzazzjonijiet privati, entitajiet jew istituzzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali, dħul iġġenerat mill-attivitajiet jew doti ta' l-IET stess. L-IET għandu jipprova jattira kontribut finanzjarju dejjem jiżdied mill-organizzazzjonijiet privati.

(13) Sabiex jiġu garantiti l-awtonomija u l-indipendenza fil-ħidma ta' l-IET, l-IET għandu **jkollu personalità legali u** jamministra l-baġit tiegħu stess li d-dħul tiegħu għandu jinkludi kontribuzzjoni mill-Komunità kif ukoll kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u organizzazzjonijiet privati, entitajiet jew istituzzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali, dħul iġġenerat mill-attivitajiet ta' l-IET stess **li jkunu konnessi ma' l-immaniġġjar tal-proprjetà intellettwali** jew *mid-doti tiegħu*. L-IET għandu jipprova jattira kontribut finanzjarju dejjem jiżdied mill-organizzazzjonijiet privati.

Ġustifikazzjoni.

Il-personalità legali ta' l-EIT, kif stipulata fil-proposta tal-Kummissjoni, hija aspett importanti ta' l-awtonomija tiegħu, fid-dawl tal-pjan tal-firxa wiesgħa ta' l-attivitajiet tiegħu. Ir-riżorsi li jirriżultaw mill-immaniġġjar tal-proprjetà intellettwali għandhom ikunu sors vitali ta' dħul għall-EIT.

Emenda 6 Premessa 15

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas finanzjarju għall-perjodu 2008 sa l-2013 li se jkun il-punt ewlieni ta' riferiment għall-awtorità baġitarja, fi ħdan it-tifsira tal-punt 37 tal-*Ftehim Interistituzzjonali* tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda.

(15) Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas finanzjarju għall-perjodu 2008 sa l-2013 li se jkun il-punt ewlieni ta' riferiment għall-awtorità baġitarja, fi ħdan it-tifsira tal-**punti 37 u 47** tal-*Ftehim Interistituzzjonali* tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda.

Ġustifikazzjoni.

Fil-forma li qiegħda tipproponi l-Kummissjoni, l-EIT għandu struttura ta' aġenzija. Dan il-fatt għandu jkun enfasizzat fil-bażi legali prevista minn dan ir-regolament.

Emenda 7 Premessa 16

(16) L-IET huwa entità stabbilita mill-Komunitajiet fis-sens ta' l-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju

(16) L-IET huwa entità stabbilita mill-Komunitajiet fis-sens ta' l-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju

applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u għandu jadotta r-regolamenti finanzjarji skond dan.

applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej **u mill-punt 47 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-tmexxija finanzjarja soda**, u għandu jadotta r-regolamenti finanzjarji **xierqa** skond dan.

Ġustifikazzjoni.

Fil-forma li qiegħda tipproponi l-Kummissjoni, l-EIT għandu struttura ta' aġenzija. Dan il-fatt għandu jkun enfasizzat fil-bażi legali prevista minn dan ir-regolament.

Emenda 8

Artikolu 2, paragrafu 2

2. 'Komunità ta' Għarfien u Innovazzjoni' tfisser joint-venture ta' organizzazzjonijiet sħab, tkun xi tkun il-forma ġuridika tagħhom, magħżul u ddeżinjat mill-IET biex iwettaq fl-ogħla livell attivitajiet **integrati ta' innovazzjoni**, riċerka u edukazzjoni f'qasam speċifiku.

2. 'Komunità ta' Għarfien u Innovazzjoni' tfisser joint-venture ta' organizzazzjonijiet sħab, tkun xi tkun il-forma ġuridika tagħhom, magħżul u ddeżinjat mill-IET biex iwettaq fl-ogħla livell **proġetti li jgħaqqdu** attivitajiet **ta'** riċerka u edukazzjoni **ma' l-innovazzjoni** f'qasam speċifiku.

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li jiġi żgurat li fuq kolloxx il-KICs ikunu ffukati fuq l-innovazzjoni billi jisfruttaw il-potenzjal xjentifiku u ta' riċerka.

Emenda 9

Artikolu 2, paragrafu 6 a (ġdid)

6a. "Lawrja" tfisser kwalunkwe lawrja mogħtija lil student minn kulleġġ, università jew skola vokazzjonali ogħla wara t-tlestija ta' programm ta' taħriġ avvanzat.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tkun ċara li l-EIT fih innfisu mhux istituzzjoni edukattiva u li għalhekk m'hux intitolat li jagħti lawrji formali, trid issir distinzjoni bejn lawrji li jingħataw minn skejjel ogħla li jaqgħu taħt l-awtorità ta' l-Istati Membri u d-diplomi ta' l-EIT, li jirrappreżentaw riżultat ta' suċċess addizzjonali mogħti mill-EIT li madankollu ma jkunx sinifikanti sakemm dan ma jkunx akkumpanjat b'lawrja formali mogħtija minn istituzzjoni edukattiva.

Emenda 10
Artikolu 2, paragrafu 6b (ġdid)

**6b. “Diploma ta' l-EIT” tfisser
ċertifikazzjoni ta' parteċipazzjoni minn
student f'attività ta' l-EIT li tkun
tirrappreżenta parti integrali minn kors ta'
studju f'istituzzjoni edukattiva li jkollha s-
setgħa li tagħti l-lawrji.**

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tenfasizza l-fatt li d-diplomi ta' l-EIT jirrappreżentaw suċċess addizzjonali biss u li ma jissostitwixxux il-lawrji.

Emenda 11
Artikolu 4, paragrafu 1, punt (c)

(c) iqajjem kuxjenza fost organizzazzjonijiet
sħab potenzjali;

(c) iqajjem kuxjenza **dwar l-attivitajiet
tiegħu** fost organizzazzjonijiet sħab
potenzjali;

Emenda 12
Artikolu 4, paragrafu 1, punt (e)

(e) jimmobilizza l-fondi meħtieġa minn sorsi
pubbliċi u privati u juża r-riżorsi tiegħu
b'konformità ma' dan ir-Regolament.
B'mod *partikolari* huwa se jipprova jiġbor
proporzjon dejjem *tiżdied* mill-baġit tiegħu
minn sorsi privati u mir-**rizzorsi** tiegħu stess;

(e) jimmobilizza l-fondi meħtieġa minn sorsi
pubbliċi u privati u juża r-riżorsi tiegħu
b'konformità ma' dan ir-Regolament.
B'mod *partikolari* huwa se jipprova jiġbor
proporzjon dejjem *jiżdied* mill-baġit tiegħu
minn sorsi privati u **minn dħul iġġenerat
mill-attivitajiet tiegħu stess.**

Ġustifikazzjoni.

*L-EIT għandu jibni l-kapital tiegħu b'mod kontinwu billi jieħu vantaġġ minn rizzorsi privati
jew billi jagħmel l-attivitajiet tiegħu stess.*

Emenda 13
Artikolu 4, paragrafu 1, punt (f)

(f) jippromwovi r-rikonoxximent tal-**lawrji u**
d-diplomi ta' l-IET fl-Istati Membri.

(f) jippromwovi r-rikonoxximent **tad-
diplomi** ta' l-IET fl-Istati Membri.

Ġustifikazzjoni.

*Fid-dawl tal-bażi legali għall-proposta u tal-fatt li l-kompetenza fil-qasam ta' l-edukazzjoni
ogħla tinsab f'idejn l-Istati Membri, l-EIT ma jistax jagħti lawrji.*

Emenda 14
Artikolu 5, paragrafu 2, subparagrafu 3 punt (c)

(c) **il-bażi li fuqhom jingħataw il-lawrji u d-diplomi inklużi** l-arranġamenti biex titqies il-politika Komunitarja dwar l-Ispazju Ewropew ta' Edukazzjoni Ogħla, *partikolarment* f'termini ta' kompatibilità, trasparenza, rikonoxximent **u l-kwalità** tal-lawrji u d-diplomi;

(c) l-arranġamenti biex titqies il-politika Komunitarja dwar l-Ispazju Ewropew ta' Edukazzjoni Ogħla, *partikolarment* f'termini ta' kompatibilità, trasparenza, rikonoxximent tal-lawrji u d-diplomi;

Ġustifikazzjoni

Minkejja li d-dimensjoni Ewropea ta' l-aspetti edukattivi tal-KICs potenzjali għandha tingħata kunsiderazzjoni notevoli fil-proċedura ta' l-għażla, it-termini użati fil-proposta attwali huma doġoq wisq.

Emenda 15
Artikolu 6, paragrafu 1

1. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li, fid-dixxiplini u l-oqsma fejn jitwettqu studji u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni permezz tal-KICs, **il-lawrji u d-diplomi mogħtija permezz tal-KICs għandhom ikunu lawrji u diplomi ta' l-IET.**

1. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li, fid-dixxiplini u l-oqsma fejn jitwettqu studji u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni permezz tal-KICs, **għandhom jingħataw diplomi ta' l-IET.**

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-bażi legali għall-proposta u tal-fatt li l-kompetenza fil-qasam ta' l-edukazzjoni ogħla tinsab f'idejn l-Istati Membri, l-EIT m'hux intitolat li jagħti lawrji. Madankollu, id-diplomi ta' l-EIT huma soluzzjoni adegwata fir-rigward tal-promozzjoni ta' l-irwol tal-proġetti ta' l-EIT u ta' l-istudenti li jieħdu sehem fihom.

Emenda 16
Artikolu 6, paragrafu 2

2. L-IET għandha thegħeġ l-organizzazzjonijiet sħab biex jagħtu lawrji u diplomi konġunti li jirriflettu n-natura integrata tal-KICs. Madankollu, dawn jistgħu jkunu wkoll lawrji mogħtija minn istituzzjoni waħda kif ukoll lawrji u diplomi doppji u multipli.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-bażi legali għall-proposta u tal-fatt li l-kompetenza fil-qasam ta' l-edukazzjoni oġhla tinsab f'idejn l-Istati Membri, l-EIT ma jistax jagħti lawrji.

Emenda 17 Artikolu 6, paragrafu 3

3. L-Istati Membri *jikkooperaw* bir-rikonoxximent ***tal-lawrji u*** d-diplomi ta' l-IET.

3. L-Istati Membri *jikkoperaw* bir-rikonoxximent ***u l-promozzjoni tad-***diplomi ta' l-IET.

Ġustifikazzjoni

Għalkemm diploma ta' l-EIT m'hix se tkun ekwivalenti għal-lawrja, għandha tkun riżultat ta' suċċess u l-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jirrikonoxxuha.

Emenda 18 Artikolu 9, paragrafu 1, parti introduttorja

I. L-IET għandu jiddefinixxi u jipubblika l-prinċipji u l-linji gwida għall-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali. Huwa għandu:

I. L-IET għandu jiddefinixxi u jipubblika l-prinċipji u l-linji gwida għall-*immaniġġjar* tal-proprjetà intellettuali, ***skond ir-regoli stipulati f'Kapitolu 3, Sezzjoni 2 tar-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstipula r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet tas-Seba' Programm ta' Qafas u għax-xandir tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013)***¹. Huwa għandu:

¹ ĠU, L 391, 30.12.2006, p. 1.

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli li jirregolaw il-proprjetà intellettuali għandhom ikunu konformi ma' dawk li jmexxu l-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet tas-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2013) li huma diġà adottati mill-Kunsill u l-Parlament.

Emenda 19 Artikolu 9, paragrafu 1, punt (c)

(c) irawwem l-użu tal-Proprietà Intellettuali taħt il-kondizzjonijiet adatti għal finijiet ta'

(c) irawwem l-użu tal-Proprietà Intellettuali taħt il-kondizzjonijiet adatti għal finijiet ta'

riċerka u innovazzjoni, b' mod *partikolari* billi jiddefinixxi kif il-Proprietà Intellettwali se tinqasam bejn l-IET u sħabu;

riċerka u innovazzjoni, b' mod *partikolari* billi jiddefinixxi kif il-Proprietà Intellettwali se ***tkun użata u maqsuma*** bejn l-IET u sħabu ***b'konformità mal-leġislazzjoni fis-seħħ tal-Komunità u ta' l-Istati Membri;***

Ġustifikazzjoni

L-EIT se jaħdem b'konformità mal-leġislazzjoni ta' l-UE fis-seħħ.

Emenda 20

Artikolu 14, paragrafu 1, punt (a)

(a) programm rikorrenti trijennali ta' ħidma li fih stqarrija tal-prijoritajiet ewlenin tiegħu u l-inizjattivi ppjanati inkluża stima ta' bżonnijiet u sorsi finanzjarji. L-abbozz ta' programm ta' ħidma għandu jintbagħat mill-Bord Governattiv lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni fi żmien tliet xhur fir-rigward tal-kumplimentarjetà tagħha mal-politiki u l-istrumenti Komunitarji. Fejn il-Kummissjoni tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha, il-Bord tat-Tmexxija għandu jeżamina mill-ġdid il-programm u jadottah bi kwalunkwe emendi xierqa;

(a) programm rikorrenti trijennali ta' ħidma li fih stqarrija tal-prijoritajiet ewlenin tiegħu u l-inizjattivi ppjanati inkluża stima ta' bżonnijiet u sorsi finanzjarji. L-abbozz ta' programm ta' ħidma għandu jintbagħat mill-Bord Governattiv lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni fi żmien tliet xhur fir-rigward tal-kumplimentarjetà tagħha mal-politiki u l-istrumenti Komunitarji. Fejn il-Kummissjoni tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha, il-Bord tat-Tmexxija għandu jeżamina mill-ġdid il-programm u jadottah bi kwalunkwe emendi xierqa, ***qabel ma jressquh lill-Parlament u lill-Kunsill għall-approvazzjoni;***

Ġustifikazzjoni

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew iridu jkun kapaċi jissorveljaw l-attivitajiet ta' l-EIT fuq livell strateġiku billi japprovawlu l-programm ta' ħidma tiegħu.

Emenda 21

Artikolu 18, paragrafu 1

1. L-IET għandu jadotta r-regoli finanzjarji tiegħu skond l-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002. Il-bżonn ta' flessibilità operazzjonali adegwata għandu jitqies kif ħaqqu sabiex jippermetti lill-IET jilħaq l-għanijiet tiegħu u jattira u jżomm is-sħab fis-settur privat.

1. L-IET għandu jadotta r-regoli finanzjarji tiegħu skond l-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002 ***u l-punt 47 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-tmexxija finanzjarja soda.*** Il-bżonn ta' flessibilità operazzjonali adegwata għandu jitqies kif ħaqqu sabiex jippermetti lill-IET jilħaq l-għanijiet tiegħu u jattira u jżomm is-sħab fis-settur privat.

Ġustifikazzjoni

Fil-forma li qiegħda tipproponi l-Kummissjoni, l-EIT għandu struttura ta' aġenzija. Dan il-fatt għandu jkun enfasizzat fil-bażi legali prevista minn dan ir-regolament.

Emenda 22

Anness, Artikolu 5, paragrafu 1

1. Id-Direttur għandu ***jkun persuna ta' kompetenza u*** reputazzjoni għolja fl-oqsma li fihom jopera l-IET. Huwa għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija għal mandat ta' 4 snin. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jestendi dak il-mandat darba b'4 snin meta jqis li l-interessi ta' l-IET jinqdew aħjar jekk isir hekk.

1. Id-Direttur għandu ***jkollu kwalifiki akkademiċi u xjentifiċi u għandu jkollu*** reputazzjoni għolja fl-oqsma li fihom jopera l-IET. Huwa għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija għal mandat ta' 4 snin. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jestendi dak il-mandat darba b'4 snin meta jqis li l-interessi ta' l-IET jinqdew aħjar jekk isir hekk.

Ġustifikazzjoni

Aħna tal-fehma li l-kejl fundamentali tal-kompetenza tad-Direttur ta' l-EIT hija l-pussess ta' kwalifiki xjentifiċi u pedagoġiċi.

PROĊEDURA

Titolu	Istitut Ewropew ta' Teknoloġija		
Referenzi	COM(2006)0604 - C6-0355/2006 - 2006/0197(COD)		
Kumitat responsabbli	ITRE		
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI	29.11.2006	
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	29.11.2006		
Rapporteur ta' opinjoni: Data tal-ħatra	Lidia Joanna Geringer de Oedenberg	26.2.2007	
Diskussjoni fil-kumitat	11.4.2007	3.5.2007	
Data ta' l-adozzjoni	11.6.2007		
Riżultat tal-vot finali	+: 17	-: 0	
	0: 0		
Membri preżenti għall-vot finali	Carlo Casini, Cristian Dumitrescu, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Klaus-Heiner Lehne, Alain Lipietz, Antonio Masip Hidalgo, Manuel Medina Ortega, Aloyzas Sakalas, Diana Wallis, Rainer Wieland, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka		
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Luis de Grandes Pascual, Janelly Fourtou, Kurt Lechner, Michel Rocard, Gabriele Stauner		

PROĊEDURA

Titolu	Istitut Ewropew ta' Teknoloġija			
Referenzi	COM(2006)0604 - C6-0355/2006 - 2006/0197(COD)			
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	18.10.2006			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE	29.11.2006		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni	BUDG	CONT	IMCO	CULT

Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	29.11.2006	29.11.2006	29.11.2006	29.11.2006
	JURI 29.11.2006			
Opinjoni mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	IMCO 19.12.2006			
Koperazzjoni aktar mill-qrib Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 18.1.2007			
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Reino Paasilinna 23.11.2006			
Diskussjoni fil-kumitat	19.3.2007			
Data ta' l-adozzjoni	9.7.2007			
Riżultat tal-vot finali	+: -: 0:	32 7 1		
Membri preżenti għall-vot finali	John Attard-Montalto, Jerzy Buzek, Jorgo Chatzimarkakis, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Den Dover, Nicole Fontaine, Norbert Glante, Umberto Guidoni, Fiona Hall, David Hammerstein, Rebecca Harms, Erna Hennicot-Schoepges, Mary Honeyball, Ján Hudacký, Romana Jordan Cizelj, Anne Laperrouze, Romano Maria La Russa, Eluned Morgan, Angelika Niebler, Reino Paasilinna, Atanas Papanizov, Aldo Patriciello, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Mechtild Rothe, Paul Rübig, Andres Tarand, Britta Thomsen, Catherine Trautmann, Claude Turmes			
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Pilar Ayuso, Joan Calabuig Rull, Avril Doyle, Göran Färm, Neena Gill, Edit Herczog, Hannes Swoboda, Lambert van Nistelrooij			
Data tat-tressiq	23.7.2007			